Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ID-DIRETTIVA 2004/18/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-31ta' Marzu 2004

fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi

(ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2004 tat-28 ta' Ottubru 2004	L 183M	278	29.10.2004
►M2	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE tas-7 ta' Settembru 2005	L 287M	491	1.10.2005
►M3	Id-Direttiva 2005/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005	L 323	55	9.12.2005
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2083/2005 tad-19 ta' Diċembru 2005	L 321M	381	20.12.2005
►M5	Direttiva tal-Kunsill 2006/97/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	735	31.12.2008
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1422/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007	L 317	34	5.12.2007
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2008 tat-28 ta' Novembru 2007	L 74	1	15.3.2008
►M8	Deċiżjoni tal-kummissjoni 2008/963/KE tad-9 ta' Diċembru 2008	L 349	1	24.12.2008
►M9	Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009	L 188	14	18.7.2009
►M10	Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009	L 216	76	20.8.2009
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2009 tat-30 ta' Novembru 2009	L 314	64	1.12.2009
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1251/2011 tat-30 ta' Novembru 2011	L 319	43	2.12.2011

▼B

ID-DIRETTIVA 2004/18/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-31ta' Marzu 2004

fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u l-Artikolu 55 u l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fid-9 ta' Diċembru 2003,

Billi:

(1) Fl-okkażjoni ta' l-emendi ġodda li qegħdin jiġu magħmula lill-Kunsill id-Direttivi 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatati mal-proċeduri tal-kordinazzjoni għall-għoti ta' kuntratti għal servizzi pubbliċi ([5]), 93/36/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 kordinament ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal provvisti pubbliċi ([6]) u 93/37/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li jikkonċernaw il-kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi ([7]), li huma meħtieġa biex jilqgħu t-talbiet għas-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni magħmula mill-awtoritajiet kuntrattwali u mill-operaturi ekonomiċi fit-tweġibiet tagħhom għall-Green Paper adottata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 1996, id-Direttivi għandhom, fl-interess ta' kjarifika, ikunu mibdula. Din id-Direttiva hija bbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kriterja ta' l-għoti. li tikklarifika l-possibbiltajiet għall-awtoritajiet kuntrattwali li jilqgħu l-bżonnijiet tal-pubbliku kkonċernat, li jinkludu ż-żona ambjentali u/jew soċjali, sakemm din il-kriterja hija marbuta mal-materja soġġettiva tal-kuntratt, ma jikkonferixxix libertà ta' għażla bla limitu fuq l-awtorità kuntrattwali, huma espressament imsemmija u huma konformi mal-prinċipji fundamentali msemmija fil-premessi 2.

([1]) ĠU C 29 E, 30.1.2001, p. 11 u ĠU C 203 E, 27.8.2002, p. 210.
([2]) ĠU C 193, 10.7.2001, p. 7.
([3]) ĠU C 144, 16.5.2001, p. 23.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2002 (ĠU C 271 E, 7.11.2002, p. 176), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2003 (ĠU C 147 E, 24.6.2003, p. 1) u Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2003 (għad mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Riżoluzzjoni Leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Jannar 2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Frar 2004.
([5]) ĠU L 209, 24.7.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE (ĠU L 285, 29.10.2001, p. 1).
([6]) ĠU L 199, 9.8.1993, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE.
([7]) ĠU L 199, 9.8.1993, p. 54. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE.

▼B

(2) L-għoti tal-kuntratti ffinalizzati fl-Istati Membri f'isem l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u korpi oħra mmexxija minn entitajiet legali pubbliċi, huwa soġġett li josserva l-prinċipji tat-Trattat u in partikolari għall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-prodotti, il-prinċipju ta' l-istabbiliment ħieles u l-prinċipju tal-libertà li tipprovdi servizzi u l-prinċipji li jitnisslu minn dawn, bħal ma huwa il-prinċipju tat-trattament ugwali, il-prinċipju ta' bla diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' għarfien reċiproku, il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-prinċipju tat-trasparenza. Madankollu, għall-kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu ammont, huwa rakkomandat li jinħarġu dispożizzjonijiet ta' kordinazzjoni Komunitarja tal-proċeduri nazzjonali għall-għoti ta' kuntratti bħal dawn li huma bbażati fuq dawn il-prinċipji sabiex jiġu assigurati l-effetti li dawn jista' jkollhom u biex jiggarantixxu l-bidu tal-kisba għall-kompetizzjoni. Dawn il-dispożizzjonijiet kordinati għandhom għalhekk jiġu interpretati skond ir-regoli imsemmija aktar qabel u l-prinċipji u regoli oħra tat-Trattat.

(3) Dispożizzjonijiet kordinati bħal dawn għandhom ikunu konformi sakemm ikun possibli mal-proċeduri u prattiċi preżenti f'kull Stat Membru.

(4) Stati Membri għandhom jassiguraw illi l-parteċipazzjoni ta' korpi rregolati mill-liġi pubblika bħal dak li jagħmel l-offerta fil-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ma jikkawżax tgħawiġ ta' kompetizzjoni in konnessjoni ma' dawk li jagħmlu l-offerti privatament.

(5) Taħt l-Artikolu 6 tat-Trattat, il-kondizzjonijiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jiġu mdaħħla fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet Komunitarji riferuti fl-Artikolu 3 ta' dak it-Trattat, b'mod partikolari bil-għan li jippromwovi żvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva għalhekk tikklarifika kif l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni ambjentali u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tassigura l-possibilità li takkwista l-aktar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom.

(6) F'din id-Direttiva xejn m'għandu jostakola l-imposizzjoni jew l-infurzar tal-miżuri neċessarji biex tkun protetta l-politika pubblika, il-moralità pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa, il-ħajja umana u dik ta' l-annimali jew il-preservazzjoni tal-ħajja tal-pjanti, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' l-iżvilupp sostenibbli, bil-kondizzjoni li dawn il-miżuri huma konformi mat-Trattat.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 li tikkonċerna l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea fejn jikkonċernaw materji fi ħdan il-kompetenza tagħha, tal-Ftehim milqugħ fin-negozjati multilaterali tal-Laqgħa ta' l- Urugwaj (1986 sa 1994) ([1]), approva in partikolari il-ftehim ODK fuq il-Kisba Governattiva hawnhekk iżjed 'l quddiem riferut bħala il-"Ftehim", li l-iskop tiegħu hu li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u dmirijiet bilanċjati konnessi mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li tinkiseb il-liberalizzazzjoni u t-twessigħ tal-kummerċ mondjali.

Minħabba d-drittijiet internazzjonali u r-rabtiet mgħoddija lill-Komunità riżultat ta' aċċettazzjoni tal-Ftehim, l-arranġamenti li għandhom jiġu mħaddna għal dawk li jagħmlu l-offerti u

([1]) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

▼B

l-prodotti ma' l-istati terzi firmatarji huma dawk definiti bil-Ftehim. Dan il-Ftehim m'għandux effett dirett fuq l-ispeċifikazzjonijiet provduti, madanakollu, dan l-istess parir ma jippermettix li jkollu effett fuq l-awtoritajiet kuntrattwali li jaqgħu taħt dan il-Ftehim li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u li japplikaw dan ta' l-aħħar għall-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li huma firmatarji tal-Ftehim għandhom għalhekk ikunu konformi mal-Ftehim. Huwa wkoll xieraq illi dawk il-disposizzjonijiet ta' kordinazzjoni għandhom jiggarantixxu l-kondizzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi Komunitarji biex jipparteċipaw fil-kisbiet pubbliċi li huma favorevoli daqs dawk riservati għall-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li huma firmatarji tal-Ftehim.

(8) Qabel it-tnedija ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt, l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu, billi jużaw djalogu tekniku, jfittxu jew jaċċettaw pariri li jistgħu jiġu wżati fil-preparazzjoni tal-kompetittività.

(9) Minħabba d-diversità tal-kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jagħmlu disposizzjoni biex il-kuntratti għad-disinn u l-esekuzzjoni ta' xogħol jiġu mgħotija separatament jew inkella konġunti. M'hijiex l-intenzjoni ta' din id-Direttiva li tippreskrivi għotjiet konġunti jew separati. Id-deċiżjoni li jingħataw kuntratti separati jew konġunti trid tkun determinata bi kriterja kwalifikattiva u ekonomika, li tista' tiġi definita b'liġi nazzjonali.

(10) Kuntratt se jkun meqjus biss bħala kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi jekk is-suġġett speċifiku jħaddan l-esekuzzjoni ta' attivitajiet elenkati fl-Anness 1, anke jekk il-kuntratt iħaddan il-disposizzjoni ta' servizzi oħra bżonnjuži għall-esekuzzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Kuntratti għal servizzi pubbliċi, b'mod partikolari fl-oqsma tas-servizzi fl-immaniġjar ta' proprjetà, jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jinkludu x-xogħlijiet. Madankollu, sa fejn dawn ix-xogħlijiet huma inċidentali għas-suġġett prinċipali tal-kuntratt, u huma konsegwenza possibli tagħhom jew komplimentari tagħhom, il-fatt illi dawn ix-xogħlijiet huma inklużi fil-kuntratt ma jiġġustifikax il-kwalifikazzjoni tal-kuntratt bħala kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi.

(11) Definizzjoni Komunitarja ta' qafas ta' ftehim, flimkien mar-regoli speċifiċi fuq il-qafas ta' ftehim konklużi għall-kuntratti li jaqgħu taħt l-iskop ta' din id-Direttiva għandhom jiġu pprovduti. Taħt dawn ir-regoli, meta l-awtorità kuntrattwali tidħol fil-qafas ta' ftehim skond il-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatata, b'mod partikolari, għar-riklamar, limitu ta' żmien u l-kondizzjonijiet għat-tfiġħ ta' l-offerti, tista' tidħol f'kuntratti bbażati fuq dan il-qafas ta' ftehim matul il-perjodu ta' validità sew billi tapplika t-termini mressqa fil-qafas ta' ftehim jew, jekk it-termini kollha ġew iffissati bil-quddiem fil-qafas ta' ftehim, billi terġa' tiftaħ il-kompetizzjoni bejn il-partijiet għall-qafas ta' ftehim b'referenza għal dawk it-termini. Il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni għandha tkun konformi ma' ċerti regoli li l-għan tagħhom hu li jiggarantixxu l-flessibilità meħtieġa u li jiggarantixxu r-rispett għall-prinċipji ġenerali, b'mod partikolari il-prinċipju ta' trattament ugwali. Għall-istess raġunijiet it-terminu tal-qafas ta' ftehim m'għandux jaqbeż erba' snin, b'eċċezzjoni fil-każi li huma ġustifikati b'mod korrett mill-awtoritajiet kuntrattwali.

▼B

(12) Ċerta teknika ġdida fix-xiri ta' l-elettronika qiegħda tiġi żviluppata kontinwament. Dawn it-tipi ta' teknika jgħinu biex tikber il-kompetizzjoni u ssawwar x-xiri pubbliku, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas ta' telfien ta' ħin u fl-enerġija li l-użu tagħhom jista' jippermetti. L-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jagħmlu użu mit-teknika tax-xiri ta' l-elettronika, sakemm dan l-użu jikkonforma mar-regoli maħruġa taħt din id-Direttiva u l-prinċipji ta' trattament ugwali, bla diskriminazzjoni u trasparenza. Għal dan il-punt, offerta mitfugħa minn dawk li jitfgħu l-offerti, b'mod partikolari fejn il-kompetizzjoni reġgħet infetħet taħt il-qafas ta' ftehim jew fejn sistema dinamika ta' xiri qed tiġi wżata, tista' tieħu l-forma ta' katalogu elettroniku ta' min jitfa' l-offerti jekk dan ta' l-aħħar juża l-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula mill-awtoritajiet kuntrattwali skond l-Artikolu 42.

(13) Minħabba l-espansjoni mgħaġġla tas-sistemi tax-xiri ta' l-elettronika, regoli xierqa għandhom jiġu introdotti biex l-awtoritajiet kuntrattwali jieħdu l-vantaġġi kollha tal-possibilitajiet li joffru dawn is-sistemi. F'dan l-isfond, huwa neċessarju li tiġi definita sistema ta' xiri ta' l-elettronika li tkun dinamika u kompleta għax-xiri komuni. u jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex tinħoloq u tiġi mħaddma struttura ta' organizzazzjoni bħal din sabiex tassigura trattament ġust lil xi operatur ekonomiku li jixtieq li jieħu sehem fiha. Xi operatur ekonomiku li jissottometti offerta indikattiva skond l-ispeċifikazzjoni u jissodisfa l-kriterji ta' l-għażla għandu jitħalla li jissieħeb ma' din it-tip ta' sistema. Din it-teknika ta' xiri tippermetti lill-awtorità kuntrattwali, permezz ta' ħolqien ta' lista ta' nies li jitfgħu l-offerti li jkunu magħżula u l-opportunita' mogħtija lil dawn in-nies ġodda li jitfgħu l-offerti biex jieħdu sehem, sabiex jkun hemm firxa wiesgħa ta' offerti bħala riżultat tal-faċilitajiet ta' l-elettronika disponibbli, u allura tassigura l-aqwa użu tal-fondi pubbliċi permezz ta' kompetizzjoni wiesgħa.

(14) Billi hemm ċans li l-użu tat-teknika ta' l-irkanti elettroniċi jiżdied, dawn l-irkanti għandhom jiġu mogħtija definizzjoni Komunitarja u jkunu rregolati b'regoli speċifiċi sabiex jassiguraw li dawn joperaw skond il-prinċipji ta' trattament ġust, bla diskriminazzjoni u bi trasparenza. Għal dan il-għan, il-disposizzjonijiet għandhom jkunu għall-irkanti ta' l-elettronika li jittrattaw biss b'kuntratti għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li għalihom l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jkunu determinati bi preċiżjoni. Bħal dan jista' jkun il-każ għall-kuntratti rikorrenti ta' provvisti, xogħlijiet u serviżżi. Bl-istess objettiv, irid ikun ukoll possibli li tkun stabbilita l-posizzjoni rispettiva tan-nies li jitfgħu l-offerti f'kull stadju ta' l-irkant ta' l-elettronika. Bil-għajnuna ta' l-irkanti ta' l-elettronika, l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jistaqsu lin-nies li jitfgħu l-offerti biex jissottomettu prezzijiet ġodda, riveduti 'l isfel, u meta l-kuntratt jiġi assenjat lill-offerta l-aktar vantaġġjuża ekonomikament, ukoll biex ittejjeb l-elementi ta' l-offerti minbarra l-prezzijiet. Biex tassigura osservanza mal-prinċipji ta' trasparenza, dawk l-elementi biss li huma tajbin għall-evalwazzjoni awtomatika b'mezzi elettroniċi, mingħajr intervent u/jew apprezzament mill-awtorità kuntrattwali, jistgħu jkunu l-oġġett ta' l-irkanti ta' l-elettronika, jiġifieri, dawk l-elementi biss, li huma kwantifikabbli sabiex ikunu jistgħu jiġu espressi f'figuri u persentaġġi. Min naħa l-oħra, dawk l-aspetti ta' l-offerti li jimplikaw apprezzament ta' elementi li m'humiex

▼B

kwantifikabbli, m'għandhomx ikunu oġġetti fl-irkanti ta' l-elettronika. Sussegwentement, ċerti kuntratti għal xogħlijiet u ċerti kuntratti għal servizzi li għandhom bħala suġġett esekuzzjoni intellettwali, bħal ma huma xogħlijiet ta' disinni, m'għandomx ikunu oġġetti ta' l-irkanti ta' l-elettronika.

(15) Ċerta teknika ta' xiri ċentralizzat ġew żviluppati fl-Istati Membri. Ħafna awtoritajiet kuntrattwali huma responsabbli li jagħmlu akkwisti jew jassenjaw kuntratti pubbliċi/qafas ta' ftehim għall-awtoritajiet kuntrattwali oħra. Minħabba l-volum kbir ta' xiri, dik it-teknika tgħin biex tikber il-kompetittività u ttejjeb ix-xiri pubbliku. Għalhekk għandu jkun hemm disposizzjoni għall-definizzjoni Komunitarja tal-korpi ċentrali tax-xiri ddedikati lill-awtoritajiet kuntrattwali. Għandha tingħata wkoll definizzjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom, skond il-prinċipji ta' bla diskriminazzjoni u trattament ugwali, l-awtoritajiet kuntrattwali ta' xiri għal xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi permezz ta' korpi ta' xiri ċentrali jista' jkun meqjus li jħarsu din id-Direttiva.

(16) Sabiex tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi differenti miksuba fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jitħallew li jagħżlu jekk l-awtoritajiet kuntrattwali jużawx il-qafas ta' ftehim, korpi ta' xiri ċentrali, sistemi dinamiċi ta' xiri, irkanti ta' l-elettronika jew il-proċedura ta' djalogu kompetittiv kif definit u rregolat b'din id-Direttiva.

(17) Jekk timmoltiplika n-numru ta' livelli biex tapplika l-disposizzjonijiet ta' kordinazzjoni tikkomplika l-affarijiet għall-awtoritajiet kuntrattwali. Barra dan, fil-kuntest ta' l-unjoni monetarja dawn il-livelli għandhom jiġu stabbiliti fl-euro. Għalhekk, il-livelli għandhom jiġu ssettjati, fl-euro, b'tali mod li tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni ta' dawn il-disposizzjonijiet, filwaqt li tassigura osservanza mal-livelli previsti fil-Ftehim li huma expressi fid-drittijiet maħruġa speċjali. F'dan il-kuntest, irid jsir ukoll disposizzjoni għall-konsiderazzjonijiet perjodiċi tal-livelli expressi fl-euro sabiex jiġu aġġustati, fejn hemm bżonn, mal-linja ta' varjazzjonijiet possibli fil-valur ta' l-euro f'relazzjoni mad-dritt maħruġ speċjali.

(18) Il-qasam tas-servizzi huwa aktar deskritt, għall-fini ta' l-applikazzjoni tar-regoli proċedurali ta' din id-Direttiva u għall-fini ta' monitoraġġ, billi terġa taqsmu f'kategoriji li jikkorrispondu mat-titli partikolari tal-klassifikazzjoni komuni u billi tiġborhom flimkien fiż-żewġ Annessi, II A u II B, skond ir-reġim li huma soġġetti għalih. Fir-rigward tas-servizzi fl-Anness IIB, il-disposizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi Komunitarji għas-servizzi in kwistjoni.

(19) Fir-rigward tal-kuntratti għal servizzi pubbliċi, l-applikazzjoni kollha ta' din id-Direttiva għandha tiġi limitata, għall-perjodu transitorju, għall-kuntratti fejn il-disposizzjonijiet tagħhom jippermettu l-potenzjal sħiħ sabiex iż-żieda fil-kummerċ bejn il-fruntieri tista' sseħħ. Kuntratti għal servizzi oħra jinħtieġu li

▼B

jiġu mmonitorjati matul il-perjodu transitorju qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq l-applikazzjoni sħiħa taħt din id-Direttiva. F'dan ir-rispett, il-mekkaniżmu għal dan il-monitoraġġ jinħtieġ li jkun definit. Dan il-mekkaniżmu għandu, fl-istess waqt, jassigura l-partijiet interessati li jkollhom aċċess għall-informazzjoni relevanti.

(20) Kuntratti pubbliċi li huma assenjati mill-awtoritajiet kuntrattwali u li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali u li jaqgħu taħt il-għan ta' dawn l-attivitajiet huma koperti bid-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jikkordinaw l-kisba tal-proċeduri ta' l-entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali ([1]). Pero, kuntratti assenjati mill-awtoritajiet kuntrattwali fil-kuntest ta' l-attivitajiet tas-servizzi tagħhom għat-trasport marittimu, kostali jew tax-xmara għandhom jaqgħu taħt il-għan ta' din id-Direttiva.

(21) Minħabba s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni ta' suq effettiv fis-settur tat-telekomunikazzjoni wara l-implimentazzjoni tar-regoli tal-Komunità mmirati għal-liberalizzazzjoni ta' dak is-settur, il-kuntratti pubbliċi f'dik iż-żona għandhom ikunu esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva sa fejn huma intenzjonati primarjament biex iħallu l-awtoritajiet kuntrattwali sabiex jeżerċitaw ċerti attivitajiet fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Dawk l-attivitajiet li huma definiti skond id-definizzjonijiet użati fl-Artikoli 1, 2 u 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li jikkordinaw il-kisbiet tal-proċeduri ta' l-entitajiet li joperaw fis-settur ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet ([2]), b'tali mod illi din id-Direttiva ma tkunx applikabbli għall-kuntratti li jkunu ġew esklużi mill-għan tad-Direttiva 93/38/KEE skond l-Artikolu 8 tiegħu.

(22) Disposizzjonijiet għandhom isiru għal-każijiet fejn ikun possibli li toqgħod lura milli tapplika l-miżuri għall-kordinament tal-proċeduri fuq bażi relatata ma' sigurtà jew sigriet Statali, jew minħabba regoli speċifiċi fuq l-għoti ta' kuntratti li joħorġu mill-ftehim internazzjonali, relatati ma' l-istazzjonar ta' truppi, jew li huma speċifiċi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu applikabbli.

(23) Skond l-Artikolu 163 tat-Trattat, l-inkoraġġiment għall-iżvilupp tar-riċerka u t-teknoloġija huwa mezz ta' tisħiħ tal-bażi xjentifika u teknoloġika ta' l-industrija Komunitarja, u l-ftuħ tal-kuntratti għal servizzi pubbliċi jikkontribwixxi għal dan il-għan. Din id-Direttiva m'għandhiex tkopri l-kofinanzjament ta' programmi ta' riċerka u ta' l-iżvilupp: kuntratti ta' riċerka u l-iżvilupp barra dawk fejn il-benefiċċju jiżdied esklussivament għall-awtoritajiet kuntrattwali għall-użu tagħhom fit-tmexxija tan-negozju tagħhom, bil-kondizzjoni illi s-servizz provdut huwa mħallas kollu mill-awtoritajiet kuntrattwali, m'humiex għalhekk koperti minn din id-Direttiva.

(24) Fil-kuntest tas-servizzi, kuntratti għall-akkwist jew kera ta' proprjetà immobili jew drittijiet għal proprjetà bħal din għandhom karatteristiċi partikolari li jagħmlu l-applikazzjoni għar-regoli ta' kisba mhux xierqa.

([1]) Ara p. 1 ta' dan l-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 199, 9.8.1993, p. 84. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE (ĠU L 285, 29.10.2001, p. 1).

▼B

(25) L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal ċerti servizzi awdjoviżivi fil-qasam tax-xandir għandhom iħallu l-aspetti ta' sinifikat kulturali u soċjali biex jiġu meqjusa li tagħmel applikazzjoni ta' regoli ta' kisba mhux xierqa. Għal dawn ir-raġunijiet, għandha ssir eċċezzjoni fil-kuntratti għal servizz pubbliku għax-xiri, żvilupp, produzzjoni jew koproduzzjoni ta' programmi minn fuq l-iskaffa u servizzi oħra preparatorji, bħal ma huma dawk li għandhom x'jaqsmu ma' skripts, jew esekuzzjoni artistika meħtieġa għall-produzzjoni tal-programm u kuntratti li jikkonċernaw ħinijiet ta' xandir. Però, din l-esklużjoni ma tistax tiġi applikata għall-forniment ta' tagħmir tekniku meħtieġ għall-produzzjoni, koproduzzjoni u x-xandir ta' dawn il-programmi. Xandira għandha tiġi definita bħala trasmissjoni jew distribuzzjoni li tuża xi forma ta' *network* elettroniku.

(26) Servizzi ta' arbitraġġ u konċiljatorji huma s-soltu provduti minn korpi jew individwi li huma maħtura jew magħżula b'tali mod li ma jiġux rregolati bir-regoli ta' kisba.

(27) Skond il-Fteħim, is-servizzi finanzjarji koperti minn din id-Direttiva ma jinkludux strumenti ta' politika monetarja, rati ta' kambju, dejn pubbliku, immaniġjar ta' riżervi jew politika oħra li tinvolvi transazzjonijiet tas-sigurtajiet jew strumenti oħra finanzjarji, b'mod partikolari transazzjonijiet mill-awtoritajiet kuntrattwali biex jiġbru flus jew kapital. Għalhekk, kuntratti relatati ma' din il-kwistjoni, xiri, bejgħ jew trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti oħra finanzjarji m'humiex koperti. Servizzi tal-Bank Ċentrali huma wkoll esklużi.

(28) L-impjieg u x-xogħol huma elementi essenzali għall-garanzija ta' opportunitajiet ugwali għal kulħadd u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni fis-soċjetà. F'dan il-kuntest, *workshops* protetti u programmi ta' impjiegi protetti jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-integrazzjoni jew re-integrazzjoni ta' nies bi bżonnijiet speċjali fis-suq tax-xogħol. Però, *workshops* bħal dawn jistgħu ma jkunx possibbli li jieħdu kuntratti taħt kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Konsegwentement, huwa għalhekk xieraq li tipprovdi illi l-Istati Membri jistgħu jirriservaw id-dritt li jipparteċipaw fil-proċeduri ta' l-għoti għall-kuntratti pubbliċi lill-dawn il-*workshops* jew jirriservaw l-esekuzzjoni tal-kuntratti fil-kuntest tal-programmi ta' xogħol protetti.

(29) L-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi maħruġa mill-bejjiegħa pubbliċi għandhom bżonn li jħallu l-kisbiet pubbliċi li jiġu miftuħa għall-kompetizzjoni. Għal din il-fini, huwa possibbli li jintefgħu offerti li jirriflettu id-diversità tas-soluzzjonijiet Tekniċi. Għalhekk, għandu jkun possibli li jinħarġu speċifikazzjonijiet Tekniċi fit-terminu ta' esekuzzjoni funzjonali u kondizzjonijiet meħtieġa, u, fejn hemm referenza għal-livell Ewropew, jew, fl-assenza tiegħu, għal-livell nazzjonali, offerti bbażati fuq arranġamenti ekwivalenti għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kuntrattwali. Sabiex juru ekwivalenza, n-nies li jitfgħu l-offerta għandhom jitħallew jużaw kull forma ta' evidenza. L-awtoritajiet kuntrattwali għandhom jipprovdu raġuni għal kull deċiżjoni fejn

▼B

xi ekwivalenza ma teżistix f'xi każ speċifiku. L-awtoritajiet kuntrattwali li jixtiequ jiddefinixxu l-kondizzjonijiet ambjentali għall-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi ta' xi kuntratt speċifiku jistgħu jpoġġu l-karatteristiċi ambjentali, bħal ma huwa l-metodu speċifiku ta' produzzjoni, u/jew effetti speċifiċi ambjentali ta' gruppi produttivi jew servizzi. Jistgħu jużaw, imma m'humiex obbligati li jużaw speċifikazzjonijiet xierqa li huma ddefiniti fit-tikketti ta' l-eko, bħal ma hija t-tikketta Eko Ewropea, tikketti ta' l-eko (multi-)nazzjonali jew xi tikketta ta' l-eko oħra sakemm l-kondizzjonijiet għat-tikketta huma maħruġa u adottati fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika bl-użu ta' proċedura li fiha dawk kollha kkonċernati, bħal ma huma l-korpi governattivi, il-konsumaturi, il-manufatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jieħdu sehem, u sakemm it-tikketta hija aċċessibbli u disponibbli għall-partijiet kollha interessati. L-awtoritajiet kuntrattwali għandhom, fejn hu possibli, jistipulaw l-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi illi jieħdu in konsiderazzjoni l-kriterja ta' aċċessibbilità għall-persuni bi bżonnijiet speċjali jew disinn għal kull min jagħmel użu minnu. L-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom ikunu indikati b'mod ċar, ħalli dawk in-nies kollha li jitfgħu l-offerta jafu x'ikopru l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kuntrattwali.

(30) Żieda ta' informazzjoni li tikkonċerna kuntratti għandha, bħal ma' hi l-użanza fl-Istati Membri, tingħata fid-dokumenti tal-kuntratt għal kull kuntratt jew inkella f'dokument ekwivalenti.

(31) L-awtoritajiet kuntrattwali li jesegwixxu proġetti partikolarment kumplessi jistgħu, mingħajr ma din tkun dovuta għal xi difett min-naħa tagħhom, isibuha oġġettivament impossibbli li jiddefinixxu l-mezzi li jissodisfaw l-bżonnijiet tagħhom jew li jassessjaw x'jista' joffru s-suq fil-mod ta' soluzzjonijiet Tekniċi u/jew finanzjarji/legali. Din is-soluzzjoni tista' tinħoloq b'mod partikolari bl-implimentazzjoni ta' proġetti importanti infrastrutturali fit-trasport integrat, *networks* kbar ta' kompjuter jew proġetti li jinvolvu finanzjament kumpless u strutturat għall-komposizzjoni finanzjarja u legali li ma tistax tiġi ddefinita minn qabel. Jekk jaslu sal-punt li l-użu ta' proċeduri miftuħa jew ristretti ma' jħallux l-għoti ta' dawn il-kuntratti, proċedura aktar flessibbli għandha tiġi pprovduta liżżomm mhux biss il-kompetizzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi imma wkoll il-bżonn għall-awtoritajiet kuntrattwali li jiddiskutu l-aspetti kollha tal-kuntratt ma' kull kandidat. Però, din il-proċedura ma tistax tiġi wżata b'tali mod li tirristretta jew tgħawweġ il-kompetizzjoni, partikolarment billi tirranġa aspetti fundamentali ta' l-offerti, jew billi timponi sostanzjalment kondizzjonijiet ġodda fuq min jingħata l-offerta, jew bl-involviment ta' xi persuna li tefa' l-offerta barra dik li ntgħażlet bħala l-aktar waħda vantaġġjuża.

(32) Sabiex tinkoraġġixxi l-involviment ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju fis-suq tal-kisbiet ta' kuntratti pubbliċi, huwa rakkomandat li jiġu inklużi l-disposizzjonijiet għall-subkuntrattar.

(33) Kondizzjonijiet ta' esekuzzjoni ta' kuntratt huma kompatibbli ma' din id-Direttiva sakemm dawn m'humiex direttament jew indirettament diskriminatorji u huma indikati fin-notifika tal-kuntratt jew fid-dokumenti tal-kuntratt. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ikunu intiżi li jiffavorixxu taħriġ vokazzjonali fuq il-post, impjieg għan-nies li qed iġarrbu diffikultà biex jakkwistaw integrazzjoni, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni ta' l-ambjent. Per

▼B

eżempju, jista' jkun li jkunu imsemmija, fost affarijiet oħra, il-kondizzjonijiet – applikabbli matul l-esekuzzjoni tal-kuntratt – biex iqabbdu nies li ilhom ifittxu x-xogħol għal tul ta' żmien jew biex jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ għal nies bla xogħol jew persuni żgħażagħ, biex jikkonformaw fis-sustanza mal-disposizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), fejn hu maħsub li dawn il-disposizzjonijiet ma ġewx implimentati fil-liġi nazzjonali, u li tqabbad għax-xogħol aktar persuni bi bżonnijiet speċjali aktar milli hemm bżonn taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(34) Il-liġijiet, regoli, u l-ftehim kollettiv, fuq livell kemm nazzjonali u dak Komunitarju, li huma fis-seħħ fl-oqsma tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol japplikaw matul l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku, bil-kondizzjoni illi dawn ir-regoli, u l-applikazzjoni tagħhom, jikkonformaw mal-liġi Komunitarja. F'sitwazzjonijiet ta' fruntiera u oħra, fejn il-ħaddiema minn Stat Membru wieħed jipprovdi servizzi lill-Stat Membru ieħor għall-fini ta' esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku, id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 li tikkonċerna l-ispustar tal-ħaddiema fil-qafas tal-disposizzjoni tas-servizzi ([1]) tistipula l-kondizzjonijiet minimi li għandhom jiġu osservati mill-pajjiż ospitu fir-rigward tal-ħaddiema spustjati. Jekk il-liġi nazzjonali tħaddan disposizzjonijiet f'dan ir-rigward, non konformità ma' dawk l-obligazzjonijiet tista' tiġi kkunsidrata bħala kondotta gravi mhux xierqa jew offiża li tikkonċerna l-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku involut, li jista' jwassal għall-esklużjoni ta' dak l-operatur ekonomiku mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratt pubbliku.

(35) Minħabba żviluppi ġodda fl-informatika u t-teknoloġija komunikattiva, u s-semplicità li dawn jistgħu jġibu fit-termini tal-kuntratti tal-pubblikazzjoni u l-effiċenza u t-trasparenza fil-processi ta' kisbiet, il-mezzi elettroniċi għandhom jiġu mpoġġija fuq l-istess livell mal-mezzi tradizzjonali ta' komunikazzjoni u bdil ta' informazzjoni. Sakemm huwa possibli, il-mezzi u t-teknoloġija mgħażula għandha tkun kompatibbli mat-teknoloġiji wżati fi Stati Membri oħra.

(36) Biex tassigura żvilupp ta' kompetizzjoni effettiva fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, huwa meħtieġ illi n-notifiki tal-kuntratti stabbiliti mill-awtoritajiet kuntrattwali ta' l-Istati Membri jiġu mxandra madwar il-Komunità. L-informazzjoni kontenuta f'dawn in-notifiki għandha tagħmilha possibbli biex l-operaturi ekonomiċi fil-Komunità jiddeterminaw jekk il-kuntratti proposti humiex ta' interess għalihom. Għal dan il-għan, huwa xieraq li tingħatalhom informazzjoni adegwata fuq l-oġġett tal-kuntratt u l-kondizzjonijiet mehmuża miegħu. Għandha tiġi assigurata stampa aktar ċara għan-notifiki pubbliċi permezz ta' strumenti xierqa, bħal ma' huma formoli *standard* ta' notifika ta' kuntratt u l-Vokabularju Komuni ta' Kisbiet (CPV) pprovdut fir-Regolament (KE) No 2195/2002 tal-Parlament Ewropew

([1]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

▼B

u tal-Kunsill ([1]) bħala nomenklatura ta' referenza għall-kuntratti pubbliċi. Fi proċeduri ristretti, ir-riklamar huwa, aktar partikolarment, intenzjonat li jgħin lill-kuntratturi ta' l-Istati Membri biex jesprimu l-interess tagħhom fil-kuntratti billi jfittxu minn għand l-awtoritajiet kuntrattwali t-talbiet għall-offerti taħt il-kondizzjonijiet meħtieġa.

(37) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 fuq il-qafas Komunitarju għall-firem elettroniċi ([2]) u d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 fuq ċerti aspetti legali ta' l-informazzjoni tas-servizzi soċjali, fil-kummerċ partikolari ta' l-elettronika, fis-suq intern ("Id-Direttiva fuq il-kummerċ ta' l-elettronika") ([3]) għandu, fil-kuntest ta' din id-Direttiva, japplika għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni bil-mezzi elettroniċi. Il-proċeduri ta' kisbiet pubbliċi u r-regoli applikabbli għall-kuntesti tas-servizzi jinħtieġu livell ta' sigurtà u kunfidenzalità akbar minn dak meħtieġ minn dawn id-Direttivi. Għalhekk, it-tagħmir għall-aċċettazzjoni ta' l-offerti, jitolbu l-parteċipazzjoni u l-pjani u l-proġetti jkunu konformi mal-kondizzjonijiet miżjuda speċifikati. Għal dan il-għan, l-użu tal-firem elettroniċi, b'mod partikolari firem elettronikament avvanzati, għandhom, sakemm huwa possibbli, jiġu inkoraġġuti. Aktar minn hekk, l-eżistenza ta' skemi volontarji akkreditati jistgħu jikkostitwixxu qafas favorevoli biex jissaħħaħ il-livell ta' disposizzjonijiet ta' servizzi ċċertifikati għal dan it-tagħmir.

(38) L-użu tal-mezzi elettroniċi jwassal għal nuqqas ta' ħin. Bħala riżultat, għandu jkun hemm disposizzjoni biex jitnaqqsu l-perjodi minimu fejn l-mezzi elettroniċi huma wżati, soġġetti, pero, għall-kondizzjonijiet illi huma kompatibbli mal-mod speċifiku ta' trasmissjoni mistennija mil-livell Komunitarju.

(39) Verifikajekk in-nies li jitfgħu l-offerta humiex adattati, fi proċeduri miftuħa, u tal-kandidati, fil-proċeduri ristretti u negozjati bil-pubblikazzjoni ta' notifika tal-kuntratt u bi djalogu kompetittiv, u l-għażla tiegħu, għandha tiġi mwettqa f'kondizzjonijiet trasparenti. Għal dan il-għan, il-kriterja ta' bla diskriminazzjoni għandha tiġi indikata li l-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jużaw meta jkunu qed jagħżlu l-kompetituri u l-mezzi li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jużaw biex jippruvaw illi jissodisfaw dawk il-kriterji. Fl-istess spirtu tat-trasparenza, l-awtoritajiet kuntrattwali huma meħtieġa, malli l-kuntratt jiġi maħruġ għall-kompetizzjoni, li jindikaw l-kriterja ta' l-għażla li se jużaw u l-livell tal-kompetenza speċifika li tista' jew ma tistax titlob mill-operaturi ekonomiċi qabel ma taċċettahom fil-proċedura tal-kisba.

(40) Xi awtorità kuntrattwali tista' tillimita n-numru ta' kandidati fil-proċeduri ristretti jew negozjati bil-pubblikazzjoni ta' notifika tal-kuntratt, u fi djalogu kompetittiv. Dan it-tnaqqis fil-kandidati jrid isir fuq il-bażi ta' kriterja oġġettiva indikata fin-notifika

([1]) ĠU L 340, 16.12.2002, p.1.
([2]) ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.
([3]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

▼B

tal-kuntratt. Dawn il-kriterji oġġettivi mhux bilfors jfissru importanza. Għall-kriterja relatata mas-sitwazzjoni personali ta' l-operaturi ekonomiċi, referenza ġenerali fin-notifika tal-kuntratt għas-sitwazzjoni elenkata fl-Artikolu 45 hija biżżejjed.

(41) Fi djalogu kompetittiv u proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni tan-notifika tal-kuntratt, minħabba l-flessibilità li hija meħtieġa u l-livell għoli ta' spejjeż assoċċjati b'dawn il-metodi ta' kisba, l-awtoritajiet kuntrattwali huma intitolati li jagħmlu dispożizzjonijiet għall-procedura li għandha tiġi kondotta fi stadji suċċessivi sabiex, tnaqqas bil-mod, fuq il-bażi ta' kriterji ta' l-għoti ta' kuntratti indikati qabel, in-numru ta' offerti li huma jkomplu jiddiskutu jew jinnegozjaw. Dan it-tnaqqis għandu, safejn jasal in-numru ta' soluzzjonijiet xierqa jew il-kandidati, jassigura illi hemm kompetizzjoni ġenwina.

(42) Ir-regoli relevanti Komunitarju fuq rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenzi oħra ta' kwalifikazzjonijiet formali huma fis-seħħ meta l-evidenza ta' kwalifikazzjoni parti-kolari hija meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' kisba jew kuntest ta' disinn.

(43) Il-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-operaturi ekonomiċi li jkunu ppartecipaw f-organizzazzjoni kriminali jew li jkunu nstabu ħatja ta' korruzzjoni jew ta' frodi għad-detriment ta' interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej jew ta' ħasil tal-flus għandhom jiġu mwarrba. Fejn huwa xieraq, l-awtoritajiet kuntrattwali għandhom jistaqsu lill-kandidati jew lin-nies li jitfgħu l-offerti biex jissupplixxu dokumenti relevanti u, fejn ikun hemm id-dubji rigward s-sitwazzjoni personali ta' xi kandidat jew ta' dak li jitfa' l-offerta, huma jistgħu jitolbu l-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati. L-esklużjoni ta' dawn l-operaturi ekonomiċi għandha sseħħ malli l-awtorità kuntrattwali tikseb informazzjoni fuq ġudizzju li jikkonċerna offiżi bħal dawn magħmula skond il-liġi nazzjonali li għandha l-forza tar-res judicata. Jekk il-liġi nazzjonali jkollha dispożizzjonijiet għal dan l-effett, non konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali jew leġiżlazzjoni fuq ftehim kontra l-liġi fil-kuntratti pubbliċi li kien is-suġġett ta' ġudizzju finali jew deċiżjoni li għandha effett ekwivalenti tista' tiġi kkunsidrata bħala offiża li tikkonċerna l-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku involut jew kondotta gravi mhux xierqa.

Nuqqas ta' osservanza fil-dispożizzjonijiet nazzjonali implimentati fid-Direttivi tal-Kunsill 2000/78/KE [1] u 76/207/ŻEE [2] li jikkonċernaw trattament ugwali tal-ħaddiema, li huwa s-suġġett ta' ġudizzju finali jew ta' deċiżjoni li għandha effett ekwivalenti tista' tiġi kkunsidrata offiża rigward il-kondotta professjonali ta' l-operatur ekonomiku involut jew kondotta gravi mhux xierqa.

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi kwadru ġenerali għat-trattament ugwali fil-impjegar u x-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[2] Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u nisa fir-rigward ta' aċċess għal impjiegi, formazzjoni vokazzjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40). Direttiva emendata mid-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15).

▼B

(44) F'każijiet xierqa, fejn in-natura tax-xogħlijiet u/jew servizzi tiġġustifika li jiġu applikati miżuri ta' immaniġjar ambjentali jew skemi matul l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku, l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri jew skemi jistgħu jiġu mitluba. Skemi ta' immaniġjar ambjentali, sew jekk humiex rreġistrati jew le taħt l-istrumenti Komunitarji bħal ma' huwa r-Regolament (KE) No 761/2001 ([1]) (EMAS), jista' juri illi l-operatur ekonomiku għandu l-kapaċità teknika li jesegwixxi l-kuntratt. Aktar minn hekk, deskrizzjoni tal-miżuri implimentati mill-operatur ekonomiku biex jassigura l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali għandha tiġi aċċettata bħala alternattiva għar-reġistrazzjoni ta' skemi għall-immaniġjar ambjentali bħala forma ta' evidenza.

(45) Din id-Direttiva tħalli lill-Istati Membri li jistabbilixxu listi uffiċjali ta' kuntratturi, fornituri jew fornituri ta' servizzi jew sistema ta' ċertifikazzjoni minn korpi pubbliċi jew privati, u tagħmel disposizzjoni għall-effetti ta' reġistrazzjoni bħal din jew ċertifikazzjoni bħal din fil-proċeduri ta' l-għoti ta' kuntratt fi Stat Membru ieħor. Fir-rigward tal-listi uffiċjali ta' l-operaturi ekonomiċi approvati, huwa importanti li tieħu in konsiderazzjoni l-każ legali tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każijiet fejn l-operatur ekonomiku li huwa parti minn grupp jisħaqq fuq il-kapaċitajiet ekonomiċi, finanzjarji jew Tekniċi ta' Kumpanniji oħra fil-grupp bħala sapport fl-applikazzjoni għar-reġistrazazzjoni. F'dan il-każ, sta għall-operatur ekonomiku li jipprova illi dawn ir-riżorsi jkunu attwalment disponibbli għalih matul il-perjodu tal-validità tar-reġistrazzjoni. Għall-għanijiet ta' din ir-reġistrazzjoni, xi Stat Membru jista' għalhekk jiddetermina l-livell ta' kondizzjonijiet li jridu jiġu milqugħa u b'mod partikolari, per eżempju fejn l-operatur jisħaqq fuq il-posizzjoni finanzjarja ta' Kumpannija oħra fil-grupp, jista' jkun hemm il-bżonn illi dik il-Kumpannija tkun responsabbli, jekk ikun hemm il-ħtieġa konġunta u ta' sikwit.

(46) Kuntratti għandhom jiġu assenjati fuq il-bażi ta' kriterja oġġettiva li tassigura konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, bla diskriminazzjoni u trattament ugwali u li tiggarantixxi illi l-offerti huma assessjati fuq il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva. Bħala riżultat, huwa xieraq li tħalli l-applikazzjoni ta' kriterja fuq l-għoti lil tnejn biss: “l-inqas prezz” u “l-aktar offerta vantaġġjuża ekonomikament”.

Biex tassigura konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-għoti tal-kuntratti, huwa xieraq li tistipula obbligazzjoni – stabbilita b'każ legali – biex tassigura t-trasparenza neċessarja sabiex tgħin lil dawk kollha li jitfgħu l-offerti biex ikunu infurmati tajjeb fuq il-kriterji u l-arranġamenti li se jkunu applikabbli biex tiġi identifikata l-aktar offerta vantaġġjuża ekonomikament. Għalhekk hija r-responsabbilità ta' l-awtoritajiet kuntrattwali li jindikaw il-kriterja għall-għoti tal-kuntratt u l-importanza relevanti mgħotija lil kull kriterja f'ħin biżżejjed għal dawk li jitfgħu l-offerta ħalli jkunu konxju tagħhom meta jkunu qed jippreparaw l-offerti tagħhom. L-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jidderogaw milli jindikaw l-importanza

([1]) Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jħalli parteċipazzjoni volontarja minn organizzazzjonijiet fis-skema ta' eko-maniġment u verifika tal-Komunità (EMAS) (ĠU L 114, 24.4.2001, p. 1).

▼B

għall-kriterja għall-assenjazzjoni f'każijiet ġustifikati li għalihom għandhom jagħtu r-raġunijiet, fejn l-importanza ma tistax tiġi stabbilita bil-quddiem, b'mod partikolari minħabba l-komplessità tal-kuntratt. F'każi bħal dawn, huma jridu jindikaw l-importanza tal-kriterja fl-ordni ta' nżul.

Fejn l-awtoritajiet kuntrattwali jagħżlu li jassenjaw il-kuntratt għall-offerta l-aktar vantaġġjuża ekonomikament, huma għandhom jassessjaw l-offerti fl-ordni biex jiddeterminaw liema waħda toffri l-aħjar valur għall-flus. Sabiex isir dan, huma għandhom jiddeterminaw il-kriterji ekonomiċi u ta' kwalità li, jekk teħodha sħiħa, tista' tkun possibli li tiġi determinata l-aktar offerta vantaġġjuża ekonomikament għall-awtorità kuntrattwali. Id-determinazzjoni ta' dawn il-kriterji tiddependi fuq l-oġġett tal-kuntratt peress illi tħalli l-livell ta' l-esekuzzjoni mgħoti minn kull offerta biex tiġi assessjata fid-dawl ta' l-oġġett tal-kuntratt, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi, u l-valur tal-flus ta' kull offerta tiġi mkejjla.

Sabiex jiġi ggarantit trattament ugwali, il-kriterja għall-għoti tal-kuntratt tgħin biex l-offerti jiġu kkumparati u assessjati oġġettivament. Jekk dawn il-kondizzjonijiet huma milħuqa, il-kriterja ekonomika u ta' kwalità għall-għoti tal-kuntratt, bħal meta tilħaq il-kondizzjonijiet ambjentali, jistgħu jgħinu l-awtorità kuntrattwali biex tilqa' l-bżonnijiet tal-pubbliku kkonċernat, kif espress fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Taħt dawn l-istess kondizzjonijiet, l-awtorità kuntrattwali tista' tuża l-kriterja bil-mira li tilħaq l-bżonnijiet soċjali, bħala rispons partikolarment għall-bżonnijiet – definiti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt - ta' gruppi ta' nies li huma partikolarment fi żvantaġġ li għalih dawk li jirċievu/jużaw x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma l-oġġett tal-kuntratt huma parti minnu.

(47) Fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi, il-kriterja ta' l-għoti ma taffettwax l-applikazzjoni ta' provvisti pubbliċi fuq il-ħlas ta' ċerti servizzi, bħal per eżempju, is-servizzi esekwiti mill-periti, inġiniera, jew avukati u, fejn jikkonċernaw l-kuntratti għal-provvisti pubbliċi, l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet nazzjonali li jistipulaw prezzijiet fissi għall-kotba ta' l-iskola.

(48) Ċerti kondizzjonijiet Tekniċi, u b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw notifiki u rapporti ta' statistika, kif ukoll in-nomenklatura wżata u l-kondizzjonijiet ta' referenza għal dik in-nomenklatura, jkollhom bżonn li jiġu adottati u emendati fid-dawl tal-ħtiġijiet Tekniċi li dejjem jinbidlu. Il-listi ta' l-awtoritajiet kuntrattwali fl-Annessi jkollhom bżonn li jiġu aġġornati. Huwa għalhekk xieraq li tpoġġi kif meħtieġ proċedura flessibli u mexxejja għal dan il-għan.

(49) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għat-taħriġ tas-setgħat ta' implimentazzjoni kkonferuti fuq il-Kummissjoni ([1]).

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

▼B

(50) Huwa xieraq illi r-Regolament tal-Kunsill(KEE, Euratom) No 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 jiddetermina r-regoli applikabbli għall-perjodu, dati u żmien ta' limiti ([1]) għandhom japplikaw għall-kalkulazzjoni ta' limiti ta' ħin miġbura f'din id-Direttiva.

(51) Din id-Direttiva ma tippreġudikax iż-żmien ta' limitu kif muri fl-Anness XI, li ġo fih l-Istati Membri huma meħtieġa li jittrasferixxu u japplikaw id-Direttivi 92/50/KEE, 93/36/KEE and 93/37/KEE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

WERREJ

TITOLU I

Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

Artikolu 1 — Definizzjonijiet

Artikolu 2 — Prinċipji fuq l-għoti ta' kuntratti

Artikolu 3 — Għoti ta' drittijiet speċjali jew esklussivi: il-klawsola ta' bla diskriminazzjoni

TITOLU II

Regoli fuq kuntratti pubbliċi

TAQSIMA I

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 4 — Operaturi Ekonomiċi

Artikolu 5 — Kondizzjonijiet relatati ma' ftehim konklużi fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Artikolu 6 — Kunfidenzalità

TAQSIMA II

Skop

Sezzjoni 1 — Limiti

Artikolu 7 — Ammonti ta' limitu għall-kuntratti pubbliċi

Artikolu 8 — Kuntratti ssusssidjati b'aktar minn 50 % mill-awtoritajiet kuntrattwali

Artikolu 9 — Metodi biex tikkalkula l-valur stmat tal-kuntratti pubbliċi, qafas ta' ftehim u sistemi dinamiċi ta' xiri

Sezzjoni 2 — Sitwazzjonijiet speċifiċi

Artikolu 10 — Il-ksib ta' Difiża

Artikolu 11 — Kuntratti pubbliċi u qafas ta' ftehim assenjati mill-organi ċentrali tax-xiri

([1]) ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

▼B

Sezzjoni 3 — Kuntratti esklużi

Artikolu 12 — Kuntratti fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, trasport u servizzi postali

Artikolu 13 — Esklużjonijiet speċifiċi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni

Artikolu 14 — Kuntratti sigrieti u kuntratti li jinħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà

Artikolu 15 — Kuntratti assenjati skond ir-regoli internazzjonali

Artikolu 16 — Esklużjonijiet speċifiċi

Artikolu 17 — Konċessjonijiet ta' servizzi

Artikolu 18 — Kuntratti ta' servizzi assenjati fuq il-bażi ta' dritt esklussiv

Sezzjoni 4 — Arranġament speċjali

Artikolu 19 — Kuntratti riżervati

TAQSIMA III

Arranġamenti għall-kuntratti għas-servizzi pubbliċi

Artikolu 20 — Kuntratti ta' servizzi elenkati fl-Anness II A

Artikolu 21 — Kuntratti ta' servizzi elenkati fl-Anness II B

Artikolu 22 — Kuntratti mħallta li jinkludu servizzi elenkati fl-Anness II A u servizzi elenkati fl-Anness II B

TAQSIMA IV

Regoli speċifiċi li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti kuntrattwali

Artikolu 23 — Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Artikolu 24 — Varjanti

Artikolu 25 — Sottokuntrattar

Artikolu 26 — Kondizzjonijiet għall-esekuzzjoni ta' kuntratti

Artikolu 27 — Obligazzjonijiet relatati ma' taxxi, protezzjoni ta' l-ambjent, protezzjoni ta' xogħol u kondizzjonijiet ta' xogħol

TAQSIMA V

Proċeduri

Artikolu 28 — Użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati u djalogu kompetittiv

Artikolu 29 — Djalogu kompetittiv

Artikolu 30 — Każijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' notifika kuntrattwali

▼B

Artikolu 31 — Każijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr l-pubblikazzjoni ta' notifika kuntrattwali

Artikolu 32 — Qafas ta' ftehim

Artikolu 33 — Sistemi dinamiċi ta' xiri

Artikolu 34 — Kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi: regoli partikolari fuq skemi ta' *housing* ssussidjat

TAQSIMA VI

Regoli fuq riklamar u trasparenza

Sezzjoni 1 — Pubblikazzjoni ta' notifiki

Artikolu 35 — Notifiki

Artikolu 36 — Forma u manjieri ta' pubblikazzjoni ta' notifiki

Artikolu 37 — Pubblikazzjoni mhux mandatorja

Sezzjoni 2 — Limitu ta' żmien

Artikolu 38 — Limitu ta' żmien għall-aċċettazzjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni u għall-aċċettazzjoni ta' l-offerti

Artikolu 39 — Proċeduri miftuħa: Speċifikazzjonijiet, dokumenti u informazzjoni addizzjonali

Sezzjoni 3 — Kontenut ta' informazzjoni u mezzi ta' trasmissjoni

Artikolu 40 — Talbiet biex tiġi mitfugħa offerta, parteċipazzjoni fi djalogu jew biex tinnegozja

Artkolu 41 — Tinforma l-kandidati u n-nies li jitfgħu l-offerti

Sezzjoni 4 — Komunikazzjoni

Artikolu 42 — Regoli applikabbli għall-komunikazzjoni

Sezzjoni 5 — Rapporti

Artikolu 43 — Kontenut tar-rapporti

TAQSIMA VII

It-tmexxija tal-proċedura

Sezzjoni 1 — Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 44 — Verifikata' l-adattament u l-għażla tal-parteċipanti u l-għoti tal-kuntratti

Sezzjoni 2 — Kriterja għall-għażla kwalititattiva

Artikolu 45 — Sitwazzjoni personali tal-kandidat jew in-nies li jitfgħu l-offerti

Artikolu 46 — Adattament biex jmexxi l-attività professjonali

▼B

Artikolu 47 — Il-posizzjoni ekonomika u finanzjarja

Artikolu 48 — Abilità teknika u/jew professjonali

Artikolu 49 — *Standards* ta' kwalità assigurati

Artikolu 50 — *Standards* ta' immaniġjar ambjentali

Artikolu 51 — Dokumentazzjoni u informazzjoni addizzjonali

Artikolu 52 — Listi uffiċjali ta' operaturi ekonomiċi approvati u ċertifikazzjoni mill-korpi stabbiliti taħt il-liġi pubblika jew privata

Sezzjoni 3 — Għoti tal-kuntratt

Artikolu 53 — Kriterja għall-għoti tal-kuntratt

Artikolu 54 — Użu ta' l-irkanti ta' l-elettronika

Artikolu 55 — Offerti li huma baxxi aktar min normal

TITOLU III

Regoli għall-konċessjonijiet fuq xogħlijiet pubbliċi

TAQSIMA I

Regoli li jirregolaw konċessjonijiet fuq xogħlijiet pubbliċi

Artikolu 56 — L-Għan

Artikolu 57 — Esklużjoni mill-għan

Artikolu 58 — Pubblikazzjoni tan-notifika li tirrigwardja l-konċessjonijiet għall-xogħlijiet pubbliċi

Artikolu 59 — Limitu ta' żmien

Artikolu 60 — Sottokuntrattar

Artikolu 61 — Għoti ta' xogħlijiet addizzjonali lill-konċessjonarju

TAQSIMA II

Regoli fuq kuntratti mgħotija mill-konċessjonarji li huma awtoritajiet kuntrattwali

Artikolu 62 — Regoli applikabbli

TAQSIMA III

Regoli applikabbli għall-kuntratti mgħotija mill-konċessjonarji li m'humiex awtoritajiet kuntrattwali

Artikolu 63 — Regoli fuq riklamar: livelli u eċċezzjonijiet

Artikolu 64 — Pubblikazzjoni tan-notifika

Artikolu 65 — Limitu ta' żmien għall-aċċettazzjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' l-offerti

TITOLU IV

Regoli li jirregolaw il-kompetizzjoni dwar id-disinn

Artikolu 66 — Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 67 — L-Għan

▼B

Artikolu 68 — Esklużjoni mill-għan

Artikolu 69 — Notifiki

Artikolu 70 — Forma u l-mod tal-pubblikazzjoni ta'notifiki tal-kompetizzjonijiet

Artikolu 71 — Mezzi ta' komunikazzjoni

Artikolu 72 — Għażla tal-kompetituri

Artikolu 73 — Komposizzjoni tal-ġurija

Artikolu 74 — Deċiżjonijiet tal-ġurija

TITOLU V

Obligazzjonijiet statistiċi, setgħat eżekuttivi u disposizzjonijiet finali

Artikolu 75 — Obligazzjonijiet statistiċi

Artikolu 76 — Kontenut tar-rapport statistiku

Artikolu 77 — Kumitat Konsultattiv

Artikolu 78 — Reviżjoni tal-livelli

Artikolu 79 — Emendi

Artikolu 80 — Implimentazzjoni

Artikolu 81 — Mekkaniżmi ta' monitoraġġ

Artikolu 82 — Abbrogazzjonijiet

Artikolu 83 — Infurzament

Artikolu 84 — Dawk indirizzati

ANNESSI

Anness I — Lista ta' attivitajiet riferita f'Artikolu 1(2)(b)

Anness II — Servizzi riferuti f'Artikolu 1(2)(d)

Anness II A

Anness II B

Anness III — Lista ta' korpi u kategoriji ta' korpi regolati mil-liġi pubblika kif hemm riferenza għaliha fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(9)

Anness IV — Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali

Anness V — Lista ta' prodotti riferita fl-Artikolu 7 rigward il-kuntratti mgħotija lill-awtoritajiet kuntrattwali fiż-żona tad-difiża

Anness VI — Definizzjoni ta' ċerti speċifikazzjonijiet Tekniċi

Anness VII — Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fin-notifikiti

Anness VII A — Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fin-notifiki tal-kuntratti pubbliċi

Anness VII B — Informazzjoni li għandha tidher fin-notifiki konċessjonarji tax-xogħlijiet pubbliċi

Anness VII C — Informazzjoni li għandha tidher fin-notifiki tax-xogħlijiet pubbliċi tal-konċessjonarji li m'humiex awtoritajiet kuntrattwali

▼B

Anness VII D — Informazzjoni li għandha tidher fin-notifiki fil-kuntest tad-disinn

Anness VIII — Karatteristiċi li jikkonċernaw il-pubblikità

Anness IX — Registri

Anness IX A — Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi

Anness IX B — Kuntratti għal provvisti pubbliċi

Anness IX C — Kuntratti għal servizzi pubbliċi

Anness X — Kondizzjonijiet meħtieġa relatati ma' tagħmir għall-aċċettazzjoni elettronika ta' offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni u pjanti u proġetti fil-kuntest tad-disinn.

Anness XI — Terminu perentorju tat-trasport u l-applikazzjoni (l-Artikolu 80)

Anness XII — Werrej ta' Korrelazzjoni

TITOLU I

DEFINIZZJONIJIET U PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-għan ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet mdaħħla fil-paragrafi 2 sa 15 għandhom jgħoddu.

2. (a) "Kuntratti pubbliċi" huma kuntratti għall-interess tal-flus konklużi bil-miktub bejn wieħed jew aktar operaturi ekonomiċi u li għandhom bħala objettiv tagħhom l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista tal-prodotti jew il-disposizzjoni tas-servizzi fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva.

(b) "Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi" huma kuntratti pubbliċi li għandhom bħala l-objettiv tagħhom jew l-wieħed l-esekuzzjoni, jew l-ieħor id-disinn u l-esekuzzjoni, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet fi ħdan it-tifsira ta' l-Anness jew xi xogħol, jew xi realizzazzjoni bi kull mezz, ta' xi xogħol li jikkorrispondi mal-kondizzjonijiet meħtieġa li huma speċifikati mill-awtorità kuntrattwali. Ix-"xogħol" ifisser l-andament tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u inġinerija civili meħuda bħala ħaġa waħda li hija suffiċenti fiha nnifisha biex taqdi funzjoni ekonomika jew teknika.

(c) "Kuntratti għall-provvisti pubbliċi" huma kuntratti pubbliċi barra dawk riferuti għaliha f'(b) li għandhom bħala objettiv tagħhom il-bejgħ, il-kera, flus li jdaħħlu mill-kera jew ħlas bin-nifs, bil jew mingħajr l-għażla li tixtri, tal-prodotti.

Kuntratt pubbliku li għandu bħala għan li jissupplixxi l-prodotti u li jħaddan ukoll, b'mod inċidentali, l-operazzjonijiet fuq is-sit u l-istallazzjoni se jkunu kkunsidrati li huma "kuntratti għal provvisti pubbliċi".

(d) "Kuntratti għal servizzi pubbliċi" huma kuntratti pubbliċi barra kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi jew kuntratti għall-provvisti li għandhom bħala għan il-disposizzjoni tas-servizzi riferuti għalihom fl-Anness II.

▼B

Kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi li għandu bħala għan sew il-prodotti u s-servizzi mħaddna fit-tifsira ta' l-Anness II se jiġu kkunsidrati li huma "kuntratt għas-servizz pubbliku" jekk il-valur tas-servizzi in kwistjoni li jaqbeż dak tal-prodotti koperti bil-kuntratt.

Kuntratt pubbliku li għandu bħala għan is-servizzi fi ħdan it-tifsira ta' l-Anness II u jinkludi attivitajiet fi ħdan it-tifsira ta' l-Anness I li huma biss inċidentali għall-għan prinċipali tal-kuntratt se jkun kkunsidrat li huwa kuntratt għal servizzi pubbliċi.

3. "Konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi" huwa kuntratt ta' l-istess tip bħal kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi ħlief għall-fatt illi l-kunsiderazzjoni għax-xogħlijiet li għandhom jiġu mwettqa jikkonsistu jew unikament fid-dritt li x-xogħol jiġi esplojtat jew f'dan id-dritt kif ukoll fil-ħlas.

4. "Konċessjoni tas-servizz" huwa kuntratt ta' l-istess tip bħal kuntratt għas-servizz pubbliku minbarra l-fatt illi l-konsiderazzjoni għall-dispożizzjoni tas-servizzi jikkonsisti jew waħdu fid-dritt li jesplojta s-servizz jew f'dan id-dritt kif ukoll bi ħlas.

5. "Qafas ta' ftehim" huwa ftehim bejn wieħed jew aktar mill-awtoritajiet kuntrattwali u wieħed jew aktar mill-operaturi ekonomiċi, fejn l-għan huwa li jiġu stabbiliti t-termini li jirregolaw l-kuntratti li jiġu mgħotija f'ċertu perjodu stabbilit, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezz u, fejn huma xierqa, il-kwantità prevvista.

6. "Sistema dinamika ta' xiri" hija proċess kompletament elettroniku biex jagħmel dak ix-xiri komuni, li l-karatteristici tiegħu, jkun ġeneralment disponibbli fis-suq, jilqa' l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' l-awtoritajiet kuntrattwali, li huma limitati fid-dewmien u miftuħa matul il-validità għal kull operator ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' l-għażla u li jkun tefa' offerta indikattiva li tikkonformi ma' l-ispeċifikazzjoni.

7. "Irkant ta' l-elettronika" huwa proċess repetittiv li jinvolvi tagħmir elettroniku għall-preżentazzjoni ta' prezzijiet ġodda, riveduti l isfel, u/jew valuri ġodda li jikkonċernaw ċerti elementi ta' l-offerti, li jseħħu wara evaluazzjoni sħiħa ta' l-offerti, biex tgħinhom ħalli jiġu mpoġġija bl-użu tal-metodi awtomatiċi ta' l-evalwazzjoni.

Sussegwentement, ċerti kuntratti tas-servizzi u ċerti kuntratti tax-xogħlijiet li għandhom bħala suġġett esekuzzjoni intelletwali, bħal ma' hu x-xogħol tad-disinn, jista' ma jkunx l-oġġett ta' l-irkanti ta' l-elettronika.

8. It-termini "kuntrattur", "fornitur" u "min jipprovdi s-servizz" jfissru kull persuna naturali jew legali jew entità pubblika jew grupp ta' dawk il-persuni u/jew korpi li joffru fuq is-suq, rispettivament, l-esekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xi xogħol, prodotti, jew servizzi.

It-terminu "operatur ekonomiku" se jkopri ugwalment il-kunċetti tal-kuntrattur, tal-fornitur u ta' min jipprovdi s-servizz. Huwa wżat biss fl-interess tas-sempliċità.

L-operatur ekonomiku li tefa' l-offerta se jkun indikat bħala "wieħed li jitfa' l-offerta". Wieħed li jkun fittex t-talba biex jieħu sehem fi proċedura ristretta jew negozzjata jew djalogu kompetittiv se jkun indikat bħala "kandidat".

9. Awtoritajiet "kuntrattwali" tfisser l-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, korpi rregolati bil-liġi pubblika, assoċjazzjonijiet li ġew iffurmati b'waħda jew ħafna minn dawn l-awtoritajiet jew wieħed jew aktar minn dawn il-korpi rregolati bil-liġi pubblika.

"Korpi rregolati bil-liġi pubblika" tfisser kull korp:

(a) stabbilit għall-għan speċifiku li jilħaq il-bżonnijiet fl-interess pubbliku, li m'għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali;

▼B

(b) li għandhom personalità legali; u

(c) ffinanzjati, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, reġjonali jew awtoritajiet lokali, jew korpi oħra rregolati mill-liġi pubblika; jew suġġetti għas-supervizzjoni manigerjali minn dawk il-korpi; jew għandhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tagħhom huma appuntati mill-autoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati bil-liġi pubblika.

Lista ta' korpi li m'humiex eżawrjenti u kategoriji ta' korpi rregolati bil-liġi pubblika li jissodisfaw il-kriterja riferuta fil-(a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu huma mniżżla fl-Anness III. L-Istati Membri se jinnotifikaw perjodikament lill-Kummissjoni b'kull tibdil fil-lista ta' korpi u kategoriji ta' korpi.

10. "Korp ċentrali ta' xiri" hija awtorità kuntrattwali li:

— takkwista provvisti u/jew servizzi li huma intenzzjonati għall-awtoritajiet kuntrattwali, jew

— tassenja kuntratti pubbliċi jew tikkonkludi qafas ta' ftehim għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma intenzzjonati għall-awtoritajiet kuntrattwali.

11. (a) "Proċeduri miftuħa" tfisser dawk il-proċeduri li bih kull operatur ekonomiku interessat jista' jitfa' l-offerta.

(b) "Proċeduri ristretti" tfisser dawk il-proċeduri li fihom kull operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa u li bih dawk l-operaturi ekonomiċi biss li ġew mitluba mill-awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jitfgħu l-offerta.

(c) "Djalogu kompetittiv" tfisser proċedura li biha kull operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa u li bih l-awtorità kuntrattwali tmexxi djalogu mal-kandidati li ġew mdaħħla f'dik il-proċedura, bil-għan li tiġi żviluppata waħda jew aktar alternattivi xierqa li jkunu kapaċi li jilqgħu l-kondizzjonijiet meħtieġa, u fuq din il-bażi l-kandidati mgħażula jkunu mistiedna li jitfgħu l-offerta.

Għall-fini ta' rikors għall-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu, kuntratt pubbliku huwa kkunsidrat li huwa "partikolarment kumpless" fejn l-awtoritajiet kuntrattwali:

— m'humiex kapaċi oġġettivament li jiddefinixxi l-mezzi Tekniċi skond l-Artikolu 23(3)(b), (c) jew (d), kapaċi li jissodisfaw il-bżonnijiet jew l-oġġettivi, u/jew

— mhux kapaċi oġġettivament li jispeċifikaw il-formazzjoni legali u/jew finanzjarja tal-proġett.

(d) "Proċeduri nnegozjati" tfisser dawk il-proċeduri li bihom l-awtoritajiet kuntrattwali jikkonsultaw ma' l-operaturi ekonomiċi ta' l-għażla tagħhom u jinnegozjaw it-termini tal-kuntratt ma' wieħed jew aktar minn dawn.

(e) "Kontestamenti tad-disinn" tfisser dawk il-proċeduri li jgħinu lill-awtoritajiet kuntrattwali li jakkwistaw, prinċipalment fl-oqsma ta' l-ippjanar tal-bliet u l-irħula, arkitettura u inġinerija u ipproċessar ta' data, bi pjan jew disinn magħżula minn ġurija wara li tkun ġiet maħruġa għall-kompetizzjoni bil jew mingħajr l-assenjament tal-prezzijiet.

▼B

12. “Miktuba” jew “bil-miktub” tfisser kull espressjoni magħmula bil-kliem jew figuri li jistgħu jinqraw, riprodotti u sussegwentament jiġu komunikati. Tista' tinkludi informazzjoni li hija trasmessa jew merfugħa b'mezzi elettroniċi.

13. “Mezzi elettroniċi” tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż kompressar diġitali) u żamma ta' data li hija trasmessa, mwassla u riċevuta bil-wajer, bir-radju, b'mezzi ottikali jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi.

14. “Il-Vokabularju Komuni Miksub (CPV)” se jinnomina n-nomenklatura referenzali li tapplika għall-kuntratti pubbliċi kif adottati bir-Regola (KE) No 2195/2002, fil-waqt li tassigura ekwivalenza man-nomenklaturi eżistenti oħra.

Fl-eventwalità ta' interpretazzjonijiet varji għall-iskop ta' din id-Direttiva, minħabba d-differenzi possibli bejn il-CPV u n-nomenklaturi ta' l-NACE elenkati fl-Anness I, jew bejn in-nomenklaturi tal-CPV u c-CPC (versjoni proviżorja) elenkati fl-Anness II, in-nomenklatura tal-NACE jew tas-CPC se jieħdu preċedenza.

15. Għall-fini ta' l-Artikolu13, l-Artikolu 57(a) u l-Artikolu 68(b), il-frażijiet sussegwenti se jkollhom din it-tifsira:

(a) “*network* għat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi” tfisser l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi li tgħin biex is-sinjali jkunu jistgħu jitwasslu lejn punti terminali definiti tan-*network* bil-wijer, bil-mijkrowajv, b'mezzi ottikali jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi;

(b) “punt terminali tan-*network*” tfisser il-konnessjonijiet fiżikali kollha u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom Tekniċi ta' aċċess li jiffurmaw parti min-*network* tal-telekomunikazzjonijiet pubbliċi u li huma bżonnjuż għall-aċċess ta', u komunikazzjoni effiċenti minn, dak in-*network*;

(c) “servizzi ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi” tfisser servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li l-disposizzjonijiet tagħhom l-Istati Membri assenjaw speċifikament, b'mod partikolari, għal wieħed jew aktar entitajiet tat-telekomunikazzjoni;

(d) “servizzi tat-telekomunikazzjonieť” tfisser servizzi li l-disposizzjonijiet tagħhom jikkonsistu fis-sħih jew parti fit-transizzjoni u r-rotta tas-sinjali fuq in-*network* tat-telekomunikazzjoni pubbliku li bil-mezzi ta' proċessi tat-telekomunikazzjonijiet, b'eċċezzjoni tax-xandir u tat-televiżjoni.

Artikolu 2

Prinċipji ta' assenjar ta' kuntratti

L-awtoritajiet kuntrattwali se jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u se jaġixxu b'mod trasparenti.

Artikolu 3

Għoti ta' drittijiet speċjali jew esklussivi: klawsola bla diskriminazzjoni

Fejn l-awtorità kuntrattwali tagħti drittijiet speċjali jew esklussivi biex issir attività ta' servizz pubbliku lil xi entità barra dik ta' l-awtorità kuntrattwali, l-att li bih ingħata dan id-dritt se jipprovdi illi, fil-każ tal-kuntratti għal-provvisti, li tassenja lill-terzi persuni bħala parti mill-attivitajiet tagħha, l-entità kkonċernata trid tkun konformi mal-prinċipji ta' bla diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

▼B

TITOLU II

REGOLI FUQ KUNTRATTI PUBBLIĊI

KAPITOLU I

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 4

Operaturi ekonomiċi

1. Kandidati jew nies li jitfgħu l-offerti li, ġew stabbiliti u jaqgħu taħt il-liġi ta' l-Istat Membru, huma intitolati biex jipprovdu s-servizz relevanti, mhux se jkunu mwarrba fuq il-kondizzjoni illi, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-kuntratt hu assenjat, huma għandhom il-ħtieġa li jkunu persuni naturali jew legali.

Iżda, fil-każ ta' kuntratti għas-servizzi pubbliċi u għal xogħlijiet pubbliċi kif ukoll kuntratti għall-provvisti pubbliċi li jkopru żieda ta' servizzi u/jew operazzjonijiet fuq il-post jew istallazzjoni, persuni legali jistgħu jkunu meħtieġa li jindikaw fuq l-offerta jew fit-talba għall-parteċipazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali relevanti ta' l-istaff responsabbli għat-twettiq tal-kuntratt in kwistjoni.

2. Gruppi ta' operaturi ekonomiċi jistgħu jitfgħu l-offerta jew joħorġu bħala kandidati. Biex jitfgħu l-offerta jew it-talba għall-parteċipazzjoni, dawn il-gruppi jistgħu ma jkollhomx il-ħtieġa li jassumu xi forma speċifika legali mill-awtoritajiet kuntrattwali; però, il-grupp magħżul jista' jkollu bżonn li jagħmel hekk meta jingħata l-kuntratt, sa ċertu limitu illi din il-bidla hija neċessarja għat-twettiq sodisfaċenti tal-kuntratt.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet relatati ma' ftehim konkluż fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Għall-għanijiet tal-għoti ta' kuntratti minn awtoritajiet kontrattwanti, Stati Membri għandhom japplikaw fil-kondizzjonijiet relatati bħala favorevoli bħal dawk li jingħataw lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Disposizzjoni Governattiv (minn hawn il quddiem riferut bħala il-"Ftehim"), konkluż fil-kwadru tan-negozjati multilaterali fil-Laqgħa ta' l-Urugwaj. Stati Membri għandhom, għal dan il-għan, jikkonsultaw lil xulxin fil-Kumitat tal-Pariri għal Kuntratti Pubbliċi hekk kif riferut fl-Artikolu 77 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu wara l-Ftehim.

Artikolu 6

Kunfidenzalità

Mingħajr preġudizzju għall-provižjonijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment dawk li jikkonċernaw l-obbligi relatati mar-reklamar tal-kuntratti mogħtija u għall-informazzjoni lil kandidati u lil min jixħet l-offerti imniżżla fl-Artikoli 35(4) u 41, skond il-liġi nazzjonali li għaliha l-awtorità kontrattwanti hija suġġetta, l-awtorità kontrattwanti m'għandhiex tagħti informazzjoni li ġiet mogħtija lilha minn operaturi ekonomiċi li huma jkunu indikaw bħala kunfidenzali; informazzjoni bħal din tinkludi, partikolarment, sigrieti Tekniċi u kummerċjali u l-aspetti kunfidenzali ta' l-offerti.

▼B

KAPITOLU II

Skop

Taqsima 1

Limiti massimi

Artikolu 7

Limiti massimi għal kuntratti publiċi

Din id-Direttiva għandha tapplika għal kuntratti publiċi li mhumiex eskluži skond l-eċċezzjonijiet provduti fl-Artikoli 10 u 11 u l-Artikoli 12 sa 18 u li għandhom valur esklussiv ta' valur addizzjonali ta' taxxa (VAT) stmat li hu ugwali jew akbar minn dawn il-limiti massimi li ġejjin:

(a) ►**M12** EUR 130 000 ◄ għal forniment ta' kuntratti publiċi u ta' servizz barra dawk koperti b'punt (b), it-tielet inċiż, mogħti minn awtoritajiet kontrattwanti li huma elenkati bħala awtoritajiet governattivi ċentrali fl-Anness IV; fil-każ ta' kuntratti ta' forniment pubbliku mogħti minn awtoritajiet kontrattwanti li joperaw fil-qasam tad-difiża, din għandha tapplika biss għal kuntratti li jinvolvu prodotti koperti fl-Anness V;

(b) ►**M12** EUR 200 000 ◄

— għal kuntratti ta' forniment pubbliku u ta' servizz mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti barra dawk elenkati fl-Anness IV,

— għal kuntratti ta' forniment pubbliku mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li huma elenkati fl-Anness IV u li joperaw fil-qasam tad-difiża, fejn dawn il-kuntratti jinvolvu prodotti mhux koperti fl-Anness V,

— għal kuntratti ta' forniment pubbliku mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi elenkati f'Kategorija 8 ta' l-Anness II A, Kategorija 5 servizzi ta' telekomunikazzjonijiet, li l-posizzjoni tagħhom fis-CPV huma ekwivalenti għal CPC Numri ta' referenza 7524, 7525 u 7526 u/jew is-servizzi elenkati fl-Anness II B;

(c) ►**M12** EUR 5 000 000 ◄ għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 8

Kuntratti ssusidjati b'iktar minn 50 % minn awtoritajiet kontrattwanti

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta':

(a) kuntratti li huma ssussidjati minn awtoritajiet kontrattwanti b'iktar minn 50 % u li l-valur stmat tagħhom, nett barra l-VAT, hu ugwali jew iktar minn ►**M12** EUR 5 000 000 ◄,

— fejn dawk il-kuntratti jinvolvu attivitajiet ta' inġinerija ċivili hekk kif imfissra fl-Anness I,

— fejn dawk il-kuntratti jinvolvu xogħol ta' bini ta' sptarijiet, faċilitajiet intiżi għal sport, rikreazzjoni u divertiment, bini ta' skejjel u universitajiet u bini użat għal skopijiet amministrattivi;

(b) kuntratti ta' servizz li huma ssussidjati direttament minn awtoritajiet kontrattwanti b'iktar minn 50 % u li l-valur stmat tagħhom, nett barra l-VAT, hu ugwali jew iktar minn ►**M12** EUR 200 000 ◄ u li huma konnessi ma' kuntratt ta' xogħlijiet kif imfissra f'punt (a).

▼B

Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-awtoritajiet kontrattwanti li jagħtu dawn is-sussidji jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva fejn dak il-kuntratt li jiġi mogħti minn waħda jew aktar entitajiet barra minnhom infushom jew jikkonformaw ma' din id-Direttiva fejn huma nfushom jagħtu l-kuntratt lil u f'isem dawk l-entitajiet oħra.

Artikolu 9

Metodi biex jiġu ikkalkolat il-valur stmat ta' kuntratti pubbliċi, kwadru ta' ftehim u sistemi ta' xiri dinamiku.

1. Il-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt pubbliku għandu jiġi ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, nett barra l-VAT, kif stmat mill-awtorità kontrattwanti. Dan il-kalkolu għandu jagħti każ ta' l-ammont totali stmat, inkluż kull forma ta' għażla u tiġdid tal-kuntratt.

Fejn l-awtorità kontrattwanti tipprovdi għal għotjiet jew pagamenti lil kandidati jew dawk li jixħtu l-offerta għandha tieħu dan in konsiderazzjoni meta qed tikkalkula l-valur stmat tal-kuntratt.

2. Din l-istima għandha tkun valida fil-mument meta l-avviż tal-kuntratt jiġi mibgħut, kif provdut fl-Artikolu 35(2), jew, f'każijiet fejn dan it-tip ta' avviż mhuwiex mitlub, fil-mument li l-awtorità kontrattwanti tibda l-proċedura biex jingħata l-kuntratt.

3. Ebda proġett ta' xogħlijiet jew xiri propost ta' ċerta kwantità ta' fornimenti u/jew servizzi jistgħu jiġu sotto-diviżi biex jimpedixxu li dawn jaqgħu fl-iskop ta' din id-Direttiva.

4. Fir-rigward tal-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kalkolu tal-valur stmat għandu jieħu konsiderazzjoni ta' kemm l-ispiża tax-xogħlijiet u l-valur stmat totali tal-fornimenti neċessarji biex jiġu mwettqa x-xogħlijiet u mqegħdin għad-disposizzjoni tal-kuntrattur mill-awtoritajiet kontrattwanti

5. (a) Fejn xogħol propost jew xiri ta' servizzi jistgħu jirriżultaw li kuntratti jistgħu jkunu mogħtija fl-istess żmien fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jittieħed akkont tal-valur stmat totali tal-lottijiet kollha bħal dawn.

Fejn il-valur miġbur tal-lottijiet hu ugwali jew jeċċedi l-limitu massimu kif imniżżel fl-Artiklu 7, din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta' kull lott.

Madanakollu, l-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jirrinunzjaw applikazzjoni bħal din fir-rigward ta' lottijiet li l-valur stmat tagħhom barra l-VAT huwa inqas minn EUR 80 000 għal servizzi jew EUR 1 miljun għal xogħlijiet, basta li l-valur miġbur ta' dawn il-lottijiet ma jeċċedix l-20 % tal-valur miġbur tal-lottijiet kollha f'daqqa.

(b) Fejn proposta għall-akkwist ta' fornimenti simili tista' tirriżulta f'kuntratti mogħtija fl-istess żmien fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jittieħed akkont tal-valur totali stmat tal-lottijiet kollha bħal dawn meta jiġi applikat l-Artikolu 7(a) u (b).

Fejn il-valur miġbur tal-lottijiet huwa ugwali jew jeċċedi l-limitu massimu kif imniżżel fl-Artikolu 7, din id-Direttiva għandha tapplika għall-għoti ta' kull lott.

Madanakollu, l-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jirrinunzjaw għal applikazzjoni bħal din fir-rigward ta' lottijiet, li l-valur stmat tagħhom, nett barra l-VAT, huwa inqas minn EUR 80 000, basta l-ispiża miġbura ta' dawn il-lottijiet ma teċċedix l-20 % tal-valur miġbur tal-lottijiet kollha f'daqqa.

▼B

6. Fir-rigward ta' kuntratti ta' forniment pubbliku relatati ma' kiri fit-tul, kiri, kiri għal żmien qasir jew xiri bin-nifs ta' prodotti, il-valur li għandu jittieħed akkont bħala bażi biex jiġi ikkalkolat il-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(a) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal terminu fiss, jekk dak it-terminu huwa inqas minn jew ugwali għal 12-il xahar, il-valur stmat totali għat-terminu tal-kuntratt, jew jekk it-terminu tal-kuntratt huwa akbar minn 12-il xahar, il-valur totali nkluż il-valur residwali stmat;

(b) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi mingħajr terminu fiss jew li t-terminu tagħhom ma jistax jiġi definit, il-valur ta' kull xahar multiplikat bi 48.

7. Fil-każ ta' kuntratti ta' forniment pubbliku jew ta' servizz li huma regolari fin-natura tagħhom jew li huma intiżi biex jiġu mġedda f'perjodu iffissat, il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun ibbażat fuq dan li ġej:

(a) jew il-valur totali attwali tal-kuntratti suċċessivi ta' l-istess tip mogħtija matul it-12-il xahar preċedenti jew fis-sena finanzjarja aġġustata, jekk possibli, biex jittieħed akkont tal-bidliet fil-kwantità jew valur li jistgħu sseħħu fil-kors tat-12-il xahar wara l-kuntratt inizjali

(b) jew il-valur stmat totali tal-kuntratti suċċessivi mogħtija matul it-12-il xahar wara l-ewwel kunsinja, jew matul is-sena finanzjarja jekk dik hija itwal minn 12-il xahar.

L-għażla ta' metodu użat biex jiġi kkalkolat l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku ma jistax ikun magħmul bil-għan li jiġi eskluż mill-iskop ta' din id-Direttiva.

8. Fir-rigward ta' kuntratti ta' servizz pubbliku, il-valur li għandu jittieħed bħala bażi biex jiġi kkalkolat il-valur stmat tal-kuntratt għandu, fejn xieraq, ikun kif ġej:

(a) għal dawn it-tipi ta' servizzi li ġejjin:

(i) servizzi ta' assikurazzjoni: l-ammont pagabbli u forom oħra ta' rimunerazzjoni;

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra: il-pagamenti, kummissjonijiet, interessi u forom oħra ta' rimunerazzjoni;

(iii) kuntratti ta' skemi: pagamenti, kummissjonijiet pagabbli u forom oħra ta' rimunerazzjoni;

(b) għal kuntratti ta' servizz li ma jindikawx prezz totali:

(i) fil-każ ta' kuntratti ta' termini fissi, jekk dak it-terminu huwa inqas minn jew ugwali għal 48 xahar: il-valur totali għat-terminu kollu tagħhom;

(ii) fil-każ ta' kuntratti mingħajr terminu fiss jew b'terminu akbar minn 48 xahar: il-valur kull xahar multiplikat bi 48.

9. Fir-rigward ta' kwadru ta' ftehim u sistemi ta' xiri dinamiku, il-valur li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għandu jkun il-valur massimu stmat nett barra l-VAT tal-kuntratti kollha previsti għat-terminu totali tal-kwadru ta' ftehim jew is-sistema ta' xiri dinamiku.

▼B

Taqsima 2

Sitwazzjonijiet speċifiċi

▼M10

Artikolu 10

Kuntratti fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà

Suġġett għall-Artikolu 296 tat-Trattat, din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti pubbliċi mogħtija fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà bl-eċċezzjoni ta' kuntratti li għalihom tapplika d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà ([1]).

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kuntratti li għalihom id-Direttiva 2009/81/KE ma tapplikax taħt l-Artikoli 8, 12 u 13 tagħha.

▼B

Artikolu 11

Kuntratti pubbliċi u kwadru ta' ftehim mogħtija minn korpi ta' xiri ċentrali

1. Stati Membri jistgħu jistipulaw li awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jixtru xogħlijiet, fornimenti u/jew servizzi minn jew permezz ta' korp ta' xiri ċentrali.

2. Awtoritajiet kontrattwanti li jixtru xogħlijiet, fornimenti u/jew servizzi minn jew permezz ta' korp ta' xiri ċentrali fil-każi mniżżlin fl-Artikolu 1(10) għandhom jkunu meqjusa li ikkonformaw ma' din id-Direttiva safejn il-korp ta' xiri ċentrali ikun ikkonforma magħha.

Taqsima 3

Kuntratti eskluży

Artikolu 12

Kuntratti ta' servizzi fis-setturi ta' l-ilma, enerġija, trasport u posta

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi li, taħt id-Direttiva 2004/17/KE, huma mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qed jeżerċitaw xi attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 3 sa 7 ta' dik id-Direttiva u huma mogħtija għas-segwiment ta' dawk l-attivitajiet, jew għal kuntratti pubbliċi eskluży mill-iskop ta' dik id-Direttiva taħt l-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 19, 26 u 30 tagħha.

Madankollu, din id-Direttiva għandha tkompli tapplika għal kuntratti pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qegħdin iwettqu attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/17/KE u mogħtija għal dawk l-attivitajiet, safejn l-Istat Membru konċernat jieħu vantaġġ mill-għażla li sar riferiment għaliha fit-tieni s-sub-paragrafu ta' l-Artikolu 71 tagħha biex tiddiferixxi l-applikazzjoni tiegħu.

([1]) ĠU L 217, 20.8.2009, p. 76.

▼B

Artikolu 13

Esklużjonijiet speċifiċi fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi għall-iskop ewlieni li tippermetti lill-awtoritajiet kontrattwanti li jipprovdu jew jisfruttaw rettikolati ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi jew li jipprovdu lill-pubbliku servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew aktar.

Artikolu 14

Kuntratti sigrieti u kuntratti li jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi meta dawn huma dikjarati bħala sigrieti, meta t-twettiq tagħhom għandu jkun imsieħeb minn miżuri speċjali ta' sigurtà skond il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat, jew meta l-ħarsien ta' l-interessi essenzali ta' dak l-Istat Membru jitlob hekk.

Artikolu 15

Kuntratti mogħtija fis-segwiment ta' regoli internazzjonali

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi li huma iggvernati minn regoli ta' proċedura differenti u mogħtija:

(a) fis-segwiment ta' xi ftehim internazzjonali konkluż f'konformità mat-Trattat bejn Stat Membru u xi pajjiżi terz jew aktar u jkopru servizzi jew xogħlijiet intiżi għall-implimentazzjoni konġunta jew sfruttar ta' xi proġett mill-Istati firmatarji jew servizzi intiżi għall-implimentazzjoni konġunta jew l-isfruttar ta' xi proġett mill-Istati firmatarji; il-ftehim kollha għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni, li tista' tikkonsulta lill-Kumitat tal-Pariri għal Kuntratti Pubbliċi li sar riferiment għalih fl-Artikolu 77;

(b) fis-segwiment għal ftehim internazzjonali konkluż li relatat ma' l-istazzjonar ta' truppi u li jikkonċerna l-garanzji mogħtija minn xi Stat Membru jew pajjiż terz;

(c) fis-segwiment għall-proċedura partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali.

Artikolu 16

Esklużjonijiet speċifiċi

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' servizz pubbliku għal:

(a) l-akkwist jew kiri għal żmien qasir, bi kull mezzi finanzjarji, ta' art, bini eżistenti jew proprjetà oħra immobbiljari jew li jikkonċerna drittijiet fuqhom; b'dankollu, kuntratti ta' servizz finanzjarju konklużi fl-istess żmien bħal, qabel jew wara l-akkwist tal-kuntratt jew kiri għal żmien qasir, fi kull forma, għandu jkun suġġett għal din id-Direttiva;

(b) l-akkwist, żvilupp, produzzjoni jew ko-produzzjoni ta' materjal ta' programm intiżi għal xandir minn xandara u kuntratti għal ħin ta' xandir;

(c) servizzi arbitrarji u konċiljatorji;

(d) servizzi finanzjarji b'konnessjoni mal-ħruġ, xiri, bejgħ jew trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, partikolarment transazzjonijiet minn awtoritajiet kontrattwanti biex jinġabru flus jew kapital, u servizzi bankarji ċentrali;

▼B

(e) kuntratti ta' xogħol;

(f) servizzi ta' riċerka u żvilupp minbarra dawk fejn il-benefiċċji għandhom jingħaddu esklussivament mill-awtorità kontrattwanti għal użu tagħha fit-tmexxija ta' l-affarijiet tagħha, bil-kondizzjoni li s-servizz provdut jiġi mħallas kollu mill-awtorità kontrattwanti.

Artikolu 17

Konċessjonijiet ta' servizz

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal konċessjonijiet ta' servizz kif definit fl-Artikolu 1(4).

Artikolu 18

Kuntratti ta' servizz mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklussiv

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' servizz pubbliku mogħtija minn awtorità kontrattwanti lil awtorità kontrattwanti oħra jew li xi assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontrattwanti fuq il-bażi ta' dritt esklussiv li huma jgawdu fis-segwiment ta' ligi pubblikata, regolament amministrattiv jew disposizzjoni amministrattiva li huma kompatibbli mat-Trattat.

Taqsima 4

Arranġamenti speċjali

Artikolu 19

Kuntratti riservati

Stati Membri jistgħu jirriservaw id-dritt li jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt pubbliku lil ħwienet ta' xogħol imkenna jew li jipprovdu għal kuntratti bħal dawn biex jiġu mwettqa fil-kuntest ta' programmi ta' xogħol imkennen fejn il-biċċa l-kbira ta' l-impjegati konċernati huma persuni b'diżabilità li, minħabba n-natura jew is-serjetà tad-diżabilitajiet tagħhom, ma jistgħux iwettqu xogħlijiet taħt kondizzjonijiet normali.

L-avviż ta' kuntratt għandu jagħmel referenza għal dan il-disposizzjoni.

KAPITOLU III

Arranġamenti għal kuntratti ta' servizz pubbliku

Artikolu 20

Kuntratti ta' servizz elenkati f'Anness II A

Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati fl-Anness II A għandhom jiġu mogħtija skond l-Artikoli 23 sa 55.

Artikolu 21

Kuntratti ta' servizz elenkati f'Anness II B

Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati fl-Anness II B għandhom ikunu suġġetti biss għall-Artikolu 23 u l-Artikolu 35(4).

▼B

Artikolu 22

Kuntratti mħallta li jinkludu servizzi elenkati fl-Anness II A u servizzi elenkati fl-Anness II B

Kuntratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati kemm fl-Anness II A u fl-Anness II B għandhom ikunu mogħtija skond l-Artikoli 23 sa 55 fejn il-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness II A huwa akbar mill-valur tas-servizzi elenkati fl-Anness II B. F'każi oħra, kuntratti għandhom jingħataw skond l-Artikolu 23 u l-Artikolu 35(4).

KAPITOLU IV

Regoli speċifiċi li jikkontrollaw speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' kuntratt

Artikolu 23

Speċifikazzjonijiet Tekniċi

1. L-ipeċifikazzjonijiet Tekniċi kif definiti f'punt 1 ta' l-Anness VI għandhom ikunu mniżżlin fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt, bħal avviżi ta' kuntratt, dokumenti ta' kuntratt jew dokumenti addizzjonali. Fejn hu possibbli dawn l-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom ikunu definiti hekk li jieħdu akkont tal-kriterji ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabilità jew ta' tifsila għal kulmin jagħmel użu.

2. Speċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali għal dawk li jixħtu l-offerti u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakli mhux ġustifikati għal ftuħ ta' disposizzjoni pubbliku għal kompetizzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli Tekniċi nazzjonali obbligatorji, safejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità, l-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għandhom ikunu formulati:

(a) jew b'referenza għal speċifikazzjonijiet Tekniċi definit fl-Anness VI u, f'ordni ta' preferenza, għal bdil ta' *Standards* nazzjonali ma' bdil ta' *Standards* Ewropej, approvazzjonijiet Tekniċi Ewropej, speċifikazzjonijiet Tekniċi komuni, *Standards* internazzjonali, sistemi oħra ta' referenza teknika stabbiliti mill-korpi standarizzanti Ewropej jew - fejn dawn ma jeżistux - skond *Standards* nazzjonali, approvazzjonijiet Tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet Tekniċi nazzjonali relatati mat-tifsil, kalkolu u twettiq tax-xogħlijiet u użu tal-prodotti. Kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti";

(b) jew f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali; ta' l-aħħar jistgħu jinkludu karatteristiċi ambjentali. Madankollu, parametri bħal dawn għandhom ikunu preċiżi biżżejjed li jippermettu lil dawk li jixħtu l-offerti biex jiddeterminaw il-kontenut suġġettiv tal-kuntratt u li jippermettu awtoritajiet kontrattwanti li jagħtu l-kuntratt;

(c) jew f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali kif imsemmija fis-sub-paragrafu (b), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafu (a) bħala mezz biex tiġi preżunta konformità ma' twettiq bħal dan jew ħtiġijiet funzjonali;

(d) jew billi jsir riferiment għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmijin fis-sub-paragrafu (a) għal ċerti karatteristiċi, u billi jsir riferiment għat-twettiq jew ħtiġijiet funzjonali, imsemmijin fis-sub-paragrafu (b) għal karatteristiċi oħra.

▼B

4. Fejn awtorità kontrattwanti tagħmel użu mill-għażla li tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3(a), ma tistax tirrifjuta offerta fuq il-bażi li l-prodotti u servizzi li nxtieħtet l-offerta għalihom ma jikkonformax ma' l-ispeċifikazzjonijiet li għalihom tkun irreferiet, darba min jixħet l-offerta jipprova fl-offerta tiegħu għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kontrattwanti, bi kull mezzi xierqa li s-soluzzjonijiet li hu jipproponi jissodisfaw f'manjera ekwivalenti l-ħtiġijiet definiti mill-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi.

Mezzi xierqa jistgħu jkunu kostitwiti b'*dossier* tekniku tal-manifattur jew rapport ta' eżami minn korp rikonoxxut.

5. Fejn awtorità kontrattwanti tuża l-għażla mniżżla fil-paragrafu 3 biex jippreskrivu f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali, ma tistax tirrifjuta offerta għal xogħlijiet, prodotti jew servizzi li jikkonformaw ma' bdil ta' *standard* nazzjonali ma' *standard* Ewropew, b'approvazzjoni teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali jew sistema ta' referenza teknika stabbilita minn korp standarizzanti Ewropew, jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet jindirizzaw it-twettiq jew ħtiġijiet funzjonali li hi tkun niżżlet.

Fl-offerta tiegħu, min jixħetha għandu jipprova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kontrattwanti bi kull mezzi xierqa li x-xogħol, prodott jew servizz f'konformità ma' l-i *standard* hu xieraq għat-twettiq jew ħtiġijiet funzjonali ta' l-awtorità kontrattwanti

Mezzi xierqa jistgħu jkunu kostitwiti b'dossier tekniku tal-manifattur jew rapport ta' eżami minn korp rikonoxxut.

6. Fejn awtoritajiet kontrattwanti iniżżlu karatteristiċi ambjentali f'termini ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali kif sar riferiment għalihom fil-paragrafu 3(b) huma jistgħu jużaw l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati, jew, jekk meħtieġ, partijiet minnhom, kif definit minn eko-tikketti Ewropej jew (multi-) nazzjonali, jew bi kull eko-tikketta oħra, basta:

— dawk l-ispeċifikazzjonijiet huma xierqa li jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-fornimenti jew servizzi li huma l-għan tal-kuntratt,

— il-ħtiġijiet għat-tikketta huma mfasslin fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika,

— l-eko-tikketti huma adottati billi tintuża proċedura li kull min għandu interess, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jieħdu sehem, u

— huma aċċessibli għall-partijiet kollha interessati.

Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jindikaw li l-prodotti u servizzi li jġorru fuqhom l-eko-tikketta huma meqjusa li jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet Tekniċi imniżżlin fid-dokumenti tal-kuntratt; huma għandhom jaċċettaw kull mezzi oħra xierqa ta' prova bħal, dossier tekniku tal-manifattur jew rapport ta' eżami minn korp rikonoxxut.

7. "Korpi rikonoxxuti", fit-tifsira ta' dan l-Artikolu, hemm laboratorji ta' eżami u kalibrazzjoni u korpi ċertifikanti u spezzjonarji li jikkonformaw ma' *Standards* applikabbli Ewropej.

Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jaċċettaw ċertifikati minn korpi rikonoxxuti stabbiliti fi Stati Membri oħra.

▼B

8. Jekk ma jkunux ġustifikati bil-kontenut suġġettiv tal-kuntratt, speċifikazzjonijiet Tekniċi m'għandhomx jirreferu għal għamla jew sors, jew proċess partikolari, jew marki ta' ditta, dokumenti ta' dritt, tipi jew oriġini speċifiku jew produzzjoni bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti intrapriżi jew ċerti prodotti. Referenza bħal din għandha tkun permessa fuq baži eċċezzjonali, fejn deskrizzjoni preċiża bizzejjed u tinftiehem tal-kontentut suġġettiv tal-kuntratt fis-segwiment ta' paragrafi 3 u 4 mhijiex possibli; referenza bħal din għandha tkun akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti".

Artikolu 24

Varjanti

1. Fejn il-kriterju għal għoti huwa dak ta' l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jawtorizzaw lil dawk li jixħtu l-offerti biex jissottomettu xi varjanti.

2. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jindikaw fl-avviż tal-kuntratt jekk jawtorizzawx jew le xi varjanti: varjanti m'għandhomx ikunu awtorizzati mingħajr din l-indikazzjoni.

3. Awtoritajiet kontrattwanti li jawtorizzaw xi varjanti għandhom issemmu fid-dokumenti tal-kuntratt il-ħtiġijiet minimi xierqa għall-varjanti u kull ħtiġijiet speċifiċi għall-preżentazzjoni tagħhom.

4. Biss xi varjanti xierqa għal ħtiġijiet minimi mniżżlin minn dawn l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni.

Fi proċeduri għal għoti ta' forniment pubbliku jew kuntratti ta' servizz awtoritajiet kontrattwanti li jkunu awtorizzaw xi varjanti ma jistgħux jirrifjutaw xi varjant fuq il-baži biss li dan jista', jekk jirnexxi, iwassal jew għal kuntratt ta' servizz aktar milli għal kuntratt ta' forniment pubbliku jew kuntratt ta' forniment aktar milli kuntratt ta' servizz pubbliku.

Artikolu 25

Sotto-kuntratti

Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-awtorità kontrattwanti tista' tistaqsi jew tista' tkun mitluba minn xi Stat Membru biex tistaqsi lil min ikun xeħet l-offerta biex jindika fl-offerta tiegħu kull sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li joffri b'sotto-kuntratt lil partijiet terzi jew kull sotto-kuntratturi proposti.

Din l-indikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwistjoni ta' l-obbligu ta' l-operatur ekonomiku ewlieni.

Artikolu 26

Kondizzjonijiet għal twettiq ta' kuntratti

Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jniżżlu kondizzjonijiet speċjali relatati mat-twettiq ta' xi kuntratt, basta dawn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u huma indikati fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jikkontrollaw it-twettiq ta' xi kuntratt jistgħu, partikolarment, jikkonċernaw kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.

▼B

Artikolu 27

Obbligi relatati ma' taxxi, ħarsien ambjentali, disposizzjonijiet għal ħarsien ta' xogħol u kondizzjonijiet ta' xogħol

1. Awtorità kontrattwanti tista' ssemmi fid-dokumenti tal-kuntratt, jew tkun obbligata minn xi Stat Membru biex hekk issemmi, il-korp jew korpi li minnhom kandidat jew min jixħet l-offerta jista' jikseb tagħrif xieraq fuq l-obbligi relatati ma' taxxi, dwar ħarsien ambjentali, dwar disposizzjonijiet għal ħasien ta' xogħol u dwar il-kondizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, reġjun jew lokalità li fihom ix-xogħlijiet għandhom jitwettqu jew servizzi għandhom ikunu provduti u li għandhom ikunu applikabbli għax-xogħlijiet imwettqa fuq il-post jew dwar is-servizzi provduti matul it-twettiq tal-kuntratt.

2. Awtorità kontrattwanti li tissuplixxi t-tagħrif li sar riferiment għalih fil-paragrafu 1 għandha titlob lil min ikun xeħet l-offerta jew kandidati fil-proċedura tal-għoti tal-kuntratt biex jindikaw li huma kienu ħadu akkont, meta fasslu l-offerta tagħhom, ta' l-obbligi relatati ma' disposizzjonijiet ta' ħarsien ta' xogħol u l-kuindizzjonijiet ta' xogħol li huma fis-seħħ fil-post ta' fejn ix-xogħlijiet ikunu se jsiru jew is-servizz ikun se jiġi provdut.

L-ewwel sub-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-provvedimetni ta' l-Artikolu 55 li jikkonċerna l-eżami ta' offerti abnormalment baxxi.

KAPITOLU V

Proċeduri

Artikolu 28

Użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati u djalogu kompetittiv

Fil-għoti tal-kuntratti pubbliċi tagħhom, awtoritajiet kontrattwanti għandhom japplikaw il-proċeduri nazzjonali aġġustati għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

Huma għandhom jagħtu dawn il-kuntratti pubbliċi billi japplikaw il-proċedura miftuħa jew ristretta. Fiċ-ċirkonstanzi speċifiċi li saret disposizzjoni espresso għalihom fl-Artikolu 29, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħtu l-kuntratti pubbliċi tagħhom b'mezzi ta' djalogu kompetittiv. F'każi speċifiċi u ċirkonstanzi li sar riferiment espress għalihom fl-Artikoli 30 u 31, huma jistgħu japplikaw proċedura negozjata, bil-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' kuntratt jew mingħajrha.

Artikolu 29

Djalogu kompetittiv

1. Fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi, Stati Membri għandhom jipprovdu li fejn awtoritajiet kontrattwanti jikkunsidraw li l-użu tal-proċedura miftuħa jew ristretta ma jippermettix l-għoti tal-kuntratt, dan ta' l-aħħar jista' jagħmel użu mid-djalogu kompetittiv skond dan l-Artikolu.

Kuntratt pubbliku għandu jingħata fuq il-bażi waħdana tal-kriterju ta' għoti għall-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament.

2. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jippublikaw avviż ta' kuntratt li fih iniżżlu l-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħhom, li huma għandhom jiddefinixxu f'dak l-avviż u/jew f'dokument deskrittiv.

▼B

3. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jiftħu, mal-kandidati magħżulin skond il-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikoli 44 sa 52, djalogu li l-iskop tiegħu għandu jkun li jidentifika u jiddefinixi l-mezzi l-aktar xierqa biex jissodisfa l-bżonnijiet tagħhom. Huma jistgħu jiddiskutu l-aspetti kollha tal-kuntratt mal-kandidati magħżula matul dan id-djalogu.

Matul id-djalogu, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jiżguraw ugwaljanza ta' trattament fost dawk kollha li jkunu xeħtu l-offerta. Partikolarment, huma m'għandhom jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti li xi uħud minn dawk li jkunu xeħtu l-offerta vantaġġ fuq oħrajn.

Awtoritajiet kontrattwanti ma jistgħux jiżvelaw lil parteċipanti oħra soluzzjonijiet proposti jew tagħrif ieħor kunfidenzali komunikat minn xi kandidat li jkun qed jieħu sehem fid-djalogu mingħajr ftehim miegħu/magħha.

4. Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jipprovdu biex isseħħ proċedura fi stadji suċċessivi sabiex jitnaqqas in-numru ta' soluzzjonijiet li għandhom ikunu diskussi matul l-istadju ta' djalogu billi jiġu applikati l-kriterji ta' għoti fl-avviż tal-kuntratt jew id-dokument deskrittiv. L-avviż tal-kuntratt jew id-dokument deskrittiv għandu jindika li jista' jsir rikors għal din l-għażla.

5. L-awtorità kontrattwanti għandha tkompli b'dan id-djalogu sakemm tkun tista' tidenfika s-soluzzjoni jew soluzzjonijiet, jekk ikun meħtieġ wara li tqabbilhom, li kapaci jissodisfaw il-bżonnijiet tagħha.

6. Wara li jkunu iddikjaraw id-djalogu magħluq u infurmaw b'dan lill-parteċipanti, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jitolbuhom jissottomettu l-aħħar offerti tagħhom fuq il-bażi tas-soluzzjoni jew soluzzjonijiet ippreżentati u speċifikati matul id-djalogu. Dawn l-offerti għandu jkollhom fihom l-elementi kollha meħtieġa u bżonnjużi għat-twettiq tal-proġett.

Dawn l-offerti jistgħu jkunu kjarifikati, speċifikati u rfinuti għat-talba ta' l-awtorità kontrattwanti.Madanakollu, kjarifika bħal din, speċifikazzjoni, irfinar u tagħrif addizzjonali jista' ma jinvolvix tibdil fil-fatturi bażiċi ta' l-offerta jew is-sejħa għal offerta, varjazzjonijiet li bihom tista' titfixkel il-kompetizzjoni jew ikollhom effett diskriminatorju.

7. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jevalwaw l-offerti riċevuti fuq il-bażi tal-kriterji ta' għotja imniżżlin fl-avviż tal-kuntratt jew id-dokument deskrittiv u għandhom jagħżlu l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża skond l-Artikolu 53.

Għat-talba ta' l-awtorità kontrattwanti, min ikun xeħet l-offerta identifikat bħala li ssottometta l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jista' jkun mitlub jiċċarra xi aspetti ta' l-offerta jew jikkonferma obbligi miġburin fl-offerta basta dan ma jkollux l-effett li jimmodifika aspetti sostanzjali ta' l-offerta jew tas-sejħa għal offerta u ma jipperikolax it-tfixkil ta' kompetizzjoni jew jikkawża diskriminazzjoni.

8. L-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jispeċifikaw prezzijiet jew ħlasijiet lill-parteċipanti fid-djalogu.

Artikolu 30

Każi li jiġġustifikaw l-użu ta' proċedura negozjata b'pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt

1. Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jagħtu l-kuntratti pubbliċi tagħhom bi proċedura negozjata, wara pubblikazzjoni ta' avviz ta' kuntratt, fil-każi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' offerti irregolari jew is-sottomissjoni ta' offerti li mhumiex aċċettabli taħt il-disposizzjonijiet nazzjonali kompatibbli ma' l-Artikoli 4, 24, 25, 27 u Kapitolu VII, bi tweġiba għal proċedura miftuħa jew ristretta jew djalogu kompetittiv sakemm it-termini oriġinali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment.

▼B

Awtoritajiet kontrattwanti m'għandhomx għax jippublikaw avviż ta' kuntratt fejn huma jinkludu fil-proċedura negozjata lil dawk kollha li jkunu xeħtu l-offerta, u huma biss, li jkunu issodisfaw il-kriterji ta' l-Artikoli 45 sa 52 u li, matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel jew djalogu kompetittiv, ikunu issottomettew offerti skond il-ħtiġijiet formali tal-proċedura ta' l-offerti;

(b) f'każi eċċezzjonali, meta in-natura tax-xogħlijiet, fornimenti, jew servizzi jew ir-riskji marbutin magħhom ma jippermettux ifissar ta' prezzijiet kumplessiv minn qabel;

(ċ) fil-każ ta' servizzi, servizzi inter alia fil-kategorija 6 ta' l-Anness II A, u servizzi intelletwali bħal servizzi, li jinvolvu d-disinn ta' xogħlijiet, safejn in-natura tas-servizzi li għandhom jkunu provduti hija hekk li speċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma jkunx jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni biżżejjed biex jippermettu l-għoti tal-kuntratt bil-għażla ta' l-aħjar offerta skond ir-regoli li jikkontrollaw proċeduri miftuħa jew ristretti;

(d) fir-rigward ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, għal xogħlijiet li huma mwettqa biss għal għanijiet ta' riċerka, ittestjar jew żvilupp u mhux bil-għan li tiġi żgurata profitabilità jew biex jiġu rkuprati spejjeż ta' riċerka u żvilupp.

2. Fil-każi li sar riferiment għalihom f'paragrafu 1, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jinnegozjaw ma' min ikun xeħet l-offerta l-offerti sottomessi minnhom sabiex jadattawhom għal ħtiġijiet li huma jkunu niżżlu fl-avviż tal-kuntratt l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti addizzjonali, jekk ikun hemm, u li jfittxu l-aħjar offerta skond l-Artikolu 53(1).

3. Matul in-negozjati, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jiżguraw trattament ugwali ma' dawk kollha li jkunu xeħtu l-offerta. Partikolarment, huma m'għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti lil x'uħud li jkunu xeħtu offerta vantaġġ fuq oħrajn.

4. Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jipprovdu għall-proċedura negozjata biex din iseħħ fi stadji suċċessivi biex b'hekk jitnaqqas in-numru ta' offerti li għandhom ikunu negozjati billi jiġu applikati l-kriterji ta' għoti fl-avviż ta' kuntratt jew l-ispeċifikazzjonijiet. L-avviż ta' kuntratt jew l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jindikaw jekk ikunx sar rikors għal din l-għażla.

Artikolu 31

Każi li jiġġustifikaw użu tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt

Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jagħu kuntratti pubbliċi bi proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-każi li ġejjin:

(1) għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' forniment pubbliku u kuntratti ta' servizz pubbliku:

(a) meta ma jkunux ġew sottomessi offerti jew offerti xierqa jew applikazzjonijiet bi tweġiba għal proċedura miftuħa jew proċedura ristretta, sakemm il-kondizzjonijiet tal-bidu ta' kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u bil-kondizzjoni li r-rapport ikun mibgħut lill-Kummissjoni jekk hi tkun tixtieq dan;

(b) meta, għal raġunijiet Tekniċi jew artistiċi, jew għal raġunijiet konnessi mal-ħarsien ta' drittijiet esklussivi, il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku partikolari;

▼B

(c) safejn hu strettament meħtieġ meta, għal raġunijiet ta' urġenza estrema kawża ta' xi ġrajjiet mhux mistennija mill-awtoritajiet kontrattwanti in kwistjoni, il-limitu ta' żmien għal proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt kif sar riferiment għalih fl-Artikolu 30 ma jistgħux jiġu konformati. Iċ-ċirkonstanzi msejħa biex jiġġustifikaw urġenza estrema m'għandhom bl-ebda mod ikunu attribwibbli lill-awtorità kontrattwanti;

(2) għal kuntratti ta' forniment pubbliku:

(a) meta l-prodotti involuti huma maħduma purament għall-għan ta' riċerka, esperimentazzjoni, studju jew żvilupp; dan il-disposizzjoni ma jestendiex għal produzzjoni ta' kwantità biex tiġi stabbilita vjabilità jew jiġu rkuprati spejjeż ta' riċerka u żvilupp;

(b) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali li huma maħsuba jew bħala bdil parzjali ta' fornimenti normali jew stallazzjonijiet jew bħala l-estensjoni ta' fornimenti eżistenti jew istallazzjonijiet fejn bidla ta' fornitur tista' tobbliga l-awtorità kontrattwanti li takkwista materjal li għandu karatteristiċi Tekniċi differenti li jistgħu jirriżultaw f'inkompatibilità jew diffikultajiet Tekniċi sproporzjonati fi tħaddim u manutenzjoni; it-tul ta' kuntratti bħal dawn kif ukoll dak ta' kuntratti rikorrenti ma jistax, bħala regola ġenerali, jaqbeż it-tliet snin;

(c) għal fornimenti kkwotati u mixtrija f'suq ta' prodotti;

(d) għax-xiri ta' fornimenti fuq termini partikolarment vantaġġużi, jew mingħand fornitur li definittivament ikun se jagħlaq l-attivitajiet ta' negozju tiegħu, jew ir-riċevituri jew likwidaturi ta' xi falliment finanzjarju, arranġament ma' kredituri, jew proċedura simili taħt liġijiet nazzjonali jew regolamenti;

(3) għal kuntratti ta' servizz pubbliku, meta l-kuntratt konċernat isegwi kuntest ta' pjan u għandu, taħt ir-regoli applikabbli, ikun mogħti lill-kandidat li jkun irnexxielu jirbħu jew lil wieħed mill-kandidati li ukoll ikun irnexxielu, fil-każ ta' l-aħħar, il-kandidati kollha li jkun irnexxielhom għandhom ikunu mistiedna jieħdu sehem fin-negozjati;

(4) għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi u kuntratti ta' servizz pubbliku:

(a) għal xogħlijiet addizzjonali jew servizzi mhux inklużi fil-proġett għall-bidu meqjusa jew fil-kuntratt oriġinali iżda li, minħabba ċirkonstanzi mhux mistennija, isiru meħtieġa għat-twettiq tax-xogħlijiet jew servizzi deskritti fih, bil-kondizzjoni li l-għotja tingħata lill-operatur ekonomiku li jkun qed iwettaq xogħlijiet jew servizzi bħal dawn:

— meta xogħlijiet addizzjonali bħal dawn jew servizzi ma jkunux jistgħu jkunu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt oriġinali mingħajr inkonvenjenza maġġura għall-awtoritajiet kontrattwanti

jew

— meta xogħlijiet bħal dawn jew servizzi, għalkemm separabbli mit-twettiq tal-kuntratt oriġinali huma strettament meħtieġa għat-tkomplija tiegħu.

Madanakollu, il-valur miġbur ta' kuntratti mogħtija għal xogħlijiet addizzjonali jew servizzi ma jistax jeċċedi l-50 % ta' l-ammont tal-kuntratt oriġinali;

▼B

(b) għal xogħlijiet ġodda jew servizzi li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili jew servizzi fdati lill-operatur ekonomiku li lilu l-istess awtoritajiet kontrattwanti kienu taw kuntratt oriġinali, basta xogħlijiet bħal dawn jew servizzi jkunu konformi ma' proġett bażiku li għalih il-kuntratt oriġinali kien ingħata skond il-proċedura miftuħa jew ristretta.

Malli l-ewwel proġett ikun tqiegħed għall-offerta, l-użu possibbli ta' din il-proċedura għandu jkun żvelat u t-total stmat ta' spiża ta' xogħlijiet sussegwenti jew servizzi għandu jittieħed in kunsiderazzjoni mill-awtoritajiet kontrattwanti meta huma japplikaw il-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.

Din il-proċedura tista' tkun użata biss matul it-tliet snin wara il-konklużjoni tal-kuntratt oriġinali.

Artikolu 32

Kwadri ta' ftehim

1. Stati Membri jistgħu jipprovdu li awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jikkonkludu kwadri ta' ftehim.

2. Għall-għand li jiġi konkluż kwadri ta' ftehim, awtoritajiet kontrattwanti għandhom isegwu r-regoli ta' proċedura li sar riferiment għalihom f'din id-Direttiva għall-fażijiet kollha sal-għoti tal-kuntratti bbażati fuq dak il-kwadru ta' ftehim. Il-partijiet f'dan il-kwadru ta' ftehim għandhom ikunu magħżula billi jiġu applikati l-kriterji mniżżlin skond l-Artikolu 53.

Kuntratti ibbażati fuq kwadru ta' ftehim għandhom ikunu mogħtija skond il-proċeduri imniżżlin fil-paragrafi 3 u 4. Dawn il-proċeduri jistgħu jkunu applikati biss bejn l-awtoritajiet kontrattwanti u l-operaturi ekonomiċi oriġinarjament imsieħba fil-kwadru ta' ftehim.

Meta se jingħataw kuntratti ibbażati fuq kwadru ta' ftehim, il-partijiet taħt l-ebda ċirkonstanza ma jistgħu jagħmlu tibdiliet sostanzjali fit-termini imniżżlin f'dak il-kwadru ta' ftehim, partikolarment fil-każ li sar riferiment għalih fil-paragrafu 3.

It-terminu ta' kwadru ta' ftehim ma jistax jeċċedi l-erba' snin, għajr f'każi eċċezzjonali ġustifikati b'mod xieraq, partikolarment mis-suġġett tal-kwadru ta' ftehim.

Awtoritajiet kontrattwanti ma jistgħux jużaw kwadri ta' ftehim b'mod mhux xieraq jew b'tali mod li jimpedixxu, jirrestrinġu jew ifixxklu l-kompetizzjoni.

3. Fejn kwadru ta' ftehim hu konkluż ma' operatur ekonomiku wieħed, kuntratti ibbażati fuq dak il-ftehim għandhom ikunu mogħtija fil-limiti tat-termini imniżżlin fil-kwadru ta' ftehim.

Għall-għoti ta' dawn il-kuntratti, awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jikkonsultaw bil-miktub man-naħa ta' l-operatur fil-kwadru ta' ftehim, jitolbuh jissuplixxi l-offerta tiegħu kif meħtieġ.

4. Fejn kwadru ta' ftehim hu konkluż ma' diversi operaturi ekonomiċi, dawn ta' l-aħħar iridu jkunu mill-inqas tlieta fin-numru, safejn ikun hemm numru biżżejjed ta' operaturi eknonomiċi biex jissodisfaw l-kriterji ta' għażla u/jew ta' offerti ammissibli li huma xierqa għall-kriterji ta' għotja.

Kuntratti ibbażati fuq kwadri ta' ftehim konklużi ma' diversi operaturi ekonomiċi jistgħu jkunu mogħtija jew:

— b'applikazzjoni tat-termini mniżżlin fil-kwadru ta' ftehim mingħajr ma' terġa' tinfetaħ kompetizzjoni, jew

▼B

— fejn mhux it-termini kollha jkunu imniżżlin fil-kwadru ta' ftehim, meta l-partijiet huma mill-ġdid f'kompetizzjoni fuq il-bażi ta' l-istess u, jekk meħtieġ, termini formulati b'aktar preċiżjoni, u, fejn xieraq, termini oħra li sar riferiment għalihom fl-ispeċifikazzjonijiet fil-kwadru ta' ftehim, skond il-proċedura li ġejja:

(a) għal kull kuntratt li se jingħata, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jikkonsultaw bil-miktub mal-operaturi ekonomiċi kapaċi li jwettqu l-kuntratt;

(b) awtoritajiet kontrattwanti għandhom jiffisaw limitu ta' żmien li jkun twil biżżejjed li jippermetti offerti għal kull kuntratt speċifiku li għandu jkun sottomess, jieħdu akkont fatturi bħall-kumplessità tal-kontenut suġġettiv u ż-żmien meħtieġ sabiex jintbagħtu l-offerti;

(c) l-offerti għandhom jintbagħtu bil-miktub, u l-kontenut tagħhom għandu jibqa' kunfidenzali sakemm il-limitu ta' żmien stipulat għal tweġiba ikun skada;

(d) awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħtu kull kuntratt lil dak li jkun issottometta l-aħjar offerta fuq il-bażi tal-kriterji ta' għotja imniżżlin fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kwadru ta' ftehim.

Artikolu 33

Sistemi ta' xiri dinamiku

1. Stati Membri jistgħu jipprovdu li awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jużaw sistemi ta' xiri dinamiku.

2. Sabiex iwaqqfu sistema ta' xiri dinamiku, awtoritajiet kontrattwanti għandhom isegwu r-regoli tal-proċedura miftuħa fil-fażijiet kollha tagħha sa l-għoti tal-kuntratti li għandhom ikunu konklużi taħt din is-sistema. Dawk kollha li jkunu xeħtu l-offerta u issodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u kienu issottomettew offerta indikattiva li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni u kull dokumenti addizzjonali possibbli għandhom ikunu ammessi fis-sistema; offerti indikattivi jistgħu jkunu mtejba fi kull żmien basta jkomplu jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet. Bi skopli titwaqqaf is-sistema u li jingħataw kuntratti taħt dik is-sistema, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jużaw biss mezzi elettroniċi skond l-Artikolu 42(2) sa (5).

3. Għal għanijiet li titwaqqaf sistema ta' xiri dinamiku awtoritajiet kontrattwanti għandhom:

(a) jippubblikaw avviż ta' kuntratt li jagħmilha ċara li sistema ta' xiri dinamiku hi nvoluta;

(b) jindikaw fl-ispeċifikazzjoni, fost ħwejjeġ oħra, in-natura tax-xirjiet previsti taħt dik is-sistema, kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa li tikkonċerna s-sistema ta' xiri, l-apparat elettroniku użat u l-arranġementi Tekniċi ta' konnessjoni u speċifikazzjonijiet;

(c) joffru b'mezzi elettroniċi, mal-pubblikazzjoni ta' l-avviż u sa l-iskadenza tas-sistema, aċċess mhux ristrett, dirett u sħiħ għall-ispeċifikazzjoni u għal kull dokument addizzjonali u għandhom jindikaw fl-avviż l-indirizz ta' l-internet li fih dokumenti bħal dawn ikunu jistgħu jiġu ikkonsultati.

4. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħtu lil kull operatur ekonomiku, matul il-perjodu sħiħ tas-sistema ta' xiri dinamiku, il-possibilità li jissottometti offerta indikattiva u li jkun ammess fis-sistema taħt il-kondizzjonijiet li sar riferiment għalihom fil-paragrafu 2. Huma għandhom ilestu evalwazzjoni fi żmien massimu ta' 15-il ġurnata mid-data tas-sottomissjoni ta' l-offerta indikattiva. Madankollu, huma jistgħu jestendu l-perjodu ta' evalwazzjoni basta sadanittant ma tkunx ħarġet xi stedina għal offerti.

▼B

L-Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jinfurmaw lil min ikun xeħet l-offerta li saret referenza għalih fl-ewwel sub-paragrafu f'opportunità l-aktar kmieni possibbli dwar id-dħul tiegħu fis-sistema ta' xiri dinamiku jew tar-rifjut ta' l-offerta indikattiva tiegħu.

5. Kull kuntratt speċifiku għandu jkun suġġett għal stedina għal offerti. Qabel ma joħorġu l-istedina għal offerti, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jippubblikaw avviż ta' kuntratt simplifikat li jistieden lil operaturi ekonomiċi interessati kollha biex jissottomettu offerta indikattiva, skond il-paragrafu 4, f'limitu ta' żmien li m'għandux ikun inqas minn 15-il ġurnata mid-data li fiha jkun intbagħat l-avviż simplifikat. Awtoritajiet kontrattwanti ma jistgħux jipproċedu bit-tħaddim ta' l-offerti sakemm ma jkunux lestew eval-wazzjoni ta' l-offerti indikattivi kollha riċevuti sa dik id-data ta' l-egħluq.

6. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jistiednu lil dawk kollha li jkunu xeħtu offerta ammessi fis-sistema biex jissottomettu offerta għal kull kuntratt speċifiku li għandu jingħata taħt is-sistema.

Huma għandhom jagħtu l-kuntratt lil min ikun xeħet l-aħjar offerta fuq il-bażi tal-kriterji ta' għoti mniżżlin fl-avviż tal-kuntratt għat-twaqqif tas-sistema ta' xiri dinamiku. Dawk il-kriterji jistgħu, jekk xierqa, ikunu formulati b'aktar preċiżjoni fl-istedina li saret referenza għaliha fl-ewwel sub-paragrafu.

7. Sistema ta' xiri dinamiku ma tistax iddum għal aktar minn erba' snin, ħlief f'każi eċċezzjonali ġustifikati b'mod xieraq.

Awtoritajiet kontrattwanti jistgħux idduru għal din is-sistema biex jimpedixxu, jirrestrinġu jew ifixklu kompetizzjoni.

Ebda ħlas ta' spejjeż m'għandu jkun akkontat lill-operaturi ekonomiċi interessati jew lil imseħbin fis-sistema.

Artikolu 34

Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi: regoli partikolari fuq skemi ta' djar sussidjati

Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi relatati mad-disinn u kostruzzjoni ta' skema ta' djar sussidjata li d-daqs u l-kumplessità tagħha, u t-tul ta' żmien stmat biex jitwettaq ix-xogħol involut jeħtieġu li l-ippjanar ikun ibbażat sa mill-bidu b'kollaborazzjoni fil-qrib fit-tim li jikkomprendi rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kontrattwanti, esperti u l-kuntrattur li se jkun responsabbli biex iwettaq ix-xogħlijiet, proċedura ta' għotja speċjali tista' tkun adottata għal għażla tal-kuntrattur l-aktar xieraq biex jintegra ruħu fit-tim.

Partikolarment, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jinkludu fl-avviż tal-kuntratt eżatt kemm jista' jkun deskrizzjoni tax-xogħlijiet li għandhom jitwettqu biex b'hekk il-kuntratturi interessati jkunu jistgħu jiffurmaw idea valida tal-proġett. Barra minn hekk, awtoritajiet kontrattwanti għandhom, skond il-kriterji ta' għażla kwalitativa li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 45 sa 52, imniżżlin f'avviż ta' kuntratt bħal dan il-kondizzjonijiet personali. Tekniċi, ekonomiċi u finanzjarji li għandhom jitwettqu fis-sħiħ mill-kandidati.

Fejn proċedura bħal din tiġi adottata, awtoritajiet kontrattwanti għandhom japplikaw l-Artikoli 2, 35, 36, 38, 41, 42, 43 u 45 sa 52.

▼B

KAPITOLU VI

Regoli dwar reklamar u trasparenza

Taqsima 1

Pubblikazzjoni ta' avviżi

Artikolu 35

Avviżi

1. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħmlu magħruf, permezz ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel ippubblikat mill-Kummissjoni jew minnhom infushom fil-"profil tax-xerrej" tagħhom, kif deskritt f'punt 2(b) ta' Anness VIII:

(a) fejn huma konċernati l-fornimenti, il-valur totali stmat tal-kuntratti jew il-kwadri ta' ftehim minn zona ta' prodott li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu matul it-12-il xahar li jkunu ġejjin, fejn il-valur totali stmat, jittieħdu akkont Artikoli 7 u 9, huwa ugwali għal u aktar minn EUR 750 000.

Iż-żona ta' prodott għandha tkun stabbilita mill-awtoritajiet kontrattwanti b'referenza għan-nomenklatura tas-CPV;

(b) fejn huma konċernati servizzi, il-valur totali stmat tal-kuntratti jew il-kwadri ta' ftehim f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizzi elenkati fl-Anness II A li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu matul it-12-il xahar li jkunu ġejjin, fejn valur totali stmat bħal dan, jittieħdu akkont il-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 u 9, huwa ugwali għal jew aktar minn EUR 750 000;

(c) fejn huma konċernati xogħlijiet, il-karatteristiċi essenzali tal-kuntratti jew tal-kwadri ta' ftehim li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu, li l-valur stmat tagħhom huwa ugwali għal jew aktar mil-limitu massimu speċifikat fl-Artikolu 7, jittieħed akkont l-Artikolu 9.

L-avviżi li sar riferiment għalihom fis-sub-paragrafi (a) u (b) għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni jew jiġu ppubblikati fil-profil tax-xerrej malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tas-sena ta' l-estimi finanzjarji.

L-avviż li sar riferiment għalih fis-sub-paragrafu (c) għandu jintbagħat lill-Kummissjoni jew jiġi ippubblikat fil-profil tax-xerrej malajr kemm jista' jkun wara li d-deċiżjoni li tipprova l-ippjanar tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew il-kwadri ta' ftehim li awtoritajiet kontrattwanti jkollhom l-intenzjoni li jagħtu.

Awtoritajiet kontrattwanti li jippubblikaw avviż ta' informazzjoni minn qabel fil-profili tax-xerrej tagħhom għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, b'mezz elettroniku, avviż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' informazzjoni minn qabel fi profil tax-xerrej, skond il-format u l-proċeduri dettaljati biex jintbagħtu avviżi indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII.

Pubblikazzjoni ta' l-avviżi li sar riferiment għalihom fis-sub-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandhom ikunu obbligatorji biss fejn l-awtoritajiet kontrattwanti jagħżlu li jqassru l-limiti ta' żmien biex jirċievu offerti kif imniżżel fl-Artikolu 38(4).

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal proċeduri negozjati mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt.

2. Awtoritajiet kontrattwanti li jixtiequ jagħtu kuntratt pubbliku jew kwadru ta' ftehim bi proċedura miftuħa, ristretta jew, taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 30, negozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt jew, taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 29, djalogu kompetittiv, għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż ta' kuntratt.

▼B

3. Awtoritajiet kontrattwanti li jixtiequ jwaqqfu sistema ta' xiri dinamiku għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż ta' kuntratt.

Awtoritajiet kontrattwanti li jixtiequ jagħtu kuntratt ibbażat fuq sistema ta' xiri dinamiku għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż ta' kuntratt simplifikat.

4. Awtoritajiet kontrattwanti li jkunu taw kuntratt pubbliku jew ikkonkludew kwadru ta' ftehim għandhom jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' għotja mhux aktar tard minn 48 ġurnata wara l-għotja tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-kwadru ta' ftehim.

Fil-każ ta' kwadri ta' ftehim konklużi skond l-Artikolu 32 l-awtoritajiet kontrattwanti mhumiex marbuta li jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' għotja għal kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim.

Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jibagħtu avviż ta' riżultat tal-għoti tal-kuntratti ibbażat fuq sistema ta' xiri dinamiku fi żmien 48 ġurnata mill-għotja ta' kull kuntratt. Huma jistgħu, madanakollu, jiġbru flimkien avviżi bħal dawn fuq bażi ta' tliet xhur kull darba. F'dak il-każ huma għandhom jibagħtu l-avviżi miġbura fi żmien 48 ġurnata mill-aħħar ta' kull tliet xhur.

Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi elenkati fl-Anness II B, l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jindikaw fl-avviż jekk huma jaqblux mal-pubblikazzjoni tiegħu. Għal kuntratti ta' servizzi bħal dawn il-Kummissjoni għandha tfassal ir-regoli biex jiġu stabbiliti rapporti statistiċi fuq il-bażi ta' avviżi bħal dawn u għal pubblikazzjoni ta' rapporti bħal dawn skond il-proċedura imniżżla fl-Artikolu 77(2).

Ċerta informazzjoni dwar l-għotja tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-kwadru ta' ftehim tista' tinżamm milli tiġi ippubblikata fejn il-ħruġ ta' informazzjoni bħal din jista' jimpedixxi rinforz tal-liġi jew altrimenti jkun kuntrarju għal interess pubbliku, jista' jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, pubbliċi jew privati, jew jista' jippreġudika kompetizzjoni ġusta bejniethom.

Artikolu 36

Sura u mod kif jiġu ippubblikati avviżi

1. Avviżi għandhom jinkludu l-informazzjoni imsemmija fl-Anness VII A u, fejn xieraq, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità kontrattwanti fil-format ta' formoli *standard* adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura li sar referiment għaliha fl-Artikolu 77(2).

2. Avviżi mibgħuta minn awtoritajiet kontrattwanti lill-Kummissjoni għandhom ikunu mibgħuta jew b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati fl-Anness VIII, paragrafu 3, jew b'mezzi oħra. Fil-każ ta' rikors għal proċedura aċċellerata imniżżla fl-Artikolu 38(8), avviżi għandhom jintbagħtu jew *b'telefax* jew b'mezzi elettroniċi, skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII.

Avviżi għandhom ikunu ippubblikati skond il-karatteristiċi Tekniċi għal pubblikazzjoni imniżżlin f'punt 1 (a) u (b) ta' l-Anness VIII.

3. Avviżi imfasslin u trasmessi b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII, għandhom ikunu ippubblikati mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li jkunu ntbagħtu.

Avviżi li ma jkunux trasmessi b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII, għandhom ikunu ippubblikati mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata wara li jkunu ntbagħtu.

▼B

4. Avviżi ta' kuntratt għandhom ikunu ippubblikati fis-sħiħ fl-lingwa uffiċjali tal-Komunità kif magħżula mill-awtorità kontrattwanti, din il-verżjoni b'lingwa oriġinali tikkostitwixi l-uniku t-test awtentiku. Rapport qasir ta' l-elementi importanti ta' kull avviż għandu jkun ippubblikat bil-lingwi l-oħra uffiċjali.

L-ispejjeż ta' pubblikazzjoni ta' avviżi bħal dawn mill-Kummissjoni għandhom jinġarru mill-Komunità.

5. Avviżi u l-kontenuti tagħhom ma jistgħux ikunu ippubblikati f'livell nazzjonali qabel id-data li fiha huma jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Avviżi ippubblikati f'livell nazzjonali m'għandux ikun fihom tagħrif għajr dak kontentut fl-avviżi mibgħuta lill-Kummissjoni jew ippubblikati fi profil tax-xerrej skond l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 35(1), iżda għandhom jiddikarjaw id-data ta' meta ntbagħat l-avviż lill-Kummissjoni jew il-pubblikazzjoni tiegħu fil-profil tax-xerrej.

Avviżi ta' informazzjoni minn qabel ma jistgħux ikunu ippubblikati fi profil tax-xerrej qabel ma jintbagħat lill-Kummissjoni avviż tal-pubblikazzjoni tagħhom f'dik is-sura; huma għandhom jiddikarjaw id-data meta ntbagħtu.

6. Il-kontenut ta' avviżi mhux mibgħuta b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness VII, għandu jkunu limitat għal bejn wieħed u ieħor 650 kelma.

7. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom ikunu kapaċi jfornu prova tad-dati li fihom ikunu ntbagħtu l-avviżi.

8. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-awtorità kontrattwanti konferma tal-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni mibgħuta, isemmi d-data ta' dik il-pubblikazzjoni. Informazzjoni bħal din għandha tikkostitiwixxi prova ta' pubblikazzjoni.

Artikolu 37

Pubblikazzjoni mhux obbligatorja

Awtorijitajiet kontrattwanti jistgħu jippubblikaw skond l-Artikolu 36 avviżi ta' kuntratti pubbliċi li mhumiex suġġetti għall-ħtieġa ta' pubblikazzjoni imniżżla f'din id-Direttiva.

Taqsima 2

Limiti ta' żmien

Artikolu 38

Limiti ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għal parteċipazzjoni u jiġu ricevuti offerti

1. Meta se jiffissaw il-limiti ta' żmien tal-wasla ta' offerti u talbiet għal parteċipazzjoni, awtorijitajiet kontrattwanti għandhom jieħu in kusiderazzjoni partikolarment tal-kumplessità tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ għat-tifsil ta' l-offerti, mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien minimi imniżżlin f'dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla ta' offerti għandu jkun 52 ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt ikun mibgħut.

3. Fil-każ ta' proċeduri ristretti, proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 30 u d-djalogu kompetittiv:

(a) il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla ta' talbiet għall-parteċipazzjoni għandu jkun 37 ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt ikun mibgħut;

▼B

(b) fil-każ ta' proċeduri ristretti, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla ta' l-offerti għandu jkun 40 ġurnata mid-data li fiha l-istedina tkun mibgħuta.

4. Meta awtoritajiet kontrattwanti jkunu ippubblikaw avviż ta' informazzjoni minn qabel, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla ta' offerti taħt paragrafi 2 u 3(b) jista', bħala regola ġenerali, ikun imqassar għal 36 ġurnata, iżda taħt l-ebda ċirkonstanza għal inqas minn 22 ġurnata.

Il-limitu ta' żmien għandu jdum mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt ikun intbagħat fi proċeduri miftuħa, u mid-data li fiha l-istedina għal offerta tkun intbagħtet fi proċeduri ristretti

Il-limiti ta' żmien imqassrin li sar riferiment għalihom fl-ewwel sub-paragrafu għandhom ikunu permessi, basta li l-avviż ta' informazzjoni ta' qabel ikun inkluda t-tagħrif kollu meħtieġ għall-avviż tal-kuntratt fl-Anness VII A, safejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli fiż-żmien li l-avviż ikun ippubblikat u li l-avviż ta' informazzjoni ta' qabel kien mibgħut għall-pubblikazzjoni bejn 52 ġurnata u 12-il xahar qabel id-data li fiha l-avviż tal-kuntratt kien mibgħut.

5. Fejn avviżi huma imfasslin u trasmessi b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII, il-limiti ta' żmien għall-wasla ta' offerti li sar riferiment għalihom fil-paragrafi 2 u 4 fi proċeduri miftuħa, u l-limitu ta' żmien għall-wasla tat-talbiet biex wieħed jipparteċipa, li sar riferiment għalihom fil-paragrafu 3(a), fi proċeduri ristretti u negozjati u d-djalogu kompetittiv, jista' jkun imqassar b'sebat ijiem.

6. Il-limiti ta' żmien għall-wasla ta' offerti li sar riferiment għalihom fil-paragrafi 2 u 3(b) jistgħu jkunu mqassrin b'ħamest ijiem fejn l-awtorità kontrattwanti toffri aċċess mhux ristrett u kompletament dirett b'mezzi elettroniċi għad-dokumenti tal-kuntratt u kull dokumenti supplimentari mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż skond l-Anness VIII, tispeċifika fit-test ta' l-avviż l-indirizz ta' l-internet li fih din id-dokumentazzjoni hija aċċessibli.

Dan it-tnaqqis jista' jkun miżjud ma' dak li sar riferiment għalih f'paragrafu 5.

7. Jekk, għal kull raġuni, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti sostinenti jew informazzjoni addizzjonali, għalkemm mitluba fi żmien tajjeb, ma jkunux fornuti fil-limiti ta' żmien imniżżlin fl-Artikoli 39 u 40, jew fejn offerti jistgħu jkunu mitfugħa biss wara żjara fis-sit jew wara spezzjoni fuq il-post tad-dokumenti li jsostnu d-dokumenti tal-kuntratt, il-limiti ta' żmien għall-wasla ta' offerti għandu jkun estiż hekk li l-operaturi ekonomiċi kollha konċernati jistgħu jkunu konxji mill-informazzjoni kollha meħtieġa biex jipproduċu l-offerti.

8. Fil-każ ta' proċeduri ristretti u proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 30, fejn l-urġenża tirrendi mhux prattikabli l-limiti ta' żmien imniżżlin f'dan l-Artikolu, awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jiffissaw:

(a) limitu ta' żmien għall-wasla ta' talbiet għal parteċipazzjoni li ma jistax ikun ta' inqas minn 15-il ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt ikun intbagħat, jew inqas minn 10 t'ijiem jekk l-avviż ikun intbagħat b'mezzi elettroniċi, skond il-format u proċedura biex jintbagħtu avviżi indikati f'punt 3 ta' l-Anness VIII;

▼B

(b) u, fil-każ ta' proċeduri ristretti, limitu ta' żmien għall-wasla ta' offerti li m'għandux ikun inqas minn 10 t'ijiem mid-data ta' l-istedina għal offerta.

Artikolu 39

Proċeduri miftuħa: Speċifikazzjonijiet, dokumenti addizzjonali u informazzjoni

1. Fi proċeduri miftuħa, fejn awtoritajiet kontrattwanti ma joffrux aċċess mhux ristrett jew direttament sħiħ b'mezzi elettroniċi skond l-Artikolu 38(6) għall-ispeċifikazzjonijiet u kull dokumenti sostinenti, l-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti supplimentati għandhom jintbagħtu lil operaturi ekonomiċi fi żmien sitt ijiem milll-wasla tat-talba għal parteċipazzjoni, basta t-talba tkun saret fi żmienha qabel id-data ta' l-egħluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

2. Sakemm tkun mitluba fi żmienha, informazzjoni addizzjonali relatata ma' l-ispeċifikazzjonijiet u kwalunwe dokumenti sostinenti għandha tkun fornuta lill-awtoritajiet kontrattwanti jew dipartimenti kompetenti mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel id-data ta' l-egħluq iffissata għall-wasla ta' offerti

Taqsima 3

Kontenut ta' informazzjoni u mezzi ta' trasmissjoni

Artikolu 40

Stediniet għas-sottomissjoni ta' offerta, parteċipazzjoni fi djalogu jew negozjar

1. Fi proċeduri ristretti, proċeduri kompetittivi ta' djalogu u proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' l-avviz ta' kuntratt fit-tifsira ta' l-Artikolu 30, awtoritajiet kontrattwanti għandhom fl-istess ħin u bil-miktub jistiednu lill-kandidati magħżula biex jissomettu l-offerti tagħhom jew biex jinnegozzjaw jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, jieħdu sehem fid-djalogu.

2. L-istedina għall-kandidati għandha tinkludi jew:

— kopja ta' l-ispeċifikazzjonijiet jew tad-dokument deskrittiv u kull dokumenti sostinenti, jew

— referenza ta' aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet u dokumenti l-oħra indikati fl-ewwel inċiż, meta huma jitqiegħdu għal disposizzjoni diretta b'mezzi elettroniċi skond l-Artikolu 38(6).

3. Fejn xi entità minbarra l-awtortà kontrattwanti responsabbli għall-għoti ta' proċedura għandha l-ispeċifikazzjonijiet, id-dokument deskrittiv u/jew kull dokumenti sostinenti, l-istedina għandha ssemmi l-indirizz li minnu dawk l-ispeċifikazzjonijiet, dak id-dokument deskrittiv u dawk id-dokumenti jistgħu jkunu mitluba u, jekk xieraq, id-data ta' l-egħluq għat-talba ta' dawn id-dokumenti, u s-somma pagabbli sabiex jinkisbu u kull proċeduri ta' ħlas. Id-dipartiment kompetenti għandu jibgħat dik id-dokumentazzjoni lill-operatur ekonomiku bla telf ta' żmien kif jirċievi t-talba.

4. L-informazzjoni addizzjonali dwar speċifikazzjonijiet, id-dokument deskrittiv jew id-dokumenti sostinenti għandhom jintbagħtu mill-awtorità kontrattwanti jew id-dipartiment kompetenti f'mhux inqas minn sitt ijiem qabel id-data ta' l-egħluq iffissata għall-wasla ta' offerti, basta tkun mitluba fi żmienha. Fil-każ ta' proċedura ristretta jew aċċellerata, dak il-perjodu għandu jkun ta' erbat ijiem.

▼B

5. Barra minn dan, l-istedina biex wieħed jissottometti offerta, biex jipparteċipa fi djalogu jew jinnegozzja għandu jkollha fiha għallinqas:

(a) referenza għall-avviż ta' kuntratt ippubblikat;

(b) id-data ta' l-eġħluq għall-wasla ta' l-offerti, l-indirizz fejn dawk li jixħtu l-offerta għandhom jibagħtuha u l-lingwa jew lingwi li fihom min jixħet l-offeta għandu jfassalha;

(ċ) fil-każ ta' djalogu kompetittiv id-data u l-indirizz intenzjonati għall-bidu ta' konsultazzjoni u l-lingwa jew lingwi użati;

(d) referenza għal kull dokumenti mehmuża possibli li għandhom ikunu sottomessi, jew imsaħħin b'dikjarazzjonijiet verifikabbli minn min ikun xeħet l-offerta skond l-Artikolu 44, jew li jissupplixxi l-informazzjoni li sar riferiment għaliha f'dak l-Artikolu, u taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fl-Artikoli 47 u 48;

(e) piż relattiv ta' kriterji għall-għoti tal-kuntratt jew, fejn xieraq, l-ordni għan-niżla ta' importanza ta' kriterji bħal dawn, jekk ma jkunux mogħtija fl-avviż tal-kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet jew id-dokument deskrittiv.

Madanakollu, fil-każ ta' kuntratti mogħtija skond ir-regoli mniżżlin fl-Artikolu 29, l-informazzjoni li sar riferiment għaliha f'(b) hawn fuq m'għandhiex tidher fl-istedina għal parteċipazzjoni fi djalogu iżda għandha tidher fl-istedina biex tiġi sottomess offerta.

Artikolu 41

Infurmar lil kandidati u dawk li jixħtu l-offerta

1. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom kemm fis possibli jinfurmaw kandidati u dawk li jkunu xeħtu offerta bid-deċiżjonijiet milħuqa li jikkonċernaw il-konklużjoni ta' kwadru ta' ftehim, l-għoti tal-kuntratt jew dħul f'sistema ta' xiri dinamiku, inklużi raġunijiet għal kull deċiżjoni biex ma jiġix konkluż xi kwadru ta' ftehim jew għotja ta' xi kuntratt li għalihom tkun saret sejħa għal kompetizzjoni jew biex tinbeda mill-ġdid il-proċedura jew implimentazzjoni ta' sistema ta' xiri dinamiku; dik l-informazzjoni għandha tkun mogħtija bil-miktub fuq talba lill-awtoritajiet kontrattwanti.

2. Fuq talba mingħand parti konċernata, l-awtorità kontrattwanti għandha malajr kemm jista' jkun tinforma:

— lil kull kandidat li ma jkunx irnexxielu dwar ir-raġunijiet għala l-applikazzjoni tiegħu kienet rifjutata,

— lil kulmin ikun xeħet offerta u ma rnexxiex, ir-raġunijiet għala l-offerta tiegħu ġiet rifjutata, inklużi, għall-każi li saret referenza għalihom fl-Artikolu 23, paragrafi 4 u 5, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha ta' non-ekwivalenza jew id-deċiżjoni tagħha li x-xogħlijiet, fornimenti jew servizzi ma jilħqux il-livell ta' twettiq jew ħtiġijiet funzjonali,

— lil kulmin ikun xeħet offerta u li jkun għamel offerta ammissibli tal-karatterisitiċi u l-vantaġġi relativi ta' l-offerta magħżula kif ukoll ta' l-isem ta' min ikun xeħet offerta u rnexxa jew il-partijiet fil-kwadru ta' ftehim.

Iż-żmien meħud ma jista' taħt l-ebda ċirkonstanza jeċċedi l-15-il ġurnata mill-wasla tat-talba bil-miktub.

▼B

3. Madanakollu, awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jiddeċiedu li jżommu lura ċerta informazzjoni li sar riferiment għaliha fil-paragrafu 1, fir-rigward ta' għotja ta' kuntratt, il-konklużjoni ta' kwadri ta' ftehim jew dħul f'sistema ta' xiri dinamiku fejn il-ħruġ ta' informazzjoni bħal din jista' jimpedixxi rinforz tal-liġi, jista' altrimenti jkun kuntrarju għall-interess pubbliku jista' jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, kemm pubbliċi jew privati, jew jista' jippreġudika kompetizzjoni ġusta bejniethom.

Taqsima 4

Komunikazzjoni

Artikolu 42

Regoli applikabbli għal komunikazzjoni

1. Il-komunikazzjoni kollha u bdil ta' informazzjoni li sar riferiment għalihom f'dan it-Titolu jistgħu jkunu bil-posta, b'fax, b'mezzi elettroniċi skond il-paragrafi 4 u 5, bit-telefon fil-każi u ċirkostanzi li sar riferiment għalihom fil-paragrafu 6, jew b'taħlita ta' dawk il-mezzi, skond l-għażla ta' l-awtorità kontrattwanti.

2. Il-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula għandhom ġeneralment ikunu disponibbli u b'hekk ma jirrestrinġux l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' offerti.

3. Komunikazzjoni u l-bdil u ħażna ta' informazzjoni għandhom jitwettqu b'tali mod li jiżguraw li l-integrità ta' tagħrif u l-kunfidenzalità ta' l-offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni jkunu priservati, u li l-awtoritajiet kontrattwanti jeżaminaw il-kontenut ta' l-offerti u t-talbiet għal parteċipazzjoni biss wara li l-limitu ta' żmien maħsub biex jiġu sottomessi jkun skada.

4. L-għodod li għandhom ikunu użati għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi Tekniċi tagħhom, m'għandhomx ikunu diskriminatorji, ġeneralment disponibbli u li jistgħu jitħaddmu nternament ma' l-informazzjoni u prodotti teknoloġiċi f'użu ġenerali.

5. Ir-regoli li ġejjin huma applikabbli għal pjani ta' trasmissjoni elettronika u twassil ta' offerti u għal pjani ta' twassil elettroniku ta' talbiet għal parteċipazzjoni:

(a) tagħrif li jirrigwarda l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għas-sottomissjoni elettronika ta' offerti u talbiet għal parteċipazzjoni, inkluża inkrizzjoni, għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati. Barra minn hekk, il-pjani għal twassil elettroniku ta' offerti u talbiet għal parteċipazzjoni għandhom jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' l-Anness X;

(b) Stati Membri jistgħu, f'konformità ma' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/93/KE, jeżiġu li offerti elettroniċi jkunu mseħbin b'firma elettroniku avvanzata b'konformità ma' paragrafu 1 tiegħu;

(ċ) Stati Membri jistgħu jintroduċu jew isostnu skemi ta' akkredizzjoni volontarji li jimmiraw għal livelli mtejbin ta' disposizzjoni ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għal dawn il-pjani;

(d) dawk li jixtħu l-offerti jew kandidati għandhom jindaħlu li jissottomettu qabel l-egħluq tal-limitu ta' żmien imniżżel għas-sottomissjoni ta' offerti jew talbiet għall parteċipazzjoni, id-dokumenti, ċertifikati u dikjarazzjonijiet li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 45 sa 50 u Artikolu 52 jekk ma jeżistux f'format elettroniku.

▼B

6. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għat-trasmissjoni ta' talbiet għal parteċipazzjoni:

(a) talbiet għal parteċipazzjoni fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jistgħu jkunu magħmulin bil-miktub jew bit-telefon;

(b) fejn talbiet għal parteċipazzjoni huma magħmula bit-telefon, konferma bil-miktub għandha tinbagħat qabel l-egħluq tal-limitu ta' żmien iffissat għal wasla tagħhom;

(ċ) awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jeżiġu li talbiet għal parteċipazzjoni magħmulin b'fax ikunu konfermati bil-posta, jew b'mezzi elettroniċi, fejn dan ikun meħtieġ għal għanijiet ta' prova legali. Kull ħtieġa bħal din flimkien mal-limitu ta' żmien biex tintbagħat konferma bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, għandha tissemma mill-awtorità kontrattwanti fl-avviż tal-kuntratt.

Taqsima 5

Rapporti

Artikolu 43

Kontenut ta' rapporti

Għal kull kuntratt, kwadru ta' ftehim, u kull stabbiliment ta' sistema ta' xiri dinamiku, l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom ifasslu rapport bil-miktub li għandu jinkludi għallinqas dan li ġej:

(a) l-isem u indirizz ta' l-awtorità kontrattwanti, il-kontenut suġġettiv u valur tal-kuntratt, kwadru ta' ftehim jew sistema ta' xiri dinamiku;

(b) l-ismijiet tal-kandidati u ta' dawk li jkunu xeħtu l-offerta li rnexxew u r-raġunijiet għala ngħażlu;

(ċ) l-ismijiet tal-kandidati jew dawk li xeħtu l-offerta li ġew rifjutati u r-raġunijiet għar-rifjut tagħhom;

(d) ir-raġunijiet għal rifjut ta' offerti misjub li kienu abnormalment baxxi;

(e) l-isem ta' min ikun xeħet offerta u rnexxa u r-raġunijiet għala l-offerta tiegħu ġiet magħżula u, jekk magħruf, is-sehem tal-kuntratt jew kwadru ta' ftehim li dak li jkun xeħet l-offerta u rnexxa jkollu l-ħsieb jissottokuntrattja lil partijiet terzi;

(f) għal proċeduri negozjati, iċ-ċirkonstanzi li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 30 u 31 li jiġġustifikaw l-użu ta' dawn il-proċeduri;

(g) safejn hu konċernat id-djalogu kompetittiv, iċ-ċirkostanzi kif imniżżlin fl-Artikolu 29 li jiġġustifikaw l-użu ta' din il-proċedura;

(h) jekk ikun meħtieġ, ir-raġunijiet għala l-awtorità kontrattwanti tkun iddeċidiet li ma tagħtix kuntratt jew kwadru ta' ftehim jew li tistabilixxi sistema ta' xiri dinamiku.

L-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jieħdu passi xierqa biex jiddokumentaw il-progress ta' proċeduri ta' għotja mħaddmin b'mezzi elettroniċi.

Ir-rapport, jew il-fatturi ewliena tiegħu, għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni jekk hi tkun tixtieq hekk.

▼B

KAPITOLU VII

Tmexxija tal-proċedura

Taqsima 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 44

Verifikata' l-adattabilità u għażla ta' parteċipanti u għoti ta' kuntratti

1. Kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi tal-kriterji imniżżlin fl-Artikoli 53 u 55, jittieħed akkont l-Artikolu 24, wara li l-adattabilità ta' operaturi ekonomiċi mhux eklużi taħt l-Artikoli 45 u 46 ikun ġie mixtarr mill-awtoritajiet kontrattwanti skond il-kriterji ta' permessi ekonomiċi u finanzjarji, ta' stabilità professjonali u teknika jew abilità li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 47 sa 52, u, fejn xieraq, mar-regoli non-diskriminatorji u kriterji li sar riferiment għalihom fil-paragrfu 3.

2. L-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jeżiġu li kandidati u dawk li jixħtu l-offerta jilħqu l-livell minimu ta' kapaċità skond l-Artikoli 47 u 48.

Il-limitu ta' l-informazzjoni li sar riferiment għalih fl-Artikoli 47 u 48 u l-livelli minimi ta' abilità meħtieġa għal kuntratt speċifiku għandu jkun relatat u proporzjonat mal-kontenut suġġettiv tal-kuntratt.

Dawn il-livelli minimi għandhom ikunu indikati fl-avviż tal-kuntatt.

3. Fi proċeduri ristretti, proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt u fil-proċedura ta' djalogu kompetittiv, awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li jkunu se jistiednu biex jixħtu offerta, biex jinnegozjaw jew biex imexxu djalogu ma', basta numru suffiċjenti ta' kandidati xierqa jkun disponibbli. L-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jindikaw fl-avviż tal-kuntratt l-oġġettiv u l-kriterji mhux diskriminatorji jew regoli li jkollhom ħsieb japplikaw, in-numru minimu ta' kandidati li għandhom ħsieb li jistiednu u, fejn xieraq, in-numru massimu.

Fil-proċedura ristretta il-minimu għandu jkun ta' ħamsa. Fil-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt u l-proċedura ta' djalogu kompetittiv il-minimu għandu jkun ta' tlieta. Fi kull każ in-numru ta' kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.

L-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jistiednu numru ta' kandidati għallinqas ugwali għan-numru minimu maħsub minn qabel. Fejn in-numru ta' kandidati xierqa għal kriterji ta' għażla u l-livelli minimi ta' abilità jkun taħt in-numru minimu, l-awtorità kontrattwanti tista' tkompli l-proċedura billi tistieden lill-kandidat(i) bil-kapacitajiet mitluba. Fil-kuntest ta' din l-istess proċedura, l-awtorità kontrattwanti tista' ma tinkludiex operaturi ekonomiċi oħra li ma jkunux talbu li jipparteċipaw, jew kandidati li m'għandhomx il-kapaċitajiet mitluba.

4. Fejn l-awtoritajiet kontrattwanti jeżerċitaw l-għażla li jnaqqsu n-numru ta' soluzzjonijiet li għandhom ikunu diskussi jew ta' offerti li għandhom ikunu negozjati, kif sar disposizzjoni għaliha fl-Artikoli 29(4) u 30(4), huma għandhom jagħmlu hekk billi japplikaw il-kriterji ta' għotja imniżżlin fl-avviż ta' kuntratt, fl-ispeċifikazzjonijiet jew fid-dokument deskrittiv. Fl-aħħar stadju, in-numru li wieħed jasal għalih għandu jippermetti kompetizzjoni ġenwina sakemm ikun hemm biżżejjed soluzzjonijiet jew kandidati xierqa.

▼B

Taqsima 2

Kriterji għal għażla kwalitattiva

Artikolu 45

Sitwazzjoni personali tal-kandidat jew ta' min jixħet l-offerta

1. Kull kandidat jew min ikun xeħet l-offerta illi kien suġġett għal sentenza tal-qorti b'ħaqq aħħari li dwaru tkun taf l-awtorità kontrattwanti għal raġuni jew aktar imniżżlin hawn taħt għandu jkun eskluż mill-parteċipazzjoni f'kuntratt pubbliku:

(a) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif deskritt fl-Artikolu 2(1) tal-Kunsill Konġunt ta' Azzjoni 98/733/JHA ([1]);

(b) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 3 ta' l-Att tal-Kunsill tas-26 Mejju 1997 ([2]) u l-Artikolu 3(1) tal-Kunsill Konġunt ta' Azzjoni 98/742/JHA ([3]) rispettivament;

(ċ) frodi fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Kommunitajiet Ewropej ([4]);

(d) ħasil ta' flus, hekk kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 Ġunju 1991 dwar prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop ta' ħasil ta' flus ([5]).

Stati Membri għandhom jispeċifikaw, skond il-liġi nazzjonali tagħhom u b'rigward tal-liġi tal-Kommunità, il-kondizzjonijiet li jimplimentaw dan il-paragrafu.

Huma jistgħu jipprovdu għal deroga mill-ħtieġa li sar riferiment ghaliha fl-ewwel sub-paragrafu li tisboq ħtiġijiet fl-interess ġenerali.

Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom, fejn xieraq, jitolbu lil kandidati jew lil dawk li jkunu xeħtu l-offerta biex ifornu d-dokumenti li sar riferiment għalihom fil-paragrafu 3 u jistgħu, fejn huma għandhom dubji li jikkonċernaw is-sitwazzjoni personali ta' dawn il-kandidati jew dawk li jkunu xeħtu l-offerta, japplikaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti biex jakkwistaw kull informazzjoni li huma jqisu bħala neċessarja dwar il-qagħda personali tal-kandidati jew dawk li xeħtu l-offerta konċernati. Fejn l-informazzjoni tikkonċerna kandidat jew min ikun xeħet l-offerta stabbilit f'xi Stat ieħor barra dak ta' l-awtorità kontrattwanti, l-awtorità kontrattwanti tista' tfittex il-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. B'rigward għal-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn il-kandidati jew dawk li jkunu xeħtu l-offerta huma stabbiliti, talbiet bħal dawn għandhom jirrelataw għal persuni legali u/jew naturali, inkluži, jekk xieraq, diretturi ta' Kumpannija u kull persuna li għandha poteri ta' rappreżentazzjoni, deċiżjoni jew kontroll fir-rigward tal-kandidat jew dak li jkun xeħet l-offerta.

2. Kull operatur ekonomiku jista' jkun eskluż minn parteċipazzjoni f'kuntratt fejn dak l-operatur eknomiku:

(a) huwa fallut jew se jagħlaq in-negozju tiegħu, fejn l-affarijiet tiegħu qed jiġu amministrati mill-qorti, fejn hu jkun daħal f'arranġament ma' kredituri, fejn hu jkun issospenda l-attivitajiet tan-negozju jew qiegħed fi kull sitwazzjoni analoga ikkawżata minn proċedura simili taħt il-liġijiet nazzjonali u regolamenti;

([1]) ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.
([2]) ĠU C 195, 25.6.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 358, 31.12.1998, p.2.
([4]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48.
([5]) ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 76).

▼B

(b) hu s-suġġett ta' proċeduri għal dikjarazzjoni ta' falliment, għal ordni ta' egħluq obbligatorju ta' negozju jew amministrazzjoni mill-qorti ta' arranġament ma' kredituri jew ta' kull proċeduri oħra simili taħt il-liġijiet nazzjonali u regolamenti;

(ċ) ingħata sentenza b'ħaqq tal-qorti li għandha s-saħħa tar-*res judicata* skond il-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż ta' kull offiża li tikkonċerna il-kondotta professjonali tiegħu;

(d) kien misjub ħati ta' kondotta professjonali ħażina ta' ċerta gravità ippruvata bi kull mezz li l-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu juru;

(e) ma issodisfax obbligi relatati mal-pagament ta' kuntribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond il-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità kontrattwanti;

(f) ma issodisfax obbligi relatati mal-pagament ta' taxxi skond il-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità kontrattwanti;

(g) huwa ħati ta' rappreżentazzjoni ħażina ta' certa serjetà fil-forniment ta' l-informazzjoni meħtieġa taħt din it-Taqsima jew ma forniex informazzjoni bħal din.

Stati Membri għandhom jispeċifikaw, skond il-liġi nazzjonali tagħhom u b'rigward għal-liġi tal-Kommunità, il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal dan il-paragrafu.

3. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jaċċettaw dan li ġej bħala evidenza suffiċjenti li ebda wieħed mill-każi speċifikati fil-paragrafi 1 jew 2(a), (b), (ċ), (e) jew (f) japplika għall-operatur ekonomiku:

(a) għal dak li jirrigwarda paragrafi 1 u 2(a), (b) u (ċ), il-produzzjoni ta' estratt mir-"rekord ġudizzjarju" jew, fin-nuqqas ta' dak, ta' xi dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti fil-pajjiż ta' oriġini jew il-pajjiż li minnu tkun ġejja dik il-persuna juri li dawn il-ħtiġijiet kienu ġew sodisfatti;

(b) għal dak li jirrigwarda paragrafu 2(e) u (f), ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru konċernat.

Fejn il-pajjiż in kwistjoni ma joħroġx dokumenti bħal dawn jew ċertifikati, jew fejn dawn ma jkoprux l-każi kollha speċifikati fil-paragrafi 1 u 2(a), (b) u (ċ), dawn jistgħu jiġu mibdula b'dikjarazzjoni bil-ġurament jew, fi Stati Membri fejn m'hemmx disposizzjoni għal dikjarazzjonijiet bil-ġurament, b'dikjarazzjoni solenni magħmula mill-persuna konċernata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti, nutar jew korp professjonali jew ta' negozju kompetenti, fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż mnejn tkun ġejja dik il-persuna.

4. Stati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet u korpi kompetenti biex joħorġu d-dokumenti, ċertifikati jew dikjarazzjonijiet li sar riferiment għalihom f'paragrafu 3 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan. Notifika bħal din għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi ta' ħarsien ta' l-informazzjoni.

Artikolu 46

Adattabilità għal segwiment ta' l-attività professjonali

Kull operatur ekonomiku li jkun jixtieq jieħu sehem f'kuntratt pubbliku jista' jintalab jipprova s-sħubija tiegħu, kif preskritt fl-Istat Membru tiegħu fejn hu stabbilit, f'wieħed mir-reġistri professjonali jew ta' negozju jew jipprovdi dikjarazzjoni bil-ġurament jew ċertifikat kif deskritt fl-Anness IX A għall-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, fl-Anness IX B għal kuntratti ta' forniment pubbliku u fl-Anness IX C għall-kuntratti ta' servizz pubbliku.

▼B

Fi proċeduri dwar l-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku, safejn il-kandidati jew dawk li jkunu xeħtu l-offerta għandu jkollhom awtorizzazzjoni partikolari jew ikunu membri ta' xi organizzazzjoni partikolari sabiex ikunu kapaċi jwettqu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom is-servizz konċernat, l-awtorità kontrattwanti tista' titlobhom jippruvaw li huma għandhom din l-awtorizzazzjoni jew sħubija.

Artikolu 47

Stabilità ekonomika u finanzjarja

1. Prova ta' l-istabilità ekonomika u finanzjarja ta' l-operatur ekonomiku tista', bħala regola ġenerali, tkun fornuta minn waħda jew aktar mir-riferenzi li ġejjin:

(a) stqarrijiet xierqa minn banek jew, fejn xieraq, evidenza ta' riskju professjonali ta' kumpens assigurattiv rilevanti;

(b) il-preżentazzjoni ta' rendikonti jew estratti minn rendikonti, fejn pubblikazzjoni tar-rendikont tkun meħtieġa taħt il-liġi tal-pajjiż li fih l-operatur ekonomiku jkun stabbilit;

(ċ) dikjarazzjoni tal-valur tal-bejgħ kumplessiv ta' l-intrapriża u, fejn xieraq, tal-valur tal-bejgħ fiż-żona koperta mill-kuntratt għal massimu ta' l-aħħar tliet snin finanzjarji disponibbli, jiddependi fuq id-data li fiha l-intrapriża kienet ġiet imwaqqfa jew l-operatur ekonomiku beda jinnegozja, safejn l-informazzjoni dwar dawn il-valuri ta' bejgħ tkun disponibbli.

2. Operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal xi kuntratt partikolari, joqgħod fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, bla rigward għan-natura legali tar-rabtiet li hi għandha magħhom. Huwa għandu f'dak il-każ jipprova lill-awtorità kontrattwanti li se jkollu għad-disposizzjoni tiegħu ir-riżorsi neċessarji, per eżempju, billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet għal dak l-effett.

3. Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif sar riferiment għalih fl-Artikolu 4 jista' joqgħod fuq il-ħiliet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħrajn.

4. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jispeċifikaw, fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istedina għal offerta, liema referenza jew riferenzi imsemmijin fil-paragrafu 1 ikunu għażlu u liema riferenzi oħra għandhom ikunu provduti

5. Jekk, għal kull raġuni valida, l-operatur ekonomiku ma jkunx jista' jipprovdi r-riferenzi mitluba mill-awtorità kontrattwanti, huwa jista' jipprova l-istabilità ekonomika u finanzjarja tiegħu bi kull dokument ieħor li l-awtorità kontrattwanti tqis bħala xieraq.

Artikolu 48

Abilità teknika u/jew professjonali

1. L-abilitajiet Tekniċi u/jew professjonali ta' l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu evalwati u eżaminati skond il-paragrafi 2 u 3.

2. Evidenza ta' l-abilitajiet Tekniċi ta' l-operaturi ekonomiċi jistgħu jkunu fornuti b'mezz jew aktar ta' dan li ġej skond in-natura, kwantità jew importanza, u użu tax-xogħlijiet, fornimenti jew servizzi:

(a) (i) lista tax-xogħlijiet imwettqin matul l-aħħar ħames snin, imsieħba minn ċertifikati ta' twettiq soddisfaċenti għax-xogħlijiet l-iktar importanti. Dawn iċ-ċertifikati għandhom jindikaw il-valur, data u post fejn saru x-xogħlijiet u għandhom jispeċifikaw jekk dawn sarux skond ir-regoli tas-sengħa u mlestija għal kollox. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tissottometti dawn iċ-ċertifikati direttament lill-awtorità kontrattwanti;

▼B

(ii) lista ta' konsenji ewliena effettwati jew is-servizzi ewlenin provduti fl-aħħar tliet snin, bl-ammonti, dati u riċevituri, sew pubbliċi jew privati, involuti. Xhieda ta' konsenja jew servizzi provduti għandha tingħata:

— fejn ir-riċevitur kien awtorità kontrattwanti, fil-forma ta' ċertifikati maħruġa jew kontrassenjati mill-awtorità kompetenti,

— fejn ir-riċevitur kien xerrej privat, biċ-ċertifikazzjoni tax-xerrej jew, fin-nuqqas ta' din, sempliċiment b'dikjarazzjoni mill-operatur ekonomiku;

(b) indikazzjoni tat-Tekniċi jew korpi Tekniċi involuti, sew jekk jappartjenu direttament jew le fl-intrapriża ta' l-operatur ekonomiku, speċjalment dawk responsabbli għal kontroll ta' kwalità u, fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, dawk li l-kuntrattur jista' jsejjaħ sabiex iwettqu x-xogħol;

(ċ) deskrizzjoni tal-faċilitajiet Tekniċi u miżuri użat mill-fornitur jew minn min jipprovdi servizz biex tiġi żgurata l-kwalità u l-istudju dwar l-intrapriża u facilitajiet ta' riċerka;

(d) fejn il-prodotti jew servizzi li għandhom ikunu fornuti huma kumplessi jew, eċċezzjonalment, huma meħtieġa għal għan speċjali, spezzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kontrattwanti jew għan-nom tagħhom minn korp uffiċjali kompetenti tal-pajjiż li fih il-fornitur jew min jipprovdi servizz ikun stabbilit, suġġett għal ftehim ta' dak il-korp, dwar tal-ħiliet ta' produzzjoni tal-fornitur jew il-kapaċità teknika ta' min jipprovdi servizz u, jekk meħtieġ, tal-mezzi ta' studju u riċerka li jkunu disponibbli għaliha u l-miżuri ta' kontroll ta' kwalità li tkun se topera;

(e) il-kwalifikazzjonijiet edukattivi u professjonali ta' min jipprovdi servizz jew kuntrattur u/jew dawk ta; l-istaff maniġerjali ta' l-intrapriża u, partikolarment, dawk tal-persuna jew persuni responsabbli biex jipprovdu s-servizzi jew imexxu x-xogħol;

(f) għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi u kuntratti ta' servizzi pubbliċi, u biss f'każi xierqa, indikazzjoni tal-miżuri maniġerjali ambjentali li l-operatur ekonomiku jkun kapaċi japplika meta se jwettaq il-kuntratt;

(g) dikjarazzjoni ta' l-ammont medju fis-sena ta' ħaddiema ta' min jipprovdi s-servizz jew kuntratur u n-numru ta' l-istaff maniġerjali għall-aħħar tliet snin;

(h) dikjarazzjoni ta' l-għodod, impjant jew apparat tekniku disponibbli għal dak li jipprovdi servizz jew kuntrattur sabiex jitwettaq il-kuntratt;

(i) indikazzjoni tal-proporzjon tal-kuntratt li min jipprovdi servizzi għandu ħsieb possibiliment li joffri b'sotto-kuntratt;

(j) fir-rigward tal-prodotti li għandhom ikunu fornuti;

(i) kampjuni, deskrizzjonijiet u /jew ritratti, li l-awtenticità tagħhom għandha tkun ċertifikata jekk l-awtorità kontrattwanti tkun tixtieq hekk;

(ii) ċertifikati mfasslin minn istituti uffiċjali ta' kontroll ta' kwalità jew aġenziji ta' kompetenza rikonoxxuta li tiggarantixxi l-konformità ta' prodotti identifikata kjarament b'riferenzi għal speċifikazzjonijiet jew *Standards*.

▼B

3. Operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal xi kuntratt partikolari, joqgħod fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, bla rigward għan-natura legali tar-rabtiet li hu jkollu magħhom. Hu għandu f'dak il-każ jipprova lill-awtorità kontrattwanti li se jkollu għad-disposizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt, per eżempju, billi jipproduċi garanzija mingħand dawk l-entitajiet li jpoġġi r-riżorsi meħtieġa għad-disposizzjoni ta' l-operatur ekonomiku.

4. Taħt l-istess kondizzjonijiet grupp ta' operaturi ekonomiċi kif sar riferiment għalihom fl-Artikolu 4 jista' joqgħod fuq il-ħiliet ta' parteċipanti fil-grupp jew f'entitajiet oħrajn.

5. Fi proċeduri għal għoti ta' kuntratti pubbliċi li jkollhom bħala l-iskop tagħhom fornimenti li jkunu jeħtieġu sejbin ta' post jew xogħol ta' stallazzjoni, il-disposizzjoni ta' servizzi u/jew it-twettiq ta' xogħlijiet, il-ħila ta' operaturi ekonomiċi li jipprovdu s-servizz jew li jwettqu l-istallazzjoni jew ix-xogħol tista' tkun evalwata partikolarment b'rigward għal kapaċitajiet, effiċjenza, esperjenza u rilijabilità.

6. L-awtorità kontrattwanti għandha tispeċifika, fl-avviż jew fl-istedina għal offerta, liema riferenzi taħt paragrafu 2 hi tkun tixtieq tirċievi.

Artikolu 49

***Standards* ta' assikurazzjoni ta' kwalità**

Jekk ikunu jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mfasslin minn korpi indipendenti li jiggarantixxu t-twettiq min-naħa ta' l-operatur ekonomiku b'ċerti *Standards* ta' assikurazzjoni ta' kwalità, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jirreferu għal sistemi ta' assikurazzjoni ta' kwalità ibbażati fuq is-sensiela ta' *Standards* Ewropej rilevanti ċertifikati minn korpi li jikkonformaw mas-sensiela ta' *Standards* Ewropej li jikkonċernaw ċertifikazzjoni. Huma għandhom jirikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Huma għandhom ukoll jaċċettaw evidenza oħra ta' miżuri ta' assikurazzjoni ta' kwalità ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

Artikolu 50

***Standards* ta' maniġġ ambjentali**

Jekk awtoritajiet kontrattwanti, fil-każi li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 48(2)(f), ikunu jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mfasslin minn korpi indipendenti li jiggarrantixxu t-twettiq min-naħa ta' l-operatur ekonomiku b'ċerti *Standards* ta' maniġġ ambjentali, huma għandhom jirreferu lill-Iskema ta' Eko-Maniġġ u Awditjar tal-Komunità (IEMA) jew għall-*standards* ta' maniġġ ambjentali ibbażati fuq l-i *standards* rilevanti Ewropej u internazzjonali li jikkonċernaw ċertifikazzjoni. Huma għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Huma għandhom ukoll jaċċettaw evidenza oħra ta' miżuri ta' maniġġ ambjentali ekwivalenti minn operaturi ekonomiċi.

Artikolu 51

Dokumentazzjonali u informazzjoni addizzjonali

L-awtorità kontrattwanti tista' tistieden lil operaturi ekonomiċi li jissupplimentaw jew jiċċaraw iċ-ċertifikati u dokumenti sottomessi fis-segwitu ta' l-Artikoli 45 sa 50.

▼B

Artikolu 52

Listi uffiċjali ta' operaturi ekonomiċi approvati u ċertifikazzjoni minn korpi stabbiliti taħt liġi pubblika jew privata

1. Stati Membri jistgħu jintroduċu jew listi uffiċjali ta' kuntratturi approvati, fornituri jew ta' dawk li jipprovdu servizz jew ċertifikazzjoni minn korpi ċertifikanti stabbiliti taħt liġi pubblika jew privata.

Stati Membri għandhom jadottaw il-kondizzjonijiet għal reġistrazzjoni fuq dawn il-listi u għall-ħruġ ta' ċertifikati minn korp ċertifikanti skond il-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 45(1), l-Artikolu 45(2) (a) sa (d) u (g), l-Artikoli 46, l-Artikolu 47(1), (4) u (5), l-Artikolu 48(1), (2), (5) u (6), l-Artikolu 49 u, fejn xieraq, l-Artikolu 50.

Stati Membri għandhom ukoll jadattawhom għall-Artikolu 47(2) u l-Artikolu 48(3) fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni sottomessi minn operaturi ekonomiċi li jappartjenu lil xi grupp u jkunu qegħdin jitolbu riżorsi mqiegħda għad-disposizzjoni tagħhom milll-Kumpanniji l-oħra fil-grupp. F'każ bħal dan, dawn l-operaturi għandhom jippruvaw lill-awtorità li tistabblixxi l-lista uffiċjali li huma se jkollhom dawn ir-riżorsi għad-disposizzjoni tagħhom tul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat li jxiehed li huma rreġistrati fil-lista uffiċjali u li matul l-istess perjodu dawn il-Kumpanniji jkomplu jwettqu fis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' għażla kwalitativa imniżżlin fl-Artikoli li sar riferiment għalihom fit-tieni sub-paragrafu li fuqu joqogħdu l-operaturi għar-reġistrazzjoni tagħhom.

2. Operaturi ekonomiċi reġistrati fil-listi uffiċjali jew li għandhom ċertifikat jistgħu, għal kull kuntratt, jissottomettu lill-awtorità kontrattwanti ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti jew iċċertifikat maħruġ mill-korp ċertifikanti kompetenti. Iċ-ċertifikati għandhom jiddikarjaw ir-riferenzi li jħalluhom jkunu reġistrati fil-lista/biex jiksbu ċertifikazzjoni u l-klassifikazzjoni mogħtija f'dik il-lista.

3. Reġistrazzjoni ċertifikata fuq listi uffiċjali mill-korpi kompetenti jew ċertifikat maħruġ mill-korp ċertifikanti m'għandhomx, għalll-għanijiet ta' l-awtoritajiet kontrattwanti ta' Stati Membri oħra, jikkostitwixxu preżunzjoni ta' adattabilità ħlief fir-rigward ta' l-Artikoli 45(1) u (2)(a) sa (d) u (g), l-Artikolu 46, l-Artikolu 47(1)(b) u (c), u l-Artikolu 48(2)(a)(i), (b), (e), (g) u (h) fil-każ ta' kuntratturi, (2)(a)(ii), (b), (c), (d) u (j) fil-każ ta' fornituri u 2(a)(ii) u (ċ) sa (i) fil-każ ta' dawk li jipprovdu servizz.

4. Informazzjoni li tista' tiġi inferita minn reġistrazzjoni f'listi uffiċjali jew ċertifikazzjoni ma jistgħux jiġu diskutibbli mingħajr ġustifikazzjoni. Fir-rigward tal-ħlas ta' kuntribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u taxxi, ċertifikat addizzjonali jista' jkun mitlub minn kull operatur ekonomiku reġistrat kulmeta jkun offrut kuntratt.

L-awtoritajiet kontrattwanti ta' Stati Membri oħra għandhom japplikaw il-paragrafu 3 u l-ewwel sub-paragrafu ta' dan il-paragrafu biss favur operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Istat Membru li jkun qed iżomm il-lista uffiċjali.

5. Għal kull reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi ta' Stati Membri oħra f'lista uffiċjali jew għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom mill-korpi li sar riferiment għaliha fil-paragrafu 1, m'hemmx ħtieġa ta' aktar xiehda jew stqarrijiet għajr dawk mitluba minn operaturi ekonomiċi nazzjonali u, fi kull każ, dawk biss li sar disposizzjoni għalihom fl-Artikoli 45 sa 49 u, fejn xieraq, l-Artikolu 50.

▼B

Madanakollu, operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra ma jistgħux ikunu obbligati jidħlu għal reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni bħal dawn sabiex jipparteċipaw f'kuntratt pubbliku. L-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Huma għandhom ukoll jaċċettaw mezzi ta' prova oħra ekwivalenti.

6. Operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu fi kull ħin li jkunu reġistrati fl-lista uffiċjali jew li jinħareġ ċertifikat.Huma għandhom ikunu infurmati f'perjodu ta' żmien raġonevolment qasir bid-deċiżjoni ta' l-awtorità li tkun faslet il-lista jew tal-korp ċertifikanti kompetenti.

7. Il-korpi ċertifikanti li sar riferiment għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu korpi li jikkonformaw ma' *Standards* ta' ċertifikazzjoni Ewropej.

8. Stati Membri li għandhom listi uffiċjali jew korpi ċertifikanti kif sar riferiment għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu obbligati li jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħra dwar l-indirizz tal-korp li lilu l-applikazzjonijiet għandhom ikunu mibgħuta.

Taqsima 3

Għotja tal-kuntratt

Artikolu 53

Kriterji ta' għotja ta' kuntratt

1. Mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw il-ħlas għal ċerti servizzi, il-kriterji li fuqhom l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom jibbażaw l-għotja ta' kuntratti pubbliċi għandhom ikunu jew:

(a) meta l-għotja tingħata lil offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament skond l-opinjoni ta' l-awtoritajiet kontrattwanti, kriterji varji marbutin mal-kontenut suġġettiv tal-kuntratt pubbliku in kwistjoni, per eżempju, kwalità, prezz, mertu tekniku, karatteristiċi estetiċi u funzjonali, karattersitiċi ambjentali, spejjeż rikorrenti, effett ta' spiża, servizz ta' wara l-bejgħ u għajnuna teknika, data tal-konsenja u perjodu ta' konsenja jew perjodu ta' tlestija, jew

(b) l-aktar prezz baxx biss.

2. Mingħajr preġudizzju għall-disposizzjonijiet tat-tielet sub-paragrafu, fil-każ li sar riferiment għalih f'paragrafu 1(a) l-awtorità kontrattwanti għandha tispeċifika fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokumenti tal-kuntratt jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv fid-dokument deskrittiv, il-piż relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula biex tiġi determinata l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament.

Dawk il-piżijiet jistgħu jkunu espressi billi jiġi provdut rank b'firxa massima xierqa.

Fejn, fl-opinjoni ta' l-awtorità kontrattwanti ma jkunx possibbli li jingħata piż għal raġunijiet dimostrabbli, l-awtorità kontrattwanti għandha tindika fl-avviż tal-kuntratt jew dokumenti tal-kuntratt jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, il-kriterji f'ordni għan-niżla ta' importanza.

Artikolu 54

Użu ta' rkantijiet elettroniċi

1. Stati Membri jistgħu jipprovdu li awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jużaw irkantijiet elettroniċi.

▼B

2. Fi proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati fil-każ li sar riferiment għalih fl-Artikolu 30(1)(a), l-awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jiddeċiedu li l-għotja ta' kuntratt pubbliku għandha tkun preċeduta b'irkant elettroniku meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jkunu stabbiliti bi preċiżjoni.

Fl-istess ċirkostanzi, irkant elettroniku jista' jsir meta terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni bejn il-partijiet fi kwadru ta' ftehim kif sar disposizzjoni għalihom fit-tieni inċiż tat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 32(4) u fuq il-ftuħ għal kompetizzjoni ta' kuntratti li għandhom jingħataw taħt is-sistema ta' xiri dinamiku li sar riferiment għaliha fl-Artikolu 33.

L-irkant elettroniku għandu jkun ibbażat:

— jew biss fuq prezzijiet meta l-kuntratt ikun mogħti lill-prezz l-aktar baxx,

— jew fuq prezzijiet u/jew fuq il-valuri ġodda tal-fatturi ta' l-offerti indikati fl-ispeċifikazzjoni meta l-kuntratt ikun mogħti lill-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament.

3. Awtoritajiet kontrattwanti li jiddeċiedu li jorganizzaw irkant elettroniku għandhom jiddikarjaw dak il-fatt fl-avviż tal-kuntratt.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu, inter alia, id-dettalji li ġejjin:

(a) il-fatturi, il-valuri li għalihom se jkun is-suġġett ta' l-irkant elettroniku, basta li fatturi bħal dawn ikunu kwantifikabbli u jistgħu jkunu espressi f'figuri jew persentaġġi;

(b) kwaluknwe limiti fuq il-valuri li jistgħu jkunu sottomessi, kif jirriżultaw mill-ispeċifikazzjonijiet li jirrelataw mas-suġġett tal-kuntratt;

(ċ) l-informazzjoni li għandha tkun disponibbli għal dawk li jkunu xeħtu offerta fil-kors ta' l-irkant elettroniku u, fejn xieraq, meta se tkun magħmula disponibbli għalihom;

(d) l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-proċess ta' irkant elettroniku;

(e) il-kondizzjonijiet li taħthom dawk li jkunu xeħtu offerta li jagħmlu offerta u, partikolarment, id-differenzi minimi li, fejn xieraq, ikunu meħtieġa meta jkunu qegħdin isiru l-offerti;

(f) l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-apparat elettroniku użat u l-arranġamenti u speċifikazzjonijiet Tekniċi għal konnessjoni.

4. Qabel jipproċedu b'irkant elettroniku, awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħmlu evalwazzjoni inizjali sħiħa ta' l-offerti skond il-kriterju/kriterji ta' għotja imniżżlin u mal-piż iffissat għalihom.

Dawk kollha li jkunu issottomettew offerti ammissibli għandhom ikunu mistiedna fl-istess żmien b'mezzi elettroniċi biex jissottomettu prezzijiet ġodda u/jew valuri ġodda; l-istedina għandu jkollha informazzjoni rilevanti li tikkonċerna konnessjoni individwali ma' l-apparat elettroniku li jkun qed jiġi użat u għandha issemmi d-data u l-ħin tal-bidu ta' l-irkant elettroniku. L-irkant elettroniku jista' jseħħ f'numru ta' fażijiet suċċessivi. L-irkant elettroniku ma jistax jibda aktar kmieni minn jumejn ta' xogħol wara d-data li fiha l-istediniet ikunu ntbagħtu.

5. Meta l-kuntratt jkun ser jingħata fuq il-bażi ta' l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, l-istedina għandha tkun akkumpanjata bir-riżultat ta' evalwazzjoni sħiħa ta' min ikun xeħet l-offerta rilevanti, imwettqa skond il-piżijiet li sar disposizzjoni għalihom fl-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 53(2).

▼B

L-istedina għandha ukoll issemmi l-formula matematika li għandha tkun użata fl-irkant elettroniku biex jiġu determinati rankijiet ġodda awtomatiċi fuq il-bażi tal-prezzijiet ġodda u/jew valuri ġodda sottomessi. Dik il-formula għandha tinkorpora il-piż tal-kriterji kollha iffissati biex tiġi determinata l-offerta l-aktar vantaġġuża ekonomikament, kif indikat fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet; għal dak il-għan, kull rank għandu, madanakollu, għandu jkun imnaqqas minn qabel għal valur speċifikat.

Fejn varjanti huma awtorizzati, formula separata għandha tkun provduta għal kull varjant.

6. Matul kull fażi ta' xi rkant elettroniku l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom bla dewmien jikkomunikaw ma' dawk kollha li jkunu xeħtu offerta għallinqas informazzjoni suffiċjenti biex huma jkunu jistgħu jaċċertaw ir-rankijiet tagħhom rilevanti kulmeta jkunu jridu. Huma jistgħu ukoll jikkomunikaw informazzjoni oħra li tikkonċerna prezzijiet jew valuri oħra sottomessi, basta dak ikun iddikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet. Huma jistgħu ukoll fi kull żmien iħabbru n-numru ta' parteċipanti f'dik il-fażi ta' l-irkant. Fl-ebda każ, madanakollu, ma jistgħu jikxfu l-identitajiet ta' dawk li jkunu xeħtu offerta matul kull fażi ta' xi rkant elettroniku.

7. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħlqu rkant elettroniku b'manjiera jew oħra minn dawn li ġejjin:

(a) fl-istedina biex wieħed jieħu sehem fl-irkant huma għandhom jindikaw id-data u l-ħin iffissati bil-quddiem;

(b) meta huma ma jirċevux aktar prezzijiet ġodda jew valuri ġodda xierqa għall-ħtiġijiet li jikkonċernaw differenzi minimi. F'dak il-każ l-awtoritajiet kontrattwanti għandhom isemmu fl-istedina għall-parteċipazzjoni fl-irkant iż-żmien li huma jippermettu li jgħaddi wara li jkunu rċevew l-aħħar sottomissjoni qabel l-egħluq ta' l-irkant elettroniku;

(ċ) meta n-numru ta' fażijiet fl-irkant, iffissat fl-istedina biex wieħed jieħu sehem fl-irkant, ikun komplut.

Meta l-awtoritajiet kontrattwanti jkunu iddeċidew li jagħlqu xi rkant elettroniku skond is-sub-paragrafu (ċ), possibilment f'kumbinazzjoni ma' l-arranġamenti imniżżlin fis-sub-paragrafu (b), l-istedina biex wieħed jieħu sehem fl-irkant għandha tindika t-tabella tal-ħinijiet għal kull fażi ta' l-irkant.

8. Wara li jagħlqu xi rkant elettroniku awtoritajiet kontrattwanti għandhom jagħtu l-kuntratt skond l-Artikolu 53 fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-irkant elettroniku.

Awtoritajiet kontrattwanti ma jistgħux ikollhom rikors mhux xieraq lejn irkantijiet elettroniċi lanqas ma jistgħu jużawhom b'tali mod li jimpedixxu, jirestriġu jew ifixxklu kompetizzjoni jew li jbiddlu l-kontentut suġġettiv tal-kuntratt, kif imqiegħed għal offerta fl-avviz tal-kuntratt ippubblikat u definit fl-ispeċifikazzjoni.

Artikolu 55

Offerti abnormalment baxxi

1. Jekk, għal kuntratt mogħti, offerti jidhru abnormalment baxxi relatati ma' merkanzija, xogħlijiet jew servizzi, l-awtorità kontrattwanti għandha, qabel ma tkun tista' tirrifjuta dawk l-offerti, titlob bil-miktub dettalji ta' l-elementi kostitwenti ta' l-offerta li hija tqis rilevanti.

Dawk id-dettalji jistgħu jirrelataw partikolarment ma':

(a) l-ekonomiji tal-metodu ta' kostruzzjoni, il-proċess ta' manifattura jew is-servizzi provduti;

▼B

(b) is-soluzzjonijiet Tekniċi magħżula u/jew kull kondizzjonijiet favorevoli eċċezzjonali disponibbli għal min ikun xeħet l-offerta għat-twettiq tax-xogħol, għal forniment ta' merkanzija jew servizzi;

(ċ) l-oriġinalità tax-xogħol, fornimenti jew servizzi proposti minn min ikun xeħet l-offerta;

(d) konformità mal-disposizzjonijiet relatati ma' ħarsien ta' xogħol u kondizzjonijiet ta' xogħol fis-seħħ fil-post fejn ix-xogħol, servizz jew forniment ikunu se jiġu mwettqa;

(e) il-possibilità li min ikun xeħet l-offerta jikseb għajnuna mill-Istat.

2. L-awtorità kontrattwanti għandha tivverifika dawk l-elementi kostitwenti billi tikkonsulta lil min ikun xeħet l-offerta, tieħu akkont ta' l-evidenza fornuta.

3. Meta awtorità kontrattwanti tistabbilixxi li xi offerta hija abnormalment baxxa għax min ikun xeħitha ikun kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tkun miċħuda fuq dik il-bażi biss wara konsultazzjoni ma' min ikun xeħet l-offerta fejn dan ta' l-aħħar ma jkunx jista' jipprova, f'limitu ta' żmien suffiċjenti iffisat mill-awtorità kontrattwanti, li l-għajnuna in kwistjoni ġiet mogħtija legalment. Fejn l-awtorità kontrattwanti tiċħad xi offerta f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dak il-fatt.

TITOLU III

REGOLI DWAR KONĊESSJONIJIET TA' XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

KAPITOLU I

Regli li jikkontrollaw konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi

Artikolu 56

Skop

Dan il-Kapitolu għandu japplika għal kuntratti kollha ta' konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi konklużi mill-awtoritajiet kontrattwanti fejn il-valur tal-kuntratt huwa ugwali jew aktar minn ►**M12** EUR 5 000 000 ◄.

Il-valur għandu jkun ikkalkolat skond ir-regoli applikabbli għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi definiti fl-Artikolu 9.

Artikolu 57

Esklużjonijiet mill-iskop

Dan it-Titolu m'għandux japplika għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi li huma mogħtija:

(a) fil-każi li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 13,14 u 15 ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi;

(b) minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qegħdin jeżerċitaw xi attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2004/17/KE fejn dawk il-konċessjonijiet huma mogħtija sabiex jiġu mwettqa dawk l-attivitajiet.

Madanakollu, din id-Direttiva għandha tkun applikabbli għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qegħdin iwettqu xi attività jew aktar minn dawk li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/17/KE u mogħtija għal dawk l-attivitajiet, safejn l-Istat Membru konċernat jieħu vantaġġ mill-għażla li sar riferiment għaliha fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 71 tiegħu biex jiddeferixxi l-applikazzjoni tiegħu.

▼B

Artikolu 58

Pubblikazzjoni ta' l-avviż li jikkonċerna konċessjonijiet għal xogħlijet pubbliċi

1. Awtoritajiet kontrattwanti li jkunu jixtiequ jagħtu kuntratt ta' konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi għandhom jgħarrfu bl-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

2. Avviżi ta' konċessjonjiet għal xogħlijiet pubbliċi għandu jkollhom fihom l-informazzjoni li sar riferiment għaliha fl-Anness VII C u, fejn xieraq, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità kontrattwanti, skond il-forom *standard* adottati mill-Kummissjoni b'segwiment mal-proċedura fl-Artikolu 77(2).

3. Avviżi għandhom ikunu ppubblikati skond l-Artikolu 36(2) sa (8).

4. Artikolu 37 dwar il-pubblikazzjoni ta' avviżi għandu japplika wkoll għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 59

Limitu ta' żmien

Fejn awtoritajiet kontrattwanti jduru għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appikazzjonijiet għall-konċessjonijiet m'għandux ikun ta' inqas minn 52 ġurnata mid-data li jintbagħat l-avviż, ħlief fejn japplika l-Artikolu 38(5).

Artikolu 38(7) għandu japplika.

Artikolu 60

Sotto-kuntrattar

L-awtorità kontrattwanti tista' jew:

(a) titlob lill-konċessjonarju biex jagħti kuntratti li jirrappreżentaw minimu ta' 30 % tal-valur totali tax-xogħol li għalih il-kuntratt ta' konċessjoni għandu jkun mogħti, lil partijiet terzi, fl-istess żmien jipprovdi l-għażla għal kandidati biex jiżdied dan il-persentaġġ, dan il-persentaġġ minimu jkun speċifikat fil-kuntratt ta' konċessjoni, jew

(b) titlob lil kandidati għal kuntratti ta' konċessjoni biex jispeċifikaw fl-offerti tagħhom, jekk ikun hemm, tal-valur totali tax-xogħol li għalih il-kuntratt ta' konċessjoni għandu jkun mogħti liema kuntratt huma jkollhom il-ħsieb jassenjaw lil partijiet terzi.

Artikolu 61

Għoti ta' xogħlijiet addizzjonali lill-konċessjonarju

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal xogħlijiet addizzjonali mhux inklużi fil-proġett ta' konċessjoni ikkunsidrat inizjalment jew fil-kuntratt inizjali iżda li, minħabba ċirkostanzi mhux mistennija, ikunu saru meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol deskritt fihom, li l-awtorità kontrattwanti tkun tat lill-konċessjonarju, bil-kondizzjoni li l-għotja tkun magħmula lill-operatur ekonomiku li jkun qed iwettaq xogħol bħal dan:

— meta xogħlijiet addizzjonali bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt inizjali mingħajr inkonvenjenza maġġura għall-awtoritajiet kontrattwanti, jew

▼B

— meta xogħlijiet bħal dawn, għalkemm separabbli mit-twettiq tal-kuntratt inizjali, huma strettament meħtieġa għat-tlestija tiegħu.

Madankollu, il-valur miġbur tal-kuntratti mogħtija għal xogħlijiet addizzjonali ma jistax jaqbeż il-50 % ta' l-ammont tal-kuntratt oriġinali għal konċessjoni ta' xogħlijiet.

KAPITOLU II

Regoli dwar kuntratti mogħtija minn konċessjonarji li huma awtoritajiet kontrattwanti

Artikolu 62

Regoli applikabbli

Fejn il-konċessjonarju huwa awtorità kontrattwanti kif sar riferiment għalih fl-Artikolu 1(9), huwa għandu jikkonforma mal-disposizzjonijiet mniżżlin f'din id-Direttiva għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi fil-każ ta' xogħlijiet li għandhom ikunu mwettqa minn partijiet terzi.

KAPITOLU III

Regoli applikabbli għal kuntratti mogħtija minn konċessjonarji li m'humiex awtoritajiet kontrattwanti

Artikolu 63

Regoli ta' reklamar: limitu massimu u eċċezzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li konċessjonarji ta' xogħlijiet pubbliċi li m'humiex awtoritajiet kontrattwanti japplikaw ir-regoli ta' reklamar definiti fl-Artikolu 64 meta jkunu qed jagħtu kuntratti ta' xogħol lil partijiet terzi fejn il-valur ta' kuntratti bħal dawn huwa ugwali jew aktar minn ►**M12** EUR 5 000 000 ◄.

Reklamar m'għandux, madanakollu, ikun mitlub fejn kuntratt ta' xogħlijiet jissodisfa l-kondizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 31.

Il-valuri ta' kuntratti għandhom ikunu ikkalkolati skond ir-regoli applikabbli għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi imniżżlin fl-Artikolu 9.

2. Gruppi ta' intrapriżi li jkunu ġew iffurmati biex jiksbu l-konċessjoni jew intrapriżi relatati magħhom m'għandhomx ikunu meqjusa bħala partijiet terzi.

"Garanzija relatata" għandha tfisser kull garanzija li fuqha l-konċessjonarju jista' jeżerċita influwenza dominanti, kemm jekk diretta jew indiretta, jew kull garanzija li tista' teżerċita xi influwenza dominanti fuq il-konċessjonarju jew li, bħall-konċessjonarju tkun suġġetta għall-influwenza dominanti ta' garanzija oħra bħala riżultat ta' pussess, partiċepazzjoni finanzjarja jew ir-regoli li jikkontrollawha. Influwenza dominanti minn naħa ta' xi garanzija hija preżunta meta, direttament jew indirettament tkun relatata ma' garanzija oħra, hija:

(a) jkollha maġġoranza tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża;

(b) tikkontrolla maġġoranza ta' voti marbutin ma' l-ishma maħruġa mill-intrapriża; jew

(ċ) tista' tappunta aktar minn nofs tal-korp intraprendenti amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

▼B

Il-lista eżawrenti ta' garanziji bħal dawn għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni għall-konċessjoni. Il-lista għandha tkun aġġornata wara kull tibdiliet sussegwenti fir-relazzjoni bejn il-garanziji.

Artikolu 64

Pubblikazzjoni ta' l-avviż

1. Konċessjonarji ta' xogħlijiet li m'humiex awtoritajiet kontrattwanti u li jkunu jixtiequ jagħtu kuntratti ta' xogħlijiet lil xi parti terza għandhom juru bl-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

2. Avviżi għandu jkollhom fihom l-informazzjoni li sar riferiment għaliha fl-Anness VII C u, fejn xieraq, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-konċessjonarju tax-xogħlijiet, skond il-forma *standard* adottata mill-Kummissjoni skond il-proċedura fl-Artikolu 77(2).

3. L-avviż għandu jkun ippubblikat skond l-Artikolu 36(3) sa (8).

4. Artikolu 37 dwar il-pubblikazzjoni volontarja ta' avviżi għandha tapplika ukoll.

Artikolu 65

Limitu ta' żmien sabiex jaslu talbiet għal parteċipazzjoni u sottomissjoni ta' offerti

F'kuntratti ta' xogħlijiet mogħtija minn xi konċessjonarju ta' xogħlijiet li mhuwiex awtorità kontrattwanti, il-limitu ta' żmien biex jaslu talbiet għal parteċipazzjoni iffissat mill-konċessjonarju, m'għandux ikun ta' inqas minn 37 ġurnata mid-data li fiha jkun intabagħat l-avviż tal-kuntratt u l-limitu ta' żmien għall-wasla ta' offerti mhux inqas minn 40 ġurnata ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt jew l-istedina għal offerta jkunu ntbagħtu

Artikolu 38(5), (6) u (7) għandu japplika.

TITOLU IV

REGOLI LI JIKKONTROLLAW KOMPETIZZJONIJIET DWAR ID-DISINN

Artikolu 66

Disposizzjonijiet ġenerali

1. Ir-regoli għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni dwar id-disinn għandhom ikunu konformi ma' l-Artikoli 66 sa 74 u jkunu komunikati lil dawk interessati li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni.

2. Id-dħul ta' parteċipanti f'kompetizzjonijiet dwar id-disinn m'għandhiex tkun limitata:

(a) b'referenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' xi Stat Membru;

(b) fuq il-bażi li, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li fih il-kompetizzjoni tkun organizzata, ikun meħtieġ li jkunu jew persuni naturali jew legali.

▼B

Artikolu 67

Skop

1. Skond dan it-Titolu, kompetizzjonijiet dwar id-disinn għandhom ikunu organizzati minn:

(a) awtoritajiet kontrattwanti li huma elenkati bħala awtoritajiet ta' gvern ċentrali fl-Anness IV, jibdew minn limitu massimu ugwali għal jew aktar minn ►**M12** EUR 130 000 ◄;

(b) awtoritajiet kontrattwanti mhux elenkati fl-Anness IV, jibdew minn limitu massimu ugwali għal jew akbar minn ►**M12** EUR 200 000 ◄;

(ċ) mill-awtoritajiet kontrattwanti kollha, jibdew minn limitu massimu ugwali għal aktar minn ►**M12** EUR 200 000 ◄ fen il-kompetizzjonijiet jikkonċernaw servizzi fil-kategorija 8 ta' l-Anness II A, fil-kategorija 5 servizzi ta' telekomunikazzjoni, li l-qagħdiet tagħhom fis-CPV huma ekwivalenti għan-numrit ta' referenza CPC 7524, 7525 u 7526 u/jew servizzi elenkati fl-Anness II B.

2. Dan it-Titolu għandu japplika għal:

(a) kompetizzjoni dwar id-disinn organizzati bħala parti minn proċedura li twassal għall-għoti ta' kuntratt ta' servizz pubbliku;

(b) kompetizzjoni dwar id-disinn bi premijiet u/jew pagamenti lil parteċipanti.

Fil-każi li sar riferiment għalihom f'(a) il-limitu massimu jirreferi għal valur stmat nett barra l-VAT tal-kuntratt ta' servizzi pubbliċi inkluż kull premijiet possibli u/jew pagamenti lil parteċipanti.

Fil-każi li sar riferiment għalihom f'(b) il-limitu massimu jirreferi għall-ammont totali ta' premijiet u pagamenti inkluż il-valur stmat nett barra l-VAT tal-kuntratt għal servizzi pubbliċi li jista' sussegwetement ikun konkluż taħt l-Artikolu 31(3) jekk l-awtorità kontrattwanti ma teskludiex għotja bħal din fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Artikolu 68

Esklużjonijiet mill-iskop

Dan it-Titolu m'għandux japplika għal:

(a) kompetizzjonijiet dwar id-disinn li fit-tifsira tad-Direttiva 2004/17/KE li huma organizzati minn awtoritajiet kontrattwanti li jeżerċitaw attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 3 sa 7 ta' dik id-Direttiva u huma organizzati għas-segwiment ta' attivitajiet bħal dawn; lanqas m'għandu japplika għal kompetizzjonijiet esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva.

Madankollu, din id-Direttiva għandha tkompli tapplika għal kompetizzjonijiet ta'disinn assenjati minn awtoritajiet kontraenti li jeżegwixxu wieħed jew iktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/17/KE u assenjati għal dawk l-attivitajiet, sakemm l-Istat Membru kkonċernat jieħu vantaġġ ta' l-għażla msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 71 tiegħu li jiddifferixxi l-applikazzjoni tiegħu;

(b) il-kompetizzjonijiet li huma organizzati fl-istess każi bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 13, 14 u 15 ta' din id-Direttiva għal kuntratti ta' servizz pubbliku.

▼B

Artikolu 69

Avviżi

1. L-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jeżegwixxu kompetizzjoni ta' disinn għandhom jagħmlu magħruf l-intenzjoni tagħhom b'mezz ta' avviż ta' kompetizzjoni.

2. L-awtoritajiet kontraenti li diġà organizzaw kompetizzjoni ta' disinn għandhom jibgħatu avviż tar-riżultati tal-kompetizzjoni skond l-Artikolu 36 u jridu jkun kapaċi li jippruvaw id-data li fiha ntbagħtu.

Meta l-ħruġ ta' l-informazzjoni fuq ir-riżultat tal-kompetizzjoni jistgħu jimpedixxu l-infurzar tal-liġi, tkun kuntrarja għall-interess pubbliku, tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriża partikolari, sew jekk privata jew pubblika, jew tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn dawk li jipprovdu servizz, informazzjoni bħal din mhux meħtieġa li tiġi ppubblikata.

3. Artikolu 37 li jikkonċerna l-pubblikazzjoni ta' avviżi għandu japplika ukoll għal kompetizzjonijiet.

Artikolu 70

Forma u mod tal-pubblikazzjoni ta' l-avviżi tal-kompetizzjonijiet

1. L-avviżi msemmija fl-Artikolu 69 għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Anness VII D skond l-avviżi tal-mudell *standard* addottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura fl-Artikolu 77(2).

2. L-avviżi għandhom jiġu ppubblikati skond l-Artikolu 36(2) sa (8).

Artikolu 71

Mezzi ta' komunikazzjoni

1. Artikolu 42(1), (2) u (4) għandhom japplikaw għall-komunikazzjonijiet li jirrelataw mal-kompetizzjonijiet.

2. Komunikazzjonijiet, skambji u l-ħażna ta' l-informazzjoni għandhom ikunu tali li jiżguraw li l-integrità u l-kunfidenzalità ta' l-informazzjoni kollha kkomunikata mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni huma ippreservati u li l-ġurija taċċerta l-kontenuti tal-pjanijiet u l-proġetti wara biss l-iskadenza tal-limitu tal-ħin tas-sottomissjoni tagħha.

3. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal strumenti għar-riċeviment elettroniku ta' pjanijiet u proġetti:

(a) l-informazzjoni li tirrelata ma' l-ispeċifikazzjonijiet li huma neċessarji għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet u proġetti b'mezzi elettroniċi, inkluż l-*encryption*, għandha tkun għad-disposizzjoni għal partijiet ikkonċernati. Barra dan, l-istrumenti għar-riċeviment elettroniku ta' pjanijiet u proġetti għandhom jikkonformaw mal-ħtieġijiet ta' l-Anness X;

(b) l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu arranġamenti volontarji għal akkreditament intiżi biex itejjbu l-livell ta' servizz ta' ċertifikazzjoni provdut għal strumenti bħal dawn.

▼B

Artikolu 72

Selezzjoni tal-kompetituri

Meta kompetizzjoni tad-disinn huwa ristrett għal numru ta' parteċipanti limitat, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterja ta' selezzjoni ċara u mhux diskriminatorja. F'kull każ, in-numru ta' kandidati mistiedna biex jipparteċipaw għandu jkun suffiċjenti biex jiżguraw kompetizzjoni ġenwina.

Artikolu 73

Komposizzjoni tal-ġurija

Il-ġurija għandha tkun komposta esklużivament minn persuni naturali li huma indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Meta kwalifikazzjoni professjonali partikolari hija meħtieġa mill-parteċipanti f'kompetizzjoni, mill-inqas terz tal-membri tal-ġurija għandu jkollhom dik il-kwalifikazzjoni jew kwalifikazzjoni ekwivalenti.

Artikolu 74

Deċiżjoni tal-ġuri

1. Il-ġurija għandha tkun awtonoma fid-deċiżjonijiet jew l-opinjonijiet tagħha.

2. Għandha teżamina l-pjanijiet u l-proġetti sottomessi mill-kandidati anonimament u purament fuq il-bażi tal-kriterja indikata fl-avviż tal-kompetizzjoni.

3. Għandha tirrekordja l-klassifikazzjoni tagħha tal-proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tagħha, magħmula skond il-merti ta' kull proġett, flimkien mar-rimarki tagħhom u xi punti li jistgħu jeħtieġu kjarifika.

4. L-anonimità trid tkun osservata sakemm il-ġurija tilħaq l-opinjoni jew deċiżjoni tagħha.

5. Il-kandidati jistgħu jkunu mistiedna, jekk jinqala' il-bżonn, li jirrispondi mistoqsijiet li l-ġurija rrekordjat fil-minuti biex tikkjarifika xi aspetti tal-proġetti.

6. Minuti kompluti għandhom jkunu mfassla fuq id-djalogu bejn il-membri tal-ġurija u l-kandidati.

TITOLU V

OBBLIGAZZJONIJIET STATISTIĊI, POTERI EŻEKUTORJI U DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 75

Obbligazzjonijiet statistiċi

Sabiex tippermetti l-istima tar-riżultati biex tiġi appliakata din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ipoġġu l-quddiem lill-Kummissjoni rapport statistiku, preparat skond l-Artikolu 76, li jindirizza separatament kuntratti ta' provvista pubblika, servizzi u xogħlijiet assenjati mill-awtoritajiet kontraenti waqt is-sena preċedenti, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

▼B

Artikolu 76

Kontenut tar-rapport statistiku

1. Għal kull awtorità kontraenti elenkata fl-Anness IV, ir-rapport statistiku għandu jinnota mill-inqas:

(a) in-numru u l-valur tal-kuntratti assenjati kopruti minn din id-Direttiva;

(b) in-numru u l-valur totali tal-kuntratti assenjati skond id-derogi għal Ftehim.

Safejn huwa possibbli, d-data msemmija f'punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu għandha tkun diviża:

(a) bil-proċeduri ta' l-assenjament tal-kuntratt; u

(b) għal kull waħda minn dawn il-proċeduri, xogħlijiet kif mogħtija fl-Anness I u l-prodotti u servizzi kif mogħtija fl-Anness II identifikati bil-katergorija tan-nomenklatura CPV;

(ċ) bin-nazzjonalità ta' l-operatur ekonomiku għal liema l-kuntratt ġie assenjat.

Meta l-kuntratti ġew konklużi skond il-proċedura negozjata, d-data msemmija f'punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu għandha tkun diviża skond iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikoli 30 u 31 u għandhom jisspeċifikaw in-numru u l-valur tal-kuntratti assenjati, mill-Istat Membru u t-tielet pajjiż tal-kuntrattur li rnexxa.

2. Għal kull katergorija ta' l-awtorità kontraenti li mhix mogħtija fl-Anness IV, ir-rapport statistiku għandu jiddettalja mill-inqas:

(a) in-numru u l-valur tal-kuntratti assenjati, diviżi skond it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 1;

(b) il-valur totali tal-kuntratti assenjati skond id-derogi għal Ftehim.

3. Ir-rapport statistiku għandu jiddikjara kull informazzjoni statistika oħra li hija meħtieġa skond il-Ftehim.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun determinata skond il-proċedura skond l-Artikolu 77(2).

▼M9

Artikolu 77

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/306/KEE ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u 5b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha. Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a (3) c), (4) b), u (4) e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal erba' ġimgħat, ġimgħatejn u sitt ġimgħat rispettivament.

([1]) ĠU L 185, 16.8.1971, p. 15.

▼M9

5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1), (2), (4) u (6), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B

Artikolu 78

Reviżjoni tal-limiti

1. ►M9 Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 7 kull sentejn mit-30 ta' April 2004 u għandha, jekk neċessarju, tirrevedihom. Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 77(4). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 77(5). ◄

Il-kalkolazzjoni tal-valur ta' dawn il-limiti għandha tkun ibbażata fuq il-medja ta' kuljum tal-valur ta' l-ewro, espress f'SDRs, fuq l-24 xahar li jiskadu fl-aħħar ġurnata ta' Awissu li tippreċiedi r-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Il-valur tal-limiti b'dan il-mod riveduti għandu, fejn neċessarju, jiġi mnaqqas sa l-eqreb elf ewro sabiex jiżgura li l-limiti fis-seħħ previsti mill-Ftehim, espressi f'SDRs, huma osservati.

▼M9

2. Fl-istess waqt li tkun qed twettaq ir-reviżjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tallinja l-livelli minimi preskritti kif ġej:

(a) il-limiti stabbiliti fil-punt a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8, l-Artikolu 56 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 63(1), dwar il-limitu rivedut li japplika għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi;

(b) il-limitu stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 67(1), dwar il-limitu rivedut li japplika għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti msemmija fl-Anness IV;

(ċ) il-limiti stabbiliti fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 u fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 67(1), dwar il-limitu rivedut li japplika għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti diversi minn dawk imsemmija fl-Anness IV.

Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 77(4). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 77(5).

▼B

3. Il-valur tal-limiti stabbilit skond paragrafu 1 fil-muniti nazzjonali ta' l-Istati Membri li mhumiex jipparteċipaw fl-unjoni monetarja hu normalment aġġustat kull sentejn mill-1 ta' Jannar 2004 'il quddiem. Il-kalkolazzjoni ta' dan il-valur għandha tkun ibbażata fuq il-medja ta' kuljum tal-valuri ta' dawk il-muniti espressi f'ewro fuq 24 xahar li jiskadu fl-aħħar ġurnata ta' Awissu li tippreċiedi r-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar.

▼B

4. Il-limiti riveduti msemmija f'paragrafu 1 u l-valuri korrispondenti tagħhom f'muniti nazzjonali msemmija f'paragrafu 3 għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-bidu tax-xahar ta' Novembru wara r-reviżjoni.

▼M9

Artikolu 79

Emendi

1. F'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 77(2), il-Kummissjoni tista' temenda:

(a) il-proċeduri għat-tfassil, trażmissjoni, riċeviment, traduzzjoni, kollezzjoni u distribuzzjoni tal-avviżi msemmija fl-Artikoli 35, 58, 64 u 69 u r-rapporti statistiċi previsti fl-Artikolu 35(4), ir-raba' subparagrafu, u fl-Artikoli 75 u 76;

(b) il-proċedura biex tintbagħat u tippubblika d-data msemmija fl-Anness VIII fuq raġunijiet ta' progress tekniku jew għal raġunijiet amministrattivi.

2. Il-Kummissjoni tista' temenda l-elementi li ġejjin:

(a) il-proċeduri tekniċi għal metodi ta' kalkulazzjoni ddikjarati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 78(1) u fl-Artikolu 78(3);

(b) il-proċeduri għar-referenza speċifika għal pożizzjonijiet speċifiċi fin-nomenklatura CPV fl-avviżi;

(ċ) il-lista tal-korpi u kategoriji ta' korpi governati mil-liġi pubblika fl-Anness III, meta, fuq il-bażi ta' notifiki mill-Istati Membri, emenda bħal din tirriżulta neċessarja;

(d) il-lista tal-awtoritajiet tal-gvern ċentrali fl-Anness IV, wara l-adattazzjonijiet neċessarji biex jagħtu effett lil dan il-Ftehim;

(e) in-numri ta' referenza fin-nomenklatura ddikjarati fl-Anness I, sakemm dawn ma jbiddlux l-iskop materjali ta' din id-Direttiva, u l-proċeduri għar-referenza għal pożizzjonijiet partikolari ta' dik in-nomenklatura fl-avviżi;

(f) in-numri ta' referenza fin-nomenklatura ddikjarati fl-Anness II, sakemm dawn ma jbiddlux l-iskop materjali ta' din id-Direttiva, u l-proċeduri għar-referenza għal pożizzjonijiet partikolari ta' dik in-nomenklatura ġewwa l-kategoriji ta' servizzi elenkati fl-Anness;

(g) id-dettalji tekniċi u l-karatteristiċi tal-istrumenti għar-riċeviment elettroniku msemmija f'punti (a), (f) u (g) tal-Anness X.

Billi dawk il-miżuri huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 77(3). Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 77(5).

▼B

Artikolu 80

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji li jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2006. Huma għandhom minnufih jinfurmaw il-Kummissjoni tagħhom.

▼B

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, huma għandhom jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li jagħmlu referenza bħal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam koprut minn din id-Direttiva.

Artikolu 81

Mekkaniżmi ta' monitoraġġ

Konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 fuq il-kordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi relatati ma' l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-assenjament ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi ([1]), l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva b'mekkaniżmi effettivi, disponibbli u trasparenti.

Għal dan il-fini huma jistgħu, fost affarijiet oħra, jaħtru jew jistabbilixxu korp indipendenti.

Artikolu 82

Tibdiliet

Id-Direttiva 92/50/KEE, ħlief għall-Artikolu 41 tagħha, u d-Direttivi 93/36/KEE u 93/37/KEE għandhom jiġu mibdula b'effett mid-data esibita fl-Artikolu 80, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskadenzi għat-trasposizzjoni u l-applikazzjoni ddikjarati fl-Anness XI.

Ir-referenzi għad-Direttivi mibdulin għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għad-Direttivi u għandhom jiġu moqrija skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XII.

Artikolu 83

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 84

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 92/50/KEE.

▼B

ANNESS I

LISTA TA' ATTIVITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(2), PUNT (b)(1) [1]

▼M7

NACE [1]					Kodiċi CPV
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
45			Kostruzzjoni	Din id-diviżjoni tinkludi: Kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawrar u tiswijiet komuni	45000000
	45.1		Preparazzjoni tas-sit		45100000
		45.11	Demolizzjoni u tifrik ta' bini; ċaqliq ta' l-art	Din il-klassi tinkludi: — demolizzjoni ta' bini u strutturi oħra — tindif ta' siti ta' bini — ċaqliq ta' l-art: skavar, landfill, livellar u kklasifikar ta' siti ta' kostruzzjoni, tħaffir ta' trinek, tneħħija ta' blat, titjir etċ. — preparazzjoni ta' sit għal tħaffir fil-minjieri: — tneħħija ta' ġebel u żviluppi u preparazzjonijiet oħra ta' proprjetajiet u siti minerali Din il-klassi tinkludi: — dranaġġ tas-sit tal-bini — dranaġġ ta' l-art agrikolu jew msaġġra	45110000
		45.12	Drilling bi prova u tħaffir	Din il-klassi tinkludi: — drilling bi prova, tħaffir bi prova u core sampling għal kostruzzjoni, ġeofiżika, ġeoloġika jew skopijiet similari Din il-klassi teskludi: — drilling ta' produzzjoni tal-bjar taż-żejt jew gass, ara 11.20 — drilling ta' bir ta' l-ilma, ara 45.25 — tħaffir ta' xaft, ara 45.25 — esplorazzjoni ta' l-art fejn jinsabu żejt u gass, ġeofiżika, ġeoloġiku u kejl sismiku, ara 74.20	45120000
	45.2		Bini ta' kostruzzjonijiet kompleti jew partijiet tagħhom; inġinerija ċivili		45200000

[1] F'ka\ ta' xi differenza ta' interpretazzjoni bejn i'-CPV u l-NACE, n-nomenklatura ta' l-NACE tapplika.

▼**M7**

NACE ([1])					Kodiċi CPV
SEZZJONI F			KOSTRUZZJONI		
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
